# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 349

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 57

5 ta’ Diċembru 2014


Werrej

I *Atti leġiżlattivi*

DIRETTIVI


★ **Direttiva 2014/104/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta’ Novembru 2014 dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea** [1] ........................... 1


II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1290/2014 tal-4 ta’ Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u jemenda r-Regolament (UE) Nru 960/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014** ........................................ 20

★ **Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1291/2014 tas-16 ta’ Lulju 2014 dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni mingħajr ittestjar ta’ pannelli b’bażi tal-injam taħt EN13986 u panelli u kisi tal-injam mastizz taħt EN14915 fir-rigward tal-kapaċità ta’ protezzjoni min-nar tagħhom, meta jintużaw biex jgħattu ħitan u soqfa** [1] ............................ 25

★ **Regolament ta’ Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1292/2014 tas-17 ta’ Lulju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta’ ċerti pavimenti tal-injam mhux miksi skont EN14342 fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar** [1] ..................................... 27


[1] Test b’rilevanza għaż-ŻEE

**MT**

L-Atti b’titoli b’tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta’ kuljum ta’ affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.
It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b’tipa skura u mmarkati b’asterisk quddiemhom.

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 1293/2014 tas-17 ta' Lulju 2014 dwar il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni mingħajr ittestjar, tal-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi ta' ġewwa koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-1, tal-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi minn barra koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-2 u tal-gwarniċi għat-tond tal-metall u l-profili metalliċi koperti bl-istandard armonizzat EN 14353, fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar** ([1]) ..... 29

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1294/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1238/95 rigward il-livell tat-tariffa fuq l-applikazzjoni u tat-tariffa fuq l-eżami li jridu jitħallsu lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti** 30

★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1295/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali** ([1]) 33

Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1296/2014 tal-4 ta' Diċembru 2014 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex ..... 41

DIRETTIVI

★ **Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/105/UE tal-4 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE li jistabbilixxu miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rispettivament, fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex** ([1]) ..... 44

DEĊIŻJONIJIET

2014/871/UE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-1 ta' Diċembru 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-Tmien Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali fir-rigward tal-proposta għal emenda fl-Anness I ta' dik il-Konvenzjoni** ..... 50

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK** 58

2014/873/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2014 li tħassar id-Deċiżjoni 2002/249/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti konnessi mal-industrija tas-sajd u dawk tal-akkwakultura, intiżi għall-konsum uman u importati mill-Mjanmar** *(notifikata bid-dokument C(2014) 9057)* ([1]) ..... 61

2014/874/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha** *(notifikata bid-dokument C(2014) 9113)* ([1]) ..... 63

([1]) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

2014/875/UE:

★ **Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Diċembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN 15649-2:2009+A2:2013 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu u tar-referenzi tal-istandard EN 957-6:2010+A1:2014 għat-tagħmir fiss għat-taħriġ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** [1] ................................. 65

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2014/104/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tas-26 ta' Novembru 2014**

**dwar ċerti regoli li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni skont il-liġi nazzjonali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u tal-Unjoni Ewropea**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 103 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([2]),

Billi:

(1) L-Artikoli 101 u 102 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huma kwistjoni ta' politika pubblika u għandhom jiġu applikati b'mod effettiv fl-Unjoni kollha sabiex jiġi żgurat li l-kompetizzjoni fis-suq intern ma tiġix imfixkla.

(2) L-infurzar pubbliku tal-Artikoli 101 u 102 TFUE jitwettaq mill-Kummissjoni bl-użu tas-setgħat previsti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([3]). Mad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona fl-1 ta' Diċembru 2009, l-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea saru l-Artikoli 101 u 102 TFUE, u għadhom identiċi fis-sustanza. L-infurzar pubbliku jitwettaq ukoll mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni, li jistgħu jieħdu d-deċiżjonijiet elenkati fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. F'konformità ma' dak ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jinnominaw awtoritajiet amministrattivi kif ukoll ġudizzjarji biex japplikaw l-Artikoli 101 u 102 TFUE bħala infurzaturi pubbliċi u biex iwettqu l-funzjonijiet varji mogħtija lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni minn dak ir-Regolament.

(3) L-Artikoli 101 u 102 TFUE jipproduċu effetti diretti fir-relazzjonijiet bejn l-individwi u joħolqu, għall-individwi kkonċernati, drittijiet u obbligi li l-qrati nazzjonali jridu jinfurzaw. Il-qrati nazzjonali għandhom rwol ugwalment essenzjali fl-applikazzjoni tar-regoli dwar il-kompetizzjoni (infurzar privat). Meta jieħdu deċiżjoni dwar tilwim bejn individwi privati, huma jipproteġu d-drittijiet soġġettivi skont il-liġi tal-Unjoni, pereżempju billi jagħtu kumpens għad-danni lill-vittmi ta' ksur. L-effett sħiħ tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, u b'mod partikolari l-effett prattiku tal-projbizzjonijiet stipulati fihom, jeħtieġ li kulħadd — sew jekk individwu, inklużi konsumaturi u impriżi, jew

([1]) ĠU C 67, 6.3.2014, p. 83.
([2]) Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Novembru 2014.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

awtorità pubblika — ikun jista' jagħmel pretensjoni għal kumpens quddiem il-qrati nazzjonali għall-ħsara kkawżata lilu minn ksur ta' dawk id-dispożizzjonijiet. Id-dritt għal kumpens fil-liġi tal-Unjoni japplika bl-istess mod għall-ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE minn impriżi pubbliċi u minn impriżi li ġew fdati bi drittijiet speċjali jew esklużivi mill-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 106 TFUE.

(4) Id- dritt fil-liġi tal-Unjoni għall-kumpens għal dannu li jirriżulta minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni nazzjonali u tal-Unjoni jirrikjedi li kull Stat Membru jkollu regoli proċedurali li jiżguraw l-eżerċizzju effettiv ta' dak id-dritt. Il-ħtieġa għal rimedji proċedurali effettivi tirriżulta wkoll mid-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva kif stipulat fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. L-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni legali effettiva fl-oqsma koperti mil-liġi tal-Unjoni.

(5) L-azzjonijiet għad-danni huma biss element wieħed minn sistema effettiva ta' infurzar privat ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u huma kkumplimentati minn possibilitajiet alternattivi ta' rimedju, bħar-riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim u deċiżjonijiet ta' infurzar pubbliku li jinċentivaw lill-partijiet biex jipprovdu kumpens.

(6) Sabiex jiġu żgurati azzjonijiet ta' infurzar privat skont il-liġi ċivili u infurzar pubbliku effettiv mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, huwa meħtieġ li ż-żewġ għodod jinteraġixxu biex tiġi żgurata l-effettività massima tar-regoli dwar il-kompetizzjoni. Huwa meħtieġ li tiġi rregolata l-koordinazzjoni ta' dawk iż-żewġ forom ta' infurzar, b'mod koerenti, pereżempju fir-rigward tal-arranġamenti għall-aċċess għad-dokumenti miżmuma mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Tali koordinazzjoni fil-livell tal-Unjoni tevita wkoll id-diverġenza tar-regoli applikabbli, li tista' tikkomprometti l-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

(7) Skont l-Artikolu 26(2) TFUE, is-suq intern jinkludi żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment ħieles tal-oġġetti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital huwa żgurat. Hemm differenzi kbar bejn ir-regoli fl-Istati Membri li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni għal ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Dawk id-differenzi jwasslu għal inċertezza fir-rigward tal-kondizzjonijiet li taħthom, il-partijiet li jkunu ġarrbu ħsara jistgħu jeżerċitaw id-dritt għall-kumpens li għandhom skont it-TFUE u jaffettwaw l-effettività sostantiva tat-tali dritt. Billi l-partijiet li ġarrbu l-ħsara ta' spiss jagħżlu l-Istat Membru tagħhom ta' stabbiliment bħala l-forum li fih jitolbu kumpens għad-danni, id-diskrepanzi bejn ir-regoli nazzjonali jwasslu għal kondizzjonijiet mhux indaqs fir-rigward tal-azzjonijiet għad-danni u għalhekk jistgħu jaffettwaw il-kompetizzjoni fis-swieq li fihom jaħdmu dawn il-partijiet li ġarrbu l-ħsara u l-impriżi li wettqu l-ksur.

(8) L-impriżi stabbiliti u li qegħdin jaħdmu f'diversi Stati Membri huma soġġetti għal regoli proċedurali differenti li jaffettwaw b'mod sinifikanti l-punt sa liema jkunu jistgħu jitqiesu responsabbli għall-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Dan l-infurzar mhux indaqs tad- dritt għall-kumpens fil-liġi tal-Unjoni jista' jirriżulta mhux biss f'vantaġġ kompetittiv għal xi impriżi li kisru l-Artikolu 101 jew 102 TFUE, iżda wkoll f'diżinċentiv għall-eżerċizzju tad-drittijiet ta' stabbiliment u l-provvista ta' oġġetti jew servizzi f'dawk l-Istati Membri fejn id-dritt għal kumpens huwa infurzat b'mod aktar effettiv. Minħabba li d-differenzi fir-reġimi ta' responsabbiltà applikabbli fl-Istati Membri jistgħu jaffettwaw b'mod negattiv kemm il-kompetizzjoni kif ukoll il-funzjonament tajjeb tas-suq intern, huwa adatt li din id-Direttiva tiġi bbażata fuq il-bażijiet legali doppji tal-Artikoli 103 u 114 TFUE.

(9) Filwaqt li jiġi kkunsidrat li l-ksur fuq skala kbira tal-liġi tal-kompetizzjoni spiss ikollu element transkonfinali, jeħtieġ li jiġu żgurati kondizzjonijiet aktar indaqs għall-impriżi li jaħdmu fis-suq intern u li jittejbu l-kondizzjonijiet għall-konsumaturi biex jeżerċitaw id-drittijiet li huma jiksbu mis-suq intern. Għalhekk huwa xieraq li tiżdied iċ-ċertezza legali u li jitnaqqsu d-differenzi bejn l-Istati Membri fir-regoli nazzjonali li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni għall-ksur kemm tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni kif ukoll tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni meta din tiġi applikata b'mod parallel mal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Approssimazzjoni ta' dawk ir-regoli tgħin biex tiġi evitata ż-żieda ta' differenzi bejn ir-regoli tal-Istati Membri li jirregolaw l-azzjonijiet għad-danni fil-każijiet ta' kompetizzjoni.

(10) L-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 jipprevedi li "[f]ejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri u qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal ftehim, deċiżjonijiet minn assoċjazzjonijiet tal-impriża jew prattiċi miftiehma fis-sens tal-Artikolu [101(1) TFUE] li jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu [101 TFUE] għal ftehim bħal dawn, deċiżjonijiet jew prattiċi miftiehma. Fejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-Istati Membri jew qrati nazzjonali japplikaw liġijiet nazzjonali tal-kompetizzjoni għal xi kwalunkwe abbuż projbit mill-Artikolu [102 TFUE], dawn ħa japplikaw ukoll l-Artikolu [102 TFUE]." Fl-interessi tal-funzjonament tajjeb tas-suq intern u għal ċertezza legali akbar u kondizzjonijiet aktar indaqs għall-impriżi u l-konsumaturi, huwa xieraq li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva jiġi estiż għall-azzjonijiet għad-danni bbażati fuq il-ksur tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni meta tiġi applikata skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003. L-applikazzjoni ta' regoli differenti dwar ir-responsabbiltà ċivili fir-rigward tal-ksur tal-Artikolu 101 jew102 TFUE u fir-rigward tal-ksur tar-regoli tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni li għandhom jiġu applikati fl-istess każijiet b'mod parallel għal-liġi

tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni jaffettwaw b'mod negattiv il-pożizzjoni tal-atturi fl-istess każ u l-ambitu tal-pretensjonijiet tagħhom, u jikkostitwixxu ostakolu għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern. Din id-Direttiva ma għandhiex jaffettwa azzjonijiet għad-danni fir-rigward ta' ksur tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni li ma jaffettwax il-kummerċ bejn l-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE.

(11) Fin-nuqqas tal-liġi tal-Unjoni, l-azzjonijiet għad-danni huma rregolati mir-regoli u l-proċeduri nazzjonali tal-Istati Membri. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Qorti tal-Ġustizzja), kwalunkwe persuna tista' titlob kumpens għal ħsara mġarrba fejn ikun hemm relazzjoni kawżali bejn dik il-ħsara u ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Jeħtieġ li r-regoli nazzjonali kollha li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt għall-kumpens għal ħsara li tirriżulta minn ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, inklużi dawk li jikkonċernaw aspetti mhux ikkunsidrati minn din id-Direttiva bħal pereżempju l-kunċett tar-relazzjoni kawżali bejn il-ksur u l-ħsara, josservaw il-prinċipji tal-effettività u l-ekwivalenza. Dan ifisser li ma għandhomx ikunu fformulati jew applikati b'mod li jagħmilha eċċessivament diffiċli jew prattikament impossibbli biex jiġi eżerċitat id-dritt għall-kumpens iggarantit mit-TFUE jew b'mod inqas favorevoli minn dawk li japplikaw għal azzjonijiet domestiċi simili. Meta l-Istati Membri jipprovdu kondizzjonijiet oħra għall-kumpens skont il-liġi nazzjonali, bħal kawżalità, adegwatezza jew ħtija huma għandhom ikunu jistgħu jżommu kondizzjonijiet bħal dawn sakemm huma jikkonformaw mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-prinċipji ta' effettività u ekwivalenza, u din id-Direttiva.

(12) Din id-Direttiva tafferma mill-ġdid l-acquis communautaire dwar id-dritt għall-kumpens għall-ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tal-*locus standi* u d-definizzjoni tad-dannu, kif iddikjarat fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, u ma tantiċipa l-ebda żvilupp ulterjuri tiegħu. Kull individwu li ġarrab xi ħsara kkawżata minn tali ksur jista' jagħmel talba għal kumpens għat-telf reali (*damnum emergens*), għall-profitt li ġie miċħud lil dik il-persuna (telf ta' profitt jew *lucrum cessans*), bl-imgħax, irrispettivament minn jekk dawk il-kategoriji ġewx stabbiliti separatament jew flimkien fil-liġi nazzjonali. Il-ħlas tal-imgħax hu komponent essenzjali tal-kumpens biex jagħmel tajjeb għad-dannu sostnut billi tiġi kkunsidrata l-iskadenza taż-żmien u għandu jkun dovut mill-mument li tkun seħħet il-ħsara sal-mument meta jitħallas il-kumpens, mingħajr preġudizzju għall-kwalifika ta' tali interess bħala interess kumpensatorju jew ta' kontumaċja skont il-liġi nazzjonali u mingħajr preġudizzju għall-kwistjoni ta' jekk l-iskadenza taż-żmien tiġix ikkunsidrata bħala kategorija separata (imgħax) jew bħala parti kostitwenti tat-telf reali jew tat-telf tal-profitt. Huwa l-obbligu tal-Istati Membri li jistabbilixxu r-regoli li għandhom jiġu applikati għal dak il-fini.

(13) Id-dritt għall-kumpens huwa rikonoxxut għal kull persuna fiżika jew ġuridika — għall-konsumaturi, għall-impriżi u għall-awtoritajiet pubbliċi bl-istess mod — irrispettivament jekk teżistix relazzjoni kuntrattwali diretta mal-impriża ħatja tal-ksur, u irrispettivament jekk jinstabx jew le li kien hemm ksur fil-passat minn awtorità tal-kompetizzjoni. Din id-Direttiva ma għandhiex tirrikjedi li l-Istati Membri jintroduċu mekkaniżmi ta' rimedju kollettiv għall-infurzar tal-Artikoli 101 u 102 TFUE. Mingħajr preġudizzju għall-kumpens għal telf ta' opportunità, il-kumpens sħiħ skont din id-Direttiva ma għandux iwassal għal kumpens żejjed, sew jekk permezz ta' ħsara punittiva, multipla jew ħsarat oħra.

(14) Azzjonijiet għad-danni għal ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni tipikament jirrikjedu analiżi fattwali u ekonomika kumplessa. L-evidenza meħtieġa biex tiġi ppruvata pretensjoni għad-danni hija ħafna drabi esklużivament f'idejn il-kontroparti jew il-partijiet terzi, u ma tkunx magħrufa biżżejjed mill-attur jew ma tkunx aċċessibbli għalih. F'dawn iċ-ċirkustanzi, rekwiżiti legali stretti biex l-atturi jiddikjaraw fid-dettal il-fatti kollha dwar il-każ sa mill-bidu tal-azzjoni u biex jipprovdu minn qabel elementi ta' evidenza ta' sostenn speċifikati b'mod preċiż jistgħu jimpedixxu indebitament l-eżerċizzju effettiv tad-dritt għall-kumpens iggarantit mit-TFUE.

(15) L-evidenza hija element importanti biex jitressqu azzjonijiet għad-danni għal ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Madankollu, billi l-litigazzjoni rigward il-liġi tal-kompetizzjoni hija kkaratterizzata minn asimmetrija tal-informazzjoni, huwa xieraq li jiġi żgurat li l-atturi jkollhom id-dritt li jiksbu d-divulgazzjoni tal-evidenza li tirrigwarda l-pretensjoni tagħhom, mingħajr ma jkun meħtieġ li jispeċifikaw il-partijiet speċifiċi tal-evidenza. Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza tal-mezzi, dawn tal-aħħar għandhom ikunu wkoll disponibbli għall-konvenuti fl-azzjonijiet għad-danni, sabiex ikunu jistgħu jitolbu għad-divulgazzjoni tal-evidenza minn dawk l-atturi. Il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu wkoll jordnaw li l-evidenza tingħata minn partijiet terzi, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi. Meta l-qorti nazzjonali tkun tixtieq tordna d-divulgazzjoni tal-evidenza mill-Kummissjoni, japplika l-prinċipju fl-Artikolu 4(3) TUE ta' kooperazzjoni sinċiera bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 fir-rigward tat-talbiet għall-informazzjoni. Meta l-qrati nazzjonali jordnaw lill-awtoritajiet pubbliċi biex jiddivulgaw l-evidenza, japplikaw il-prinċipji ta' kooperazzjoni legali u amministrattiva skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali.

(16) Il-Qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu, taħt il-kontroll strett tagħhom, speċjalment rigward in-neċessità u l-proporzjonalità tal-miżuri ta' divulgazzjoni, jordnaw divulgazzjoni ta' partijiet speċifiċi ta' evidenza jew kategoriji ta' evidenza fuq talba ta' parti. Mir-rekwiżit tal-proporzjonalità jirriżulta li jista' jkun hemm ordni għad-divulgazzjoni biss ladarba attur jistabbilixxi b'mod kredibbli, fuq il-bażi ta' fatti li huma disponibbli għal dak l-attur b'mod raġonevoli, li l-attur ikun ġarrab ħsara li ġiet ikkawżata mill-konvenut. Meta talba għad-divulgazzjoni għandha l-għan li tikseb kategorija ta' evidenza, dik il-kategorija għandha tiġi identifikata b'referenza għal karatteristiċi komuni tal-elementi kostituttivi tagħha bħan-natura, is-suġġett jew il-kontenut tad-dokumenti li ntalbet id-divulgazzjoni tagħhom, iż-żmien li matulu tfasslu, jew kriterji oħra, dment li l-evidenza li taqa' f'din il-kategorija hija rilevanti skont it-tifsira ta' din id-Direttiva. Tali kategoriji għandhom jiġu definiti b'mod kemm jista' jkun preċiż u strett abbażi ta' fatti raġonevolment disponibbli.

(17) Meta qorti fi Stat Membru wieħed titlob lil qorti kompetenti fi Stat Membru ieħor biex tiġbor evidenza jew titlob li tinġabar evidenza direttament minn Stat Membru ieħor, japplikaw id-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 ([1]).

(18) Filwaqt li l-evidenza rilevanti li jkun fiha sigrieti kummerċjali jew informazzjoni oħra kunfidenzjali għandha fil-prinċipju tkun disponibbli fl-azzjonijiet għad-danni, it-tali informazzjoni kunfidenzjali għandha tiġi protetta kif xieraq. Il-qrati nazzjonali għalhekk għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom firxa ta' miżuri biex it-tali informazzjoni kunfidenzjali ma tiġix divulgata matul il-proċedimenti. Dawk il-miżuri jistgħu jinkludu l-possibbiltà li partijiet sensittivi f'dokumenti jiġu riveduti, seduti jsiru in camera, jiġu limitati l-persuni li jitħallew jaraw l-evidenza, u istruzzjoni lill-esperti biex jipproduċu sintesi tal-informazzjoni b'mod aggregat jew f'forma mhux kunfidenzjali. Miżuri li jipproteġu s-sigrieti kummerċjali u informazzjoni kunfidenzjali, madankollu, m'għandhiextimpedixxi l-eżerċizzju tad-dritt għall-kumpens.

(19) Din id-Direttiva la taffettwa l-possibbiltà taħt il-liġijiet tal-Istati Membri li jsir appell għal ordnijiet ta' divulgazzjoni, u lanqas il-kondizzjonijiet għall-preżentazzjoni ta' tali appelli.

(20) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([2]) jirregola l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni u huwa mfassal biex jagħti lill-pubbliku dritt għall-aċċess l-aktar wiesa' possibbli għal dokumenti ta' dawk l-istituzzjonijiet. Madankollu, dak id-dritt huwa soġġett għal ċerti limiti bbażati fuq raġunijiet ta' interess Minn dan isegwi li s-sistema ta' eċċezzjonijiet stipulata fl-Artikolu 4 ta' dak ir-Regolament hija bbażata fuq l-ibbilanċjar tal-interessi kuntrarji f'sitwazzjoni partikolari, jiġifieri, l-interessi li jkunu aġevolati mid-divulgazzjoni tad-dokumenti inkwistjoni u, dawk li jkunu kompromessi minn tali divulgazzjoni. Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal tali regoli u prattiki skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

(21) L-effettività u l-konsistenza tal-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jeħtieġu approċċ komuni fl-Unjoni rigward id-divulgazzjoni tal-evidenza li hija inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni. Id-divulgazzjoni tal-evidenza ma għandhiex tnaqqas l-effettività tal-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni minn awtorità tal-kompetizzjoni. Din id-Direttiva ma tkoprix id-divulgazzjoni ta' dokumenti interni ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni jew ta' korrispondenza bejniethom.

(22) Sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni effettiva tad-dritt għal kumpens, mhux meħtieġ li kull dokument relatat mal-proċedimenti skont l-Artikolu 101 jew 102 TFUE jiġi żvelat lil attur għas-sempliċi raġuni tal-intenzjoni tal-attur għal azzjoni għad-danni, peress li huwa ferm improbabbli li l-azzjoni għad-danni tkun teħtieġ li tkun ibbażata fuq l-evidenza kollha fil-fajl relatat ma' dawk il-proċedimenti.

(23) Ir-rekwiżit tal-proporzjonalità għandu jiġi vvalutat b'attenzjoni meta jkun hemm riskju li d-divulgazzjoni tikxef l-istrateġija ta' investigazzjoni ta' awtorità tal-kompetizzjoni billi jiġi divulgat liema dokumenti huma parti mill-fajl jew riskji li għandhom effett negattiv fuq il-mod li bih l-impriżi jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-prevenzjoni ta' "spedizzjonijiet ta' ġbir ta' informazzjoni", jiġifieri t-tiftix mhux speċifiku jew mifrux ħafna għal informazzjoni li huwa probabbli li ma tkunx ta' rilevanza għall-partijiet għall-proċedimenti. Għalhekk it-talbiet għad-divulgazzjoni ma għandhomx jitqiesu proporzjonati meta jirreferu għad-divulgazzjoni ġenerika tad-dokumenti fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni relatati ma' każ speċifiku, jew id-divulgazzjoni ġenerika ta' dokumenti ppreżentati minn parti fil-kuntest ta' każ partikolari. Tali talbiet wesgħin għad-divulgazzjoni ma jkunux kompatibbli mad-dmir tal-parti li qed tagħmel it-talba li tispeċifika l-oġġetti ta' evidenza jew il-kategoriji tal-evidenza b'mod l-aktar preċiż u strett possibbli.

---

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001 tat-28 ta' Mejju 2001 dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU L 174, 27,6.2001, p. 1).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43).

(24) Din id-Direttiva ma taffettwax id-dritt tal-qrati li jikkunsidraw, skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali, l-interessi tal-infurzar pubbliku effettiv tal-liġi tal-kompetizzjoni meta jordnaw divulgazzjoni ta' kwalunkwe tip ta' evidenza bl-eċċezzjoni ta' dikjarazzjonijiet ta' klemenza u sottomissjonijiet ta' riżolviment.

(25) Għandha tapplika eżenzjoni fir-rigward ta' kull divulgazzjoni li, jekk tingħata, tinterferixxi bla bżonn ma' investigazzjoni li tkun għaddejja minn awtorità tal-kompetizzjoni rigward il-ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. L-informazzjoni li tħejjiet minn awtorità tal-kompetizzjoni matul il-proċedimenti tagħha għall-infurzar tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni u li ntbagħtet lill-partijiet għal dawk il-proċedimenti (bħal, pereżempju, "Dikjarazzjoni tal-Oġġezzjonijiet") jew imħejjija minn parti f'dawk il-proċedimenti (bħal pereżempju tweġibiet għat-talbiet ta' informazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni jew dikjarazzjonijiet tax-xhieda), għandhom għalhekk ikunu jistgħu jiġu divulgati f'azzjonijiet għad-danni biss wara li l-awtorità tal-kompetizzjoni tkun għalqet il-proċedimenti tagħha, pereżempju bl-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 5 jew skont il-Kapitolu III tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 bl-eċċezzjoni ta' deċiżjonijiet dwar miżuri temporanji.

(26) Il-programmi ta' klemenza u l-proċeduri ta' riżolviment huma għodda importanti għall-infurzar pubbliku tal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni minħabba li jikkontribwixxu għall-iskoperta u l-prosekuzzjoni effiċjenti tal-impożizzjoni ta' penali għall-aktar ksur serju tal-liġi tal-kompetizzjoni. Barra minn hekk, peress li ħafna deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni f'każijiet ta' kartell huma bbażati fuq l-applikazzjoni għall-klemenza, u azzjonijiet għad-danni f'każijiet ta' kartell ġeneralment isegwu minn dawk id-deċiżjonijiet, il-programmi ta' klemenza huma wkoll importanti għall-effettività tal-azzjonijiet għad-danni f'każijiet ta' kartell. L-impriżi jistgħu jaqtgħu qalbhom milli jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni taħt il-programmi ta' klemenza u l-proċeduri ta' riżolviment jekk jiġu divulgati dikjarazzjonijiet awtoinkriminanti bħal dikjarazzjonijiet ta' klemenza u sottomissjonijiet ta' riżolviment, li huma prodotti unikament għall-fini tal- kooperazzjoni mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Tali divulgazzjoni tippreżenta riskju li tesponi impriżi li qed jikkooperaw jew il-persunal maniġerjali tagħhom għal responsabbiltà ċivili jew kriminali taħt kondizzjonijiet agħar milli dawk tal-kokontraventuri li ma jikkooperawx mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni. Sabiex tiġi żgurata l-volontà kontinwa tal-impriżi biex javviċinaw b'mod volontarju lill-awtoritajiet b'dikjarazzjonijiet ta' klemenza jew sottomissjonijiet ta' riżolviment, tali dikjarazzjonijiet għandhom ikunu eżenti mid-divulgazzjoni tal-evidenza. Dik l-eżenzjoni għandha tapplika wkoll għal kwotazzjonijiet verbatim minndikjarazzjonijiet ta' klemenza jew sottomissjonijiet ta' riżolviment inklużi f'dokumenti oħra. Dawk il-limitazzjonijiet għad-divulgazzjoni tal-evidenza ma għandhomx jipprevjenu lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni milli jippubblikaw id-deċiżjonijiet tagħhom skont il-liġi applikabbli tal-Unjoni jew nazzjonali. Sabiex jiġi żgurat li dik l-eżenzjoni ma tinterferixxix mingħajr raġuni mad-drittijiet ta' partijiet milquta għal kumpens, għandha tiġi limitata għal dawk id-dikjarazzjonijiet volontarji u awtoinkriminanti u s-sottomissjonijiet ta' riżolviment.

(27) Ir-regoli f'din id-Direttiva dwar id-divulgazzjoni ta' dokumenti apparti dokumenti ta' klemenza u sottomissjonijiet ta' riżolviment jiżguraw li l-partijiet li jkunu ġarrbu ħsara jibqa' jkollhom mezzi alternattivi suffiċjenti li bihom jiksbu aċċess għall-evidenza li jeħtieġu sabiex iħejju l-azzjonijiet tagħhom għad-danni. Il-qrati nazzjonali għandhom, fuq talba minn attur, ikunu jistgħu jkollhom aċċess għal dokumenti li għalihom tiġi invokata l-eżenzjoni sabiex jiġi vverifikat jekk il-kontenuti tagħhom jaqgħux barra id-definizzjonijiet ta' dikjarazzjonijiet ta' klemenza u sottomissjonijiet ta' riżolvimenti stabbiliti f'din id-Direttiva. Kwalunkwe kontenut li jaqa' barra dawk id-definizzjonijiet għandu jista' jkun divulgat taħt il-kondizzjonijiet rilevanti.

(28) Il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jordnaw fi kwalunkwe ħin, fil-kuntest ta' azzjoni għal danni, id-divulgazzjoni ta' evidenza li teżisti indipendentement mill-proċedimenti ta' awtorità ta' kompetizzjoni ("informazzjoni preeżistenti").

(29) Id-divulgazzjoni ta' evidenza għandha tiġi ordnata minn awtorità tal-kompetizzjoni biss meta dik l-evidenza ma tistax tinkiseb b'mod raġonevoli minn parti oħra jew minn parti terza.

(30) Skont l-Artikolu 15(3) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni, fuq inizjattiva tagħhom stess, jistgħu jibagħtu osservazzjonijiet bil-miktub lill-qrati nazzjonali dwar kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE. Sabiex jiġi ppreservat il-kontribut magħmul mill-infurzar pubbliku għall-applikazzjoni ta' dawk l-Artikoli, l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni għandhom bl-istess mod ikunu jistgħu, fuq inizjattiva tagħhom stess, jibagħtu l-osservazzjonijiet tagħhom, lill-qrati nazzjonali sabiex jivvalutaw il-proporzjonalità tad-divulgazzjoni tal-evidenza fil-fajls tal-awtoritajiet, fid-dawl tal-impatt li tali divulgazzjoni jkollha fuq l-effettività tal-infurzar pubbliku tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jistabbilixxu sistema li permezz tagħha awtorità tal-kompetizzjoni tiġi infurmata bit-talbiet għad-divulgazzjoni tal-informazzjoni meta l-persuna li titlob id-divulgazzjoni jew il-persuna li mingħandha hija mitluba d-divulgazzjoni hija involuta f'dik l-investigazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni tal-ksur allegat, mingħajr preġudizzju għal-liġijiet nazzjonali li jipprevedu proċedimenti *ex-parte*.

(31) Kull persuna fiżika jew ġuridika li tikseb l-evidenza permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni għamdha tkun tista' tuża dik l-evidenza għall-finijiet ta' azzjoni għad-danni li tkun parti minnha. Tali użu għandu wkoll jiġi permess min-naħa ta' kull persuna fiżika jew ġuridika li tkun ittrasferiet id-drittijiet u l-obbligi tagħha, inkluż permezz tax-xiri tal-pretensjoni tagħha. Fejn l-evidenza tkun inkisbet minn persuna ġuridika li tifforma parti minn grupp korporattiv li jikkostitwixxi impriża waħda għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, persuni ġuridiċi oħrajn li jappartjenu għall-istess impriża għandhom ukoll ikunu jistgħu jużaw dik l-evidenza.

(32) Madankollu, l-użu ta' evidenza miksuba permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni ma għandux inaqqas bla raġuni l-effettività tal-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni minn awtorità tal-kompetizzjoni. Sabiex jiġi żgurat li l-limitazzjonijiet fuq id-divulgazzjoni stabbiliti f'din id-Direttiva ma jiġux kompromessi, l-użu ta' evidenza tat-tipi msemmija fil-premessi 24 u 25 li nkisbet unikament permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni għandu jkun limitat taħt l-istess ċirkostanzi. Il-limitazzjoni għandha tieħu l-forma ta' inammissibbiltà f'azzjonijiet għal danni jew il-forma ta' kwalunkwe protezzjoni oħra skont regoli nazzjonali applikabbli li jistgħu jiżguraw l-effett sħiħ tal-limiti fuq id-divulgazzjoni ta' dik it-tip ta' evidenza. Barra minn hekk, l-evidenza miksuba minn awtorità tal-kompetizzjoni ma għandhiex issir oġġett ta' skambju. Il-possibbiltà li tintuża l-evidenza li tkun inkisbet biss permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni għalhekk għandha tkun limitata għall-persuna fiżika jew ġuridika li oriġinalment ingħatalha aċċess u s-suċċessuri legali tagħha. Madankollu, dik il-limitazzjoni biex jiġi evitat il-kummerċ ta' evidenza ma tipprojbixxix lil qorti nazzjonali milli tordna d-divulgazzjoni ta' dik l-evidenza skont il-kondizzjonijiet previsti f'din id-Direttiva.

(33) Il-fatt li pretensjoni għad-danni tinbeda, jew li investigazzjoni minn awtorità tal-kompetizzjoni tiġi skattata, jinvolvi riskju li l-persuni kkonċernati jistgħu jeqirdu jew jaħbu l-evidenza li tista' tkun utli biex tiġi sostanzjata pretensjoni għad-danni ta' parti li ġarrbet ħsara. Sabiex l-evidenza rilevanti ma tiġix distrutta u biex ikun żgurat li ordnijiet tal-qorti rigward id-divulgazzjoni ta' evidenza jitwettqu, il-qrati nazzjonali għandu jkollhom is-saħħa li jimponu penali suffiċjentement deterrenti. Safejn jirrigwarda l-partijiet fil-proċedimenti, ir-riskju li jsiru inferenzi negattivi fil-proċedimenti għad-danni jista' jkun penalità partikolarment effettiva u jista' jgħin biex jiġi evitat dewmien żejjed. Għandu jkun hemm ukoll penali għal min ma jonorax l-obbligu ta' protezzjoni ta' informazzjoni kunfidenzjali u għal użu abbużiv minn informazzjoni li tkun divulgata. B'mod simili, għandhom ikunu disponibbli penali jekk l-informazzjoni miksuba permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni jiġi użat b'mod abbużiv f'azzjonijiet għad-danni.

(34) L-iżgurar tal-applikazzjoni effettiva u konsistenti tal-Artikoli 101 u 102 TFUE mill-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jeħtieġu approċċ komuni fl-Unjoni kollha fir-rigward tal-effett tad-deċiżjonijiet finali dwar il-ksur tal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fuq azzjonijiet sussegwenti għad-danni. Deċiżjonijiet bħal dawn huma adottati biss wara li l-Kummissjoni tkun ġiet infurmata dwar id-deċiżjoni prevista jew, fin-nuqqas ta' dan, kull dokument ieħor li jindika d-direzzjoni tal-azzjoni proposta skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, u jekk il-Kummissjoni ma tkunx neħħiet il-kompetenza tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni billi tibda l-proċedimenti skont l-Artikolu 11(6) ta' dak ir-Regolament.Il-Kummissjoni għandha tiżgura l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni billi tipprovdi gwida lill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni nazzjonali b'mod bilaterali u fil-qafas tan-Netwerk Ewropew għall-Kompetizzjoni. Sabiex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, biex tiġi evitata l-inkonsistenza fl-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, biex tiżdied l-effettività u l-effikaċja proċedurali tal-azzjonijiet għad-danni u biex jitrawwem il-funzjonament tas-suq intern għall-impriżi u l-konsumaturi, is-sejba ta' ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE f'deċiżjoni finali minn awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew qorti tal-appell ma għandhiex terġa' tgħaddi minn litigazzjoni f'azzjonijiet sussegwenti għad-danni. Għaldaqstant tali sejba għandha titqies li tkun stabbilita b'mod inkontestabbli f'azzjonijiet għal danni miġjuba fl-Istat Membru tal-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew tal-qorti tal-appell dwar dak il-ksur. Madankollu, l-effett tas-sejba għandu jkopri biss in-natura tal-ksur u l-kamp ta' applikazzjoni materjali, personali, temporali u territorjali tiegħu kif determinat mill-awtorità tal-kompetizzjoni jew qorti tal-appell fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħha. Fejn dikjarazzjoni tgħid li d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni nkisru f'każijiet fejn il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni huma applikati fl-istess każ u b'mod parallel, dak il-ksur għandu wkoll jitqies li ġie stabbilit b'mod irribattibbli.

(35) Meta azzjoni għad-danni titressaq fi Stat Membru li mhuwiex Stat Membru ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew qorti tal-appell li sab il-ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE li jirrigwarda l-azzjoni, għandu jkun possibbli li dik is-sejba tiġi ppreżentata f'deċiżjoni finali mill-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew il-qorti tal-appell quddiem il-qorti nazzjonali bħala evidenza, tal-anqas prima facie, tal-fatt li jkun seħħ ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Is-sejba tista' tiġi vvalutata, kif xieraq, flimkien ma' kwalunkwe evidenza oħra miġjuba mill-partijiet. L-effetti ta' deċiżjonijiet mill-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni u l-qrati tal-appell li jsibu ksur tar-regoli ta' kompetizzjoni huma mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qrati nazzjonali taħt l-Artikolu 267 TFUE.

(36) Ir-regoli nazzjonali dwar il-bidu, it-tul, is-sospensjoni jew l-interruzzjoni tal-perijodi ta' preskrizzjoni ma għandhomx ixekklu milli jitressqu azzjonijiet għad-danni. Dan huwa partikolarment importanti fir-rigward tal-azzjonijiet li jibnu fuq is-sejba ta' ksur minn awtorità tal-kompetizzjoni jew qorti tal-appell. Għan dan il-għan, għandu jkun possibbli li titressaq azzjoni għad-danni wara l-proċedimenti ta' awtorità tal-kompetizzjoni, bil-ħsieb li tkun infurzata l-liġi nazzjonali u tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni. Il-perijodu ta' preskrizzjoni ma għandux jibda jgħodd qabel ma l-ksur ikun waqaf u qabel ma attur ikun jaf, jew jista' jkun mistenni raġonevolment li jkun jaf, l-imġiba li tikkostitwixxi l-ksur, il-fatt li l-ksur ikkawża ħsara lill-attur u l-identità tal-kontraventur. L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jżommu jew jintroduċu perijodi ta' limitazzjoni assoluti li huma ta' applikazzjoni ġenerali, dment li t-tul ta' żmien ta' tali perijodi ta' limitazzjoni assoluti ma jagħmilx prattikament impossibbli jew eċċessivament diffiċli l-eżerċizzju tad-dritt għal kumpens sħiħ.

(37) Meta bosta impriżi jiksru r-regoli dwar il-kompetizzjoni b'mod konġunt, bħal pereżempju fil-każ ta' kartell, huwa xieraq li jiġi previst li dawk il-kokontraventuri jkunu responsabbli *in solidum* għall-ħsara kollha kkawżata mill-ksur. Kokontraventur għandu jkollu d-dritt li jikseb kontribuzzjoni minn kokontraventuri oħra jekk huwa jkun ħallas kumpens aktar mis-sehem tiegħu. Id-determinazzjoni ta' dak is-sehem bħala r-responsabbiltà relattiva ta' kontraventur speċifiku u l-kriterji rilevanti, bħal pereżempju l-fatturat, is-sehem fis-suq, jew ir-rwol fil-kartell, hija kwistjoni għal-liġi nazzjonali applikabbli, filwaqt li jiġu rispettati l-prinċipji tal-effettività u l-ekwivalenza.

(38) L-impriżi li jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fi programm ta' klemenza għandhom rwol ewlieni fitturija ta' ksur sigriet ta' kartell u biex iwaqqfu dan il-ksur, u b'hekk ta' spiss inaqqsu l-ħsara li setgħet tiġi kkawżata li kieku kompla sar il-ksur. Għalhekk huwa xieraq li jiġi previst li l-impriżi li jkunu rċevew l-immunità minn multi minn awtorità tal-kompetizzjoni fi programm ta' klemenza jiġu protetti milli jiġu esposti bla bżonn għall-pretensjonijiet għad-danni, filwaqt li jitqies li d-deċiżjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni li tkun sabet il-ksur tista' ssir finali għall-benefiċjarju tal-immunità qabel ma ssir finali għal impriżi oħra li ma jkunux irċevew l-immunità, u b'hekk jagħmlu potenzjalment lill-benefiċjarju tal-immunità l-mira preferenzjali tal-litigazzjoni. Għalhekk huwa xieraq li l-benefiċjarju tal-immunità jinħeles fil-prinċipju mir-responsabbiltà *in solidum* għall-ħsara kollha u li kwalunkwe kontribuzzjoni li jrid jagħmel vis-à-vis l-kokontraventuri ma jaqbiżx l-ammont tal-ħsara kkawżata lix-xerrejja diretti jew indiretti tiegħu stess jew, fil-każ ta' kartell għax-xiri, il-fornituri diretti jew indiretti tiegħu. Sal-punt fejn kartell ikun ikkawża ħsara lil oħrajn li mhumiex il-klijenti jew il-fornituri tal-kontraventuri, il-kontribuzzjoni tal-benefiċjarju tal-immunità ma għandhiex taqbeż ir-responsabbiltà relattiva tiegħu għall-ħsara kkawżata mill-kartell. Dak is-sehem għandu jiġi determinat skont l-istess regoli li ntużaw biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet bejn il-kontraventuri. Il-benefiċjarju tal-immunità għandu jibqa' responsabbli bis-sħiħ għall-partijiet li jkunu ġarrbu l-ħsara għajr ix-xerrejja jew il-fornituri diretti jew indiretti tiegħu biss meta dawn ma jistgħux jiksbu kumpens sħiħ minn kontraventuri oħra.

(39) Il-ħsara fil-forma ta' telf reali tista' tirriżulta mid-differenza fil-prezz bejn dak li fil-fatt tħallas u dak li kieku kellu jitħallas kieku ma kienx hemm il-ksur tal-liġi. Meta parti li tkun ġarrbet ħsara tkun naqqset it-telf reali tagħha billi tittrasferih kollu jew parzjalment lix-xerrejja tagħha stess, it-telf li jkun ġie trasferit ma jkunx jirrappreżenta aktar ħsara li għaliha l-parti li tkun ittrasferietu jeħtieġ li tikseb kumpens. Għalhekk huwa xieraq fil-prinċipju li kontraventur jiġi permess li jinvoka t-trasferiment tat-telf reali bħala difiża kontra pretensjoni għad-danni. Huwa xieraq li jiġi previst li l-kontraventur, sakemm jinvoka d-difiża bbażata fuq it-trasferiment, jrid jagħti prova tal-eżistenza u l-limitu tat-trasferiment tal-ispejjeż żejda. Dan l-obbligu tal-prova ma għandux jaffettwa l-possibbiltà għall-kontraventur li juża evidenza minbarra dik li mhix fil-pussess tiegħu, bħall-evidenza diġà akkwistati fil-proċedimenti jew l-evidenza miżmuma minn partijiet oħra jew partijiet terzi.

(40) F'sitwazzjonijiet fejn it-trasferiment irriżulta f'anqas bejgħ u għalhekk fi ħsara f'forma ta' telf tal-profitt, ma għandux jinbidel id-dritt għal talba għal kumpens għal telf simili tal-profitt.

(41) Skont il-kondizzjonijiet li taħthom qed joperaw l-impriżi, tista' tkun il-prattika kummerċjali li ż-żieda fil-prezzijiet tiġi trasferita 'l isfel fil-katina tal-provvista. Il-konsumaturi jew l-impriżi, li lilhom ġie b'hekk trasferit it-telf reali ġarrbu ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni. Filwaqt li tali ħsara għandha tiġi kkumpensata mill-kontraventur, jista' jkun partikolarment diffiċli għall-konsumaturi jew għall-impriżi li ma xtrawx huma stess mingħand dak il-kontraventur biex jippruvaw il-kobor ta' dik il-ħsara. Għalhekk huwa xieraq li jiġi previst li, meta l-eżistenza ta' pretensjoni għad-danni jew l-ammont tad-danni li għandu jingħata jiddependi fuq jekk jew sa liema punt ikunu ġew trasferiti l-ispejjeż żejda mħallsa mix-xerrej dirett mill-kontraventur lix-xerrej indirett, dan tal-aħħar huwa meqjus li jkun ta l-prova li l-ispejjeż żejda mħallsa minn dak

ix-xerrej dirett ikunu ġew trasferiti għal-livell tiegħu, fejn ikun jista' juri prima facie li tali trasferiment twettaq. Din is-suppożizzjoni konfutabbli tapplika sakemm il-kontraventur ma jurix b'mod kredibbli għas-sodisfazzjoni tal-qorti li t-telf effettiv ma ġiex ittrasferit jew mhux kompletament lix-xerrej indirett. Barra minn hekk huwa xieraq li jiġi definit taħt liema kondizzjonijiet ix-xerrej indirett għandu jitqies li jkun stabbilixxa t-tali prova prima facie. Fir-rigward tal-kwantifikazzjoni tat-trasferiment, il-qrati nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li jikkalkolaw liema sehem tal-ispejjeż żejda ġie ttrasferit għal-livell tax-xerrejja indiretti fit-tilwim pendenti quddiemhom.

(42) Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida ċari, sempliċi u komprensivi għall-qrati nazzjonali dwar kif jiġi stmat is-sehem tal-ispejjeż żejda ttrasferiti lix-xerrejja indiretti.

(43) Il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni ta' spiss jirrigwarda l-kondizzjonijiet u l-prezz li bih jinbiegħu l-oġġetti jew is-servizzi u jwassal għal spejjeż żejda u ħsara oħra għall-klijenti tal-kontraventuri. Il-ksur jista' wkoll jikkonċerna l-provvisti lill-kontraventur (pereżempju fil-każ ta' kartell tax-xerrej). F'każijiet bħal dawn, it-telf reali jista' jirriżulta minn prezz aktar baxx imħallas minn kontraventuri lill-fornituri tagħhom. Din id-Direttiva u b'mod partikolari r-regoli dwar it-trasferiment għandhom japplikaw skont dan għal dawk il-każijiet.

(44) L-azzjonijiet għad-danni jistgħu jitressqu kemm minn dawk li xtraw l-oġġetti jew is-servizzi mingħand il-kontraventur kif ukoll minn xerrejja iktar 'l isfel fil-katina tal-provvista. Fl-interess ta' konsistenza bejn is-sentenzi li jirriżultaw minn proċedimenti relatati u għalhekk biex tiġi evitata l-ħsara kkawżata mill-fatt li l-ksur tal-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali dwar il-kompetizzjoni ma tiġix ikkumpensata b'mod sħiħ jew mill-fatt li l-kontraventur ikun meħtieġ iħallas danni għall-ħsara li ma tkunx saret, il-qrati nazzjonali għandu jkollhom is-setgħa li jagħmlu stima tal-proporzjon ta' kwalunkwe spejjeż żejda mġarrba mix-xerrejja diretti jew indiretti fit-tilwim pendenti quddiemhom. F'dan il-kuntest, il-qrati nazzjonali għandhom ikunu jistgħu jqisu kif dovut, permezz ta' mezzi proċedurali jew sostantivi disponibbli skont il-liġi tal-Unjoni u dik nazzjonali, kwalunkwe azzjoni relatata u s-sentenza li tirriżulta minnha, b'mod partikolari fejn issib li ġie ppruvat trasferiment. Il-qrati nazzjonali għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mezzi proċedurali xierqa, bħall-konsolidazzjoni tal-pretensjonijiet, biex jiżguraw li l-kumpens għat-telf reali mħallas fi kwalunkwe livell tal-katina ta' provvista ma jeċċedix il-ħsara tal-ispejjeż żejda kkawżata f'dak il-livell. Tali mezzi għandhom ikunu disponibbli wkoll f'każijiet transkonfinali. Din il-possibbiltà li jittieħed kont debitu tas-sentenzi għandha tkun mingħajr preġudizzju għad-drittijiet fundamentali tad-difiża u għad-dritt għal rimedju effettiv u proċess ġust ta' dawk li ma kinux partijiet fil-proċedimenti ġudizzjarji, u mingħajr preġudizzju għar-regoli dwar il-valur ta' evidenza tas-sentenzi mogħtija f'dak il-kuntest. Huwa possibbli li azzjonijiet pendenti quddiem il-qrati ta' Stati Membri differenti, jitqiesu bħala relatati skont it-tifsira tal-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]). Taħt dak l-Artikolu, il-qrati nazzjonali ħlief dik invokata l-ewwel mill-każ, jistgħu jissospendu l-proċeduri jew, taħt ċerti ċirkustanzi, jirrifjutaw li jagħtu sentenza. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qrati nazzjonali skont dak ir-Regolament.

(45) Parti li tkun ġarrbet ħsara li tkun tat prova li ġarrbet ħsara bħala riżultat minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, xorta trid tagħti prova tal-livell tal-ħsara mġarrba sabiex tikseb id-danni. Il-kwantifikazzjoni tal-ħsara fil-każijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni hija proċess li jirrikjedi l-preżentazzjoni ta' ħafna fatti u hemm il-possibbiltà li tkun meħtieġa l-applikazzjoni ta' mudelli ekonomiċi kumplessi. Dan ta' spiss huwa proċess li jiswa ħafna flus, u l-atturi jkollhom diffikultajiet fir-rigward tal-ksib tad-data meħtieġa biex isostnu l-pretensjonijiet tagħhom. Il-kwantifikazzjoni tal-ħsara fil-każijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni tista' għalhekk tikkostitwixxi ostakolu sostanzjali li jipprevjeni pretensjonijiet effettivi għall-kumpens.

(46) Fin-nuqqas ta' regoli tal-Unjoni dwar il-kwantifikazzjoni tal-ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, is-sistema legali domestika ta' kull Stat Membru għandha tiddetermina r-regoli tagħha stess dwar il-kwantifikazzjoni tal-ħsara u l-Istati Membri u l-qrati nazzjonali għandhom jiddeterminaw liema rekwiżiti għandu jissodisfa l-attur meta jagħti prova tal-ammont ta' ħsara li jkun ġarrab, il-metodi li jistgħu jintużaw fil-kwantifikazzjoni tal-ammont u l-konsegwenzi jekk ma jkunux jistgħu jiġu ssodisfati dawk ir-rekwiżiti. Madankollu, ir-rekwiżiti tal-liġi nazzjonali rigward il-kwantifikazzjoni ta' dannu f'każijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni ma għandhomx ikunu inqas favorevoli minn dawk li jirregolaw azzjonijiet domestiċi simili (il-prinċipju tal-ekwivalenza) u lanqas ma għandhom jagħmlu l-eżerċizzju tad-dritt tal-Unjoni għad-danni prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna (il-prinċipju tal-effettività). Għandhom jitqiesu l-assimetriji tal-informazzjoni possibbli bejn il-partijiet u l-fatt li l-kwantifikazzjoni tal-ħsara tirrikjedi valutazzjoni ta' kif is-suq ikkonċernat kien jevolvi li kieku ma kienx sar ksur. Din il-valutazzjoni timplika paragun ma' sitwazzjoni li b'definizzjoni hija ipotetika u għalhekk ma tista' qatt issir b'eżattezza totali. Għalhekk huwa xieraq li jiġi żgurat li l-qrati nazzjonali jingħataw is-setgħa li jagħmlu stima tal-ammont

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1).

tal-ħsara kkawżata mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Meta mitluba, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jistgħu jipprovdu gwida dwar il-quantum. Biex jiġu żgurati l-koerenza u l-prevedibbiltà l-Kummissjoni għandha tipprovdi gwida ġenerali fil-livell tal-Unjoni.

(47) Bħala rimedju għall-asimmetrija tal-informazzjoni u għal xi ftit mid-diffikultajiet assoċjati mal-kwantifikazzjoni tal-ħsara fil-każijiet tal-liġi tal-kompetizzjoni u sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-pretensjonijiet għad-danni, huwa xieraq li wieħed jissoponi li l-ksur minn kartell jirriżulta fi ħsara, b'mod partikolari permezz ta' effett fuq il-prezzijiet. Skont il-fatti tal-każ, il-kartelli jwasslu għal żieda fil-prezzijiet jew impedixxu li jkun hemm tnaqqis tal-prezzijiet li kien iseħħ li kieku ma kienx il-kartell. Din is-suppożizzjoni ma għandhiex tkopri l-ammont konkret tal-ħsara. Il-kontraventuri għandhom jitħallew jikkontestaw it-tali suppożizzjoni. Huwa xieraq li tiġi limitata din is-suppożizzjoni konfutabbli għall-kartelli, minħabba n-natura sigrieta tagħhom, li żżid l-asimmetrija tal-informazzjoni msemmija u tagħmilha aktar diffiċli għall-atturi biex jiksbu l-evidenza meħtieġa biex jagħtu prova tal-ħsara.

(48) Huwa mixtieq li tintlaħaq soluzzjoni "darba għal dejjem" għall-konvenuti bil-għan li titnaqqas l-inċertezza għall-kontraventuri u l-partijiet li ġarrbu ħsara. Għalhekk, il-kontraventuri u l-partijiet li ġarrbu ħsara għandhom jiġu mħeġġa biex jaqblu fuq kumpens tal-ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni permezz ta' mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim bħal pereżempju riżolvimenti barra mill-qorti (inklużi dawk fejn imħallef jista' jiddikjara riżolviment vinkolanti), l-arbitraġġ, il-medjazzjoni jew il-konċiljazzjoni. tali riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim għandha tkopri kemm jista' jkun legalment possibbli mill-partijiet li ġarrbu l-ħsara u l-kontraventuri. Id-dispożizzjonijiet f'din id-Direttiva dwar ir-riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim għalhekk huma maħsuba biex jiffaċilitaw l-użu tat-tali mekkaniżmi u jżidu l-effettività tagħhom.

(49) Il-perijodi ta' preskrizzjoni biex titressaq azzjoni għad-danni jistgħu jkunu b'mod li jimpedixxu lill-partijiet li ġarrbu l-ħsara u l-kontraventuri milli jkollhom biżżejjed żmien biex jaslu għal qbil dwar il-kumpens li għandu jitħallas. Sabiex iż-żewġ naħat jingħataw l-opportunità ġenwina biex ifittxu riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim qabel ma jibdew il-proċedimenti quddiem il-qrati nazzjonali, il-perijodi ta' preskrizzjoni jeħtieġu li jiġu sospiżi għat-tul ta' żmien tal-proċess ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim.

(50) Barra minn hekk, meta l-partijiet jiddeċiedu li jfittxu riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim wara li tkun tressqet azzjoni għad-danni għall-istess pretensjoni quddiem qorti nazzjonali, dik il-qorti għandha tkun tista' tissospendi l-proċedimenti li tressqu quddiemha għat-tul ta' żmien tal-proċess ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim. Meta tqis jekk għandhomx jiġu sospiżi l-proċedimenti, il-qorti nazzjonali għandha tqis il-vantaġġi ta' proċedura espedjenti.

(51) Biex jiġu mħeġġa r-riżolvimenti kunsenswali, kontraventur li jħallas id-danni permezz ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim ma għandux jitqiegħed f'pożizzjoni vis-à-vis il-kokontraventuri tiegħu agħar minn dik li kien ikun fiha mingħajr is-soluzzjoni kunsenswali. Dak jista' jseħħ jekk kontraventur fir-riżolviment għat-tilwim ikun baqa' responsabbli *in solidum* għall-ħsara kkawżata mill-ksur anke wara li jinsab riżolviment kunsenswali. Għalhekk kontraventur fir-riżolviment fil-prinċipju ma għandux jikkontribwixxi għall-kokontraventuri tiegħu mhux fir-riżolviment meta dawn tal-aħħar ikunu ħallsu d-danni lil parti li tkun ġarrbet il-ħsara li magħha l-ewwel kontraventur ikun sab soluzzjoni qabel. Il-korrelazzjoni għal din ir-regola ta' nonkontribuzzjoni hi li l-pretensjoni tal-parti li ġarrbet il-ħsara għandha titnaqqas permezz tar-riżolviment tas-sehem tal-ħsara tal-kontraventur kkawżata lilha, irrispettivament jekk l-ammont tar-riżolviment hux indaqs jew hux differenti mis-sehem relattiv tal-ħsara li l-kokontraventur fir-riżolviment ikkaġuna lill-parti fir-riżolviment li ġarrbet il-ħsara. Dak is-sehem relattiv għandu jiġi determinat skont ir-regoli li ntużaw biex jiġu determinati l-kontribuzzjonijiet fost il-kontraventuri. Mingħajr it-tali tnaqqis, il-kontraventuri mhux fir-riżolviment jkunu affettwati mingħajr bżonn mir-riżolviment li fih ma kinux parti. Madankollu, sabiex jiżgura d-dritt għal kumpens sħiħ, il-kokontraventuri fir-riżolviment xorta għandu ikollhom iħallsu d-danni meta dik tkun l-unika possibbiltà għall-parti fir-riżolviment li tkun ġarrbet il-ħsara biex tikseb kumpensgħall-pretensjoni li jkun għad fadal. Il-pretensjoni li tkun għad fadal tirreferi għall-pretensjoni tal-parti li ġarrbet il-ħsara fir-riżolviment imnaqqsa mis-sehem tal-kokontraventur fir-riżolviment tal-ħsara li l-ksur ikkaġuna lill-parti fir-riżolviment li ġarrbet il-ħsara. Il-possibbiltà ta' din tal-aħħar li titlob danni mill-kokontraventur fir-riżolviment teżisti, sakemm ma tkunx ġiet eskluża b'mod espliċitu skont it-termini tar-riżolviment kunsenswali.

(52) Għandhom jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn il-kokontraventuri fir-riżolviment, bil-ħlas ta' kontribuzzjoni lil kokontraventuri mhux fir-riżolviment għal danni li huma ħallsu lil partijiet mhux fir-riżolviment li jkunu ġarrbu ħsara, iħallsu ammont totali ta' kumpens li jaqbeż ir-responsabbiltà relattiva tagħhom għall-ħsara kkawżata permezz tal-ksur. Għalhekk, meta l-kokontraventuri fir-riżolviment jintalbu biex jikkontribwixxu għad-danni li jkunu tħallsu sussegwentement mill-kokontraventuri mhux fir-riżolviment lill-partijiet mhux fir-riżolviment li jkunu ġarrbu ħsara, il-qrati nazzjonali għandhom iqisu d-danni li diġà jkunu tħallsu permezz tar-riżolviment kunsenswali u b'hekk tkun qed iżżomm f'moħħha li mhux il-kokontraventuri kollha huma neċessarjament involuti b'mod ugwali fl-ambitu sostantiv, temporali u ġeografiku sħiħ tal-ksur.

(53) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

(54) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-istabbiliment ta' regoli li jikkonċernaw azzjonijiet għad-danni għal ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tal-Unjoni sabiex jiġu żgurati l-effetti sħaħ tal-Artikolu 101 u 102 TFUE, u il-funzjonament xieraq tas-suq intern għall-impriżi u l-konsumaturi, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, imma jistgħu pjuttost, minħabba l-effettività u l-konsistenza meħtieġa fl-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 TUE. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu dawn l-għanijiet.

(55) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tat-28 ta' Settembru 2011 tal-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni ([1]), l-Istati Membri impenjaw ruħhom li f'każijiet ġustifikati jakkumpanjaw in-notifika tal-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom b'dokument jew bosta dokumenti li jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti nazzjonali ta' traspożizzjoni. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis li t-trasmissjoni ta' tali dokumenti hija ġustifikata.

(56) Huwa xieraq li jiġu previsti regoli għall-applikazzjoni temporali ta' din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET**

*Artikolu 1*

## Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Din id-Direttiva tistipula ċerti regoli meħtieġa biex ikun żgurat li kwalunkwe persuna li ġarrbet ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni minn impriża jew minn assoċjazzjoni ta' impriżi, tista' b'mod effettiv teżerċita d-dritt li titlob għal kumpens sħiħ għal dik il-ħsara minn dik l-impriża jew assoċjazzjoni. Tistabbilixxi regoli li jrawmu l-kompetizzjoni mhux imxekkla fis-suq intern u li jneħħu l-ostakoli għall-funzjonament tajjeb tagħha billi jiżguraw protezzjoni ekwivalenti fl-Unjoni kollha għal dawk li jkunu ġarrbu tali ħsara.

2. Din id-Direttiva tistipula regoli li jikkoordinaw l-infurzar tar-regoli dwar il-kompetizzjoni mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni u l-infurzar ta' dawn ir-regoli f'azzjonijiet għad-danni quddiem il-qrati nazzjonali.

*Artikolu 2*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni" tfisser ksur tal-Artikolu 101 jew 102 TFUE, jew tal-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni;

(2) "kontraventur" tfisser l-impriża jew l-assoċjazzjoni ta' impriżi li wettqet il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(3) "il-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni" tfisser id-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li b'mod predominanti jsegwu l-istess għanijiet bħal dawk tal-Artikoli 101 u 102 TFUE u li huma applikati għall-istess każ u b'mod parallel mal-liġi tal-Unjoni dwar il-kompetizzjoni skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, bl-esklużjoni ta' dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali li jimponu pieni kriminali fuq il-persuna fiżika, ħlief sa fejn dawn il-pieni kriminali huma l-mezz li bih jiġu applikati l-liġijiet tal-kompetizzjoni għall-impriża u jiġu infurzati;

(4) "azzjoni għad-danni" tfisser azzjoni skont il-liġi nazzjonali li permezz tagħha pretensjoni għad-danni titressaq quddiem il-qorti nazzjonali minn parti li allegatament ġarrbet ħsara, minn xi ħadd li jaġixxi f'isem wieħed jew aktar partijiet li allegatament ġarrbu ħsara meta l-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali tipprevedi għal dik il-possibbiltà, jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-suċċessur tad-dritt tal-parti li allegatament ġarrbet il-ħsara, inkluża l-persuna li akkwistat il-pretensjoni;

(5) "pretensjoni għad-danni" tfisser pretensjoni għal kumpens għal ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(6) "parti li ġarrbet ħsara" tfisser persuna li tkun sofriet danni kkawżati minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

([1]) ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

(7) "awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni" tfisser awtorità nnominata minn Stat Membru skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, li tkun responsabbli għall-applikazzjoni tal-Artikoli 101 u 102 TFUE;

(8) "awtorità tal-kompetizzjoni" tfisser il-Kummissjoni jew awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, jew it-tnejn skont kif jeħtieġ il-kuntest;

(9) "qorti nazzjonali" tfisser qorti jew tribunal ta' Stat Membru skont it-tifsira tal-Artikolu 267 TFUE;

(10) "qorti tal-appell" tfisser qorti nazzjonali li għandha s-setgħa bil-mezzi ta' appell ordinarji li teżamina mill-ġdid id-deċiżjonijiet ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew li teżamina mill-ġdid is-sentenzi li jagħmlu dikjarazzjonijiet dwar dawk id-deċiżjonijiet, irrispettivament minn jekk dik il-qorti għandhiex hija stess is-setgħa li ssib ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(11) "deċiżjoni dwar ksur" tfisser deċiżjoni ta' awtorità tal-kompetizzjoni jew qorti tal-appell li ssib ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(12) "deċiżjoni finali dwar ksur" tfisser deċiżjoni dwar ksur li ma tistax jew li warajha ma hemmx aktar dritt ta' appell bil-mezzi ordinarji;

(13) "evidenza" tfisser kull tip ta' mezz ta' prova ammissibbli quddiem il-qorti nazzjonali invokata, partikolarment dokumenti u l-oġġetti l-oħra kollha li jkun jinkludi informazzjoni, irrispettivament mill-mezz fejn l-informazzjoni hija maħżuna;

(14) "kartell" tfisser ftehim jew prattika miftiehma bejn żewġ kompetituri jew aktar li għandha l-għan li tikkoordina l-imġiba kompetittiva tagħhom fis-suq jew tinfluwenza l-parametri rilevanti tal-kompetizzjoni, permezz ta' prattiki bħal, imma mhux limitati għal, l-iffissar jew il-koordinazzjoni tal-prezzijiet tal-bejgħ jew tax-xiri jew ta' kondizzjonijiet kummerċjali oħrajn, inkluż fir-rigward tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali, l-allokazzjoni tal-kwoti tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, il-kondiviżjoni tas-swieq u l-klijenti inklużi l-immanuvrar tal-offerti, ir-restrizzjonijiet tal-importazzjonijiet jew l-esportazzjonijiet jew l-azzjonijiet antikompetittivi kontra kompetituri oħra;

(15) "programm ta' klemenza" tfisser programm li jikkonċerna l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE jew dispożizzjoni korrispondenti skont il-liġi nazzjonali li abbażi tiegħu parteċipant f'kartell sigriet, b'mod indipendenti mill-impriżi l-oħra involuti fil-kartell, jikkoopera ma' investigazzjoni tal-awtorità tal-kompetizzjoni, billi jipprovdi b'mod volontarju preżentazzjonijiet rigward l-għarfien ta' dak il-parteċipant tal-kartell u r-rwol tiegħu fih, u bħala skambju għal dan il-parteċipant jirċievi, permezz ta' deċiżjoni jew permezz ta' twaqqif tal-proċedimenti, l-immunità mill-multi li għandhom jiġu imposti għall-involviment tiegħu fil-kartell jew tnaqqis tat-tali multi;

(16) "dikjarazzjoni ta' klemenza" tfisser preżentazzjoni orali jew bil-miktub ipprovduta b'mod volontarju minn, jew f'isem, impriża jew persuna fiżika lil awtorità tal-kompetizzjoni jew rekord tagħha, li tiddeskrivi l-għarfien ta' dik l-impriża jew tal-persuna fiżika dwar kartell u r-rwol tagħha fih, li tkun tfasslet speċifikament biex titressaq lill-awtorità tal-kompetizzjoni bil-għan li tinkiseb immunità jew tnaqqis tal-multi taħt programm ta' klemenza, li ma tinkludix informazzjoni preeżistenti;

(17) "informazzjoni preeżistenti" tfisser evidenza li teżisti irrispettivament mill-proċedimenti ta' awtorità kompetenti, kemm jekk tali informazzjoni tinsabx jew le fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni;

(18) "sottomissjoni ta' riżolviment" tfisser preżentazzjoni volontarja minn, jew f'isem, impriża lil awtorità tal-kompetizzjoni li tiddeskrivi r-rikonoxximent ta' impriża jew ir-rinunzja tagħha għal tilwima dwar is-sehem tagħha fi ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u r-responsabbiltà tagħha għal dak il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, li tkun tfasslet speċifikament sabiex tippermetti lill-awtorità tal-kompetizzjoni tapplika proċedura simplifikata jew proċedura mħaffa;

(19) "benefiċjarju tal-immunità" tfisser impriża jew persuna fiżika li tkun ingħatat l-immunità mill-multi minn awtorità tal-kompetizzjoni taħt programm ta' klemenza;

(20) "spejjeż żejda" tfisser id-differenza bejn il-prezz imħallas realment u l-prezz li kellu jitħallas fin-nuqqas ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(21) "riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim" tfisser kwalunkwe mekkaniżmu li jippermetti lill-partijiet jilħqu riżolvimenti għat-tilwim barra mill-qorti dwar talba għad-danni;

(22) "riżolviment kunsenswali" tfisser qbil milħuq permezz ta' riżoluzzjoni kunsenswali tat-tilwim.

(23) "xerrej dirett" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xtrat, direttament mingħand kontraventur, prodotti jew servizzi li kienu l-oġġett ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(24) "xerrej indirett" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li xtrat, mhux direttament mingħand kontraventur, imma mingħand xerrej dirett jew xerrej sussegwenti, prodotti jew servizzi li kienu l-oġġett ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew prodotti jew servizzi li jkun fihom it-tali oġġetti jew imnisslin minnhom;

*Artikolu 3*

**Dritt għal kumpens sħiħ**

1. L-Istati Membri għandhom jiżgura li kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tkun ġarrbet ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni tkun tista' titlob u tikseb kumpens sħiħ għal dik il-ħsara.

2. Kumpens sħiħ għandu jqiegħed persuna li ġarrbet il-ħsara fil-pożizzjoni li kienet tkun fiha dik il-persuna li kieku ma jkunx seħħ il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Għalhekk għandu jkopri d-dritt għall-kumpens għat-telf reali u għat-telf ta' profitt, kif ukoll il-ħlas tal-imgħax.

3. Kumpens sħiħ taħt din id-Direttiva ma għandux iwassal għal kumpens żejjed, sew b'mezzi ta' danni punittivi, multipli jew dawk ta' tipi oħra.

*Artikolu 4*

**Prinċipji ta' effettività u ekwivalenza**

F'konformità mal-prinċipju ta' effettività, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli u l-proċeduri nazzjonali kollha rigward l-eżerċizzju ta' talbiet għal kumpens għad-danni jkunu mfassla u applikati b'mod li ma jagħmlux prattikament impossibbli jew diffiċli żżejjed l-eżerċizzju tad-dritt tal-Unjoni għal kumpens sħiħ għall-ħsara kkawżata minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. F'konformità mal-prinċipju tal-ekwivalenza, ir-regoli jew il-proċeduri nazzjonali rigward azzjonijiet għad-danni li jirriżultaw minn ksur tal-Artikoli 101 u 102 TFUE ma għandhomx ikunu inqas favorevoli għall-partijiet li allegatament ikunu ġarrbu l-ħsara minn dawk li jirregolaw azzjonijiet simili għal danni li jirriżultaw minn ksur ta' liġi nazzjonali.

KAPITOLU II

**DIVULGAZZJONI TAL-EVIDENZA**

*Artikolu 5*

**Divulgazzjoni tal-evidenza**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fi proċedimenti relatati ma' azzjoni għal danni fl-Unjoni fuq talba ta' attur li jkun ippreżenta ġustifikazzjoni raġunata li tkun tinkludi fatti u evidenza disponibbli b'mod raġonevoli suffiċjenti biex isostnu l-plawsibbiltà tal-pretensjoni tiegħu għad-danni, il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jordnaw lill-konvenut jew lil parti terza biex jiddivulgaw evidenza rilevanti li huma jkunu jikkontrollaw, soġġett għall-kondizzjonijiet stipulati f'dan il-Kapitolu. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu, fuq talba tal-konvenut, jordnaw lill-attur jew lil parti terza biex jiddivulgaw l-evidenza rilevanti.

Dan il-paragrafu huwa bla preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qrati nazzjonali skont ir-Regolament (KE) Nru 1206/2001.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jordnaw id-divulgazzjoni ta' elementi speċifiċi ta' evidenza jew ta' kategoriji rilevanti ta' evidenza ċċirkoskritta bl-aktar mod preċiż u bl-aktar mod ristrett possibbli abbażi ta' fatti disponibbli b'mod raġonevoli fil-ġustifikazzjoni raġunata.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jillimitaw id-divulgazzjoni tal-evidenza għal dak li huwa proporzjonat. Fid-determinazzjoni ta' jekk kwalunkwe divulgazzjoni mitluba minn parti hijiex proporzjonata, il-qrati nazzjonali għandhom iqisu l-interessi leġittimi tal-partijiet u l-partijiet terzi kollha kkonċernati. Partikolarment għandhom jikkunsidraw:

(a) safejn il-pretensjoni jew id-difiża hija appoġġata mill-fatti u l-evidenza disponibbli li jiġġustifikaw it-talba għad-divulgazzjoni tal-evidenza;

(b) l-ambitu u l-ispiża biex issir id-divulgazzjoni, speċjalment għal kwalunkwe part terza kkonċernata, inkluż l-evitar ta' tiftix mhux speċifiku għal informazzjoni li x'aktarx ma tkunx ta' rilevanza għall-partijiet fil-proċedura;

(c) jekk l-evidenza li qed tintalab id-divulgazzjoni tagħha fihiex informazzjoni kunfidenzjali, speċjalment li tikkonċerna xi parti terza, u x'arranġamenti huma fis-seħħ għall-protezzjoni ta' tali informazzjoni kunfidenzjali.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa li jordnaw id-divulgazzjoni ta' evidenza li jkun fiha informazzjoni kunfidenzjali meta jikkunsidrawha rilevanti għall-azzjoni għad-danni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta jordnaw id-divulgazzjoni ta' tali informazzjoni, il-qrati nazzjonali jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom miżuri effettivi biex tiġi protetta tali informazzjoni.

5. L-interess tal-impriżi li jevitaw azzjonijiet għal danni wara ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni ma għandux jikkostitwixxi interess li jitlob protezzjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jagħtu effett sħiħ lill-privileġġ professjonali legali applikabbli skont il-liġi tal-Unjoni jew nazzjonali meta jordnaw id-divulgazzjoni tal-evidenza.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk li mingħandhom tintalab id-divulgazzjoni jingħataw l- opportunità li jinstemgħu qabel qorti nazzjonali tordna d-divulgazzjoni skont dan l-Artikolu.

8. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 7 u għall-Artikolu 6, dan l-Artikolu ma għandux iżomm lill-Istati Membri milli jkollhom jew jintroduċu regoli li jwasslu għal divulgazzjoni akbar ta' evidenza.

*Artikolu 6*

**Divulgazzjoni ta' evidenza inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-fini tal-azzjonijiet għad-danni, meta l-qrati nazzjonali jordnaw id-divulgazzjoni tal-evidenza inkluża fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni, japplika dan l-Artikolu flimkien mal-Artikolu 5.

2. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-prattiki dwar l-aċċess pubbliku għal dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

3. Dan l-Artikolu hu mingħajr preġudizzju għar-regoli u l-prattiki skont il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' dokumenti interni ta' awtoritajiet tal-kompetizzjoni u ta' korrispondenza bejn awtoritajiet tal-kompetizzjoni.

4. Fil-valutazzjoni, skont l-Artikolu 5(3), tal-proporzjonalità ta' ordni għad-divulgazzjoni ta' informazzjoni, il-qrati nazzjonali għandhom, barra minn hekk, jikkunsidraw dan li ġej:

(a) it-talba ġietx ifformulata speċifikament fir-rigward tan-natura, is-suġġett jew il-kontenuti tad-dokumenti ppreżentati lil awtorità tal-kompetizzjoni jew miżmuma fil-fajl tagħha, aktar milli b'applikazzjoni mhux speċifika li tikkonċerna d-dokumenti ppreżentati lil awtorità tal-kompetizzjoni,

(b) il-parti li titlob id-divulgazzjoni tkunx qed tagħmel dan b'rabta ma' azzjoni għad-danni quddiem qorti nazzjonali; u

(c) b'rabta mal-paragrafi 5 u 10, jew fuq talba ta' awtorità tal-kompetizzjoni skont il-paragrafu 11, il-bżonn li tkun salvagwardjata l-effettività tal-eżekuzzjoni pubblika tal-liġi tal-kompetizzjoni.

5. Il-qrati nazzjonali jkunu jistgħu jordnaw id-divulgazzjoni tal-kategoriji ta' evidenza li ġejjin biss wara li awtorità tal-kompetizzjoni, bl-adozzjoni ta' deċiżjoni jew b'mod ieħor, tkun temmet il-proċedimenti tagħha:

(a) informazzjoni li tħejjiet minn persuna fiżika jew ġuridika speċifikament għall-proċedimenti ta' awtorità tal-kompetizzjoni;

(b) informazzjoni li l-awtorità tal-kompetizzjoni tkun ħejjiet u bagħtet lill-partijiet matul il-proċedimenti tagħhom; u

(c) sottomissjonijiet ta' riżolviment li ġew irtirati.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, għall-finijiet tal-azzjonijiet għad-danni, il-qrati nazzjonali ma jkunux jistgħu fi kwalunkwe mument jordnaw lil parti jew parti terza biex jiddivulgaw ebda waħda mill-kategoriji ta' evidenza li ġejjin:

(a) dikjarazzjonijiet ta' klemenza; u

(b) sottomissjonijiet ta' riżolviment.

7. Pretendent jista' jippreżenta talba ġustifikata biex qorti nazzjonali jkollha aċċess għall-evidenza msemmija fil-punt (a) jew (b) tal-paragrafu 6 għall-uniku għan biex ikun żgurat li l-kontenut tagħhom jikkorrispondi mad-definizzjonijiet fil-punti (16) u (18) tal-Artikolu 2. F'dik il-valutazzjoni, il-qrati nazzjonali jistgħu jitolbu assistenza biss mill-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti. L-awturi tal-evidenza inkwistjoni jista' wkoll ikollhom il-possibbiltà li jinstemgħu. Fl-ebda każ il-qorti nazzjonali ma għandha tippermetti lil partijiet oħrajn jew lil partijiet terzi aċċess għal dik l-evidenza.

8. Jekk huma biss partijiet tal-evidenza mitluba li huma koperti mill-paragrafu 6, il-partijiet li jibqa' tagħha għandhom, skont il-kategorija li taqa' fiha, jiġu rilaxxati f'konformità mal-paragrafi rilevanti ta' dan l-Artikolu.

9. Id-divulgazzjoni tal-evidenza fil-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni li ma taqax taħt waħda mill-kategoriji elenkati f'dan l-Artikolu tista' tiġi ordnata f'azzjonijiet għal danni fi kwalunkwe mument, mingħajr preġudizzju għal dan l-Artikolu.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jitolbu d-divulgazzjoni minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' evidenza inkluża fil-fajl tagħha biss meta l-ebda parti jew parti terza ma tkunx f'pożizzjoni jew ma tkunx tista' b'mod raġonevoli tipprovdi dik l-evidenza.

11. Sal-punt li awtorità tal-kompetizzjoni hija lesta li tiddikjara l-fehmiet tagħha dwar il-proporzjonalità ta' talbiet għal divulgazzjoni, hija tista', fuq inizjattiva tagħha stess, tippreżenta osservazzjonijiet lill-qorti nazzjonali li quddiemha jintalab ordni ta' divulgazzjoni.

*Artikolu 7*

**Limiti għall-użu tal-evidenza miksuba biss permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evidenza fil-kategoriji elenkati fl-Artikolu 6(6) li tinkiseb minn persuna fiżika jew ġuridika unikament permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni jew titqies inammissibbli fl-azzjonijiet għad-danni jew inkella protetta skont ir-regoli nazzjonali biex jiġi żgurat l-effett sħiħ tal-limiti fuq id-divulgazzjoni ta' evidenza stipulati fl-Artikolu 6.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sakemm awtorità tal-kompetizzjoni tagħlaq il-proċedimenti tagħha billi tadotta deċiżjoni jew b'mod ieħor, l-evidenza fil-kategoriji elenkati fl-Artikolu 6(5) li tinkiseb minn persuna fiżika jew ġuridika unikament permezz tal-aċċess għall-fajl ta' dik l-awtorità tal-kompetizzjoni jew titqies inammissibbli fl-azzjonijiet għad-danni jew inkella tkun protetta skont ir-regoli nazzjonali applikabbli biex jiġi żgurat l-effett sħiħ tal-limiti fuq id-divulgazzjoni ta' evidenza stipulati fl-Artikolu 6.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-evidenza li tinkiseb minn persuna fiżika jew ġuridika biss permezz tal-aċċess għall-fajl ta' awtorità tal-kompetizzjoni u li ma taqax taħt il-paragrafu 1 jew 2, tkun tista' tintuża f'azzjoni għad-danni biss minn dik il-persuna jew minn persuna fiżika jew ġuridika li tkun is-suċċessur tad-drittijiet ta' dik il-persuna, inkluża persuna li xtrat il-pretensjoni ta' dik il-persuna.

*Artikolu 8*

**Penali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkunu jistgħu b'mod effettiv jimponu penali fuq partijiet, partijiet terzi u r-rappreżentanti legali tagħhom fil-każ ta' wieħed mis-segwenti:

(a) in-nuqqas jew ir-rifjut tagħhom li jikkonformaw ma' ordni ta' divulgazzjoni ta' kwalunkwe qorti nazzjonali;

(b) id-distruzzjoni tagħhom ta' evidenza rilevanti;

(c) in-nuqqas jew ir-rifjut tagħhom li jikkonformaw mal-obbligi imposti minn ordni tal-qorti nazzjonali biex tipproteġi informazzjoni kunfidenzjali;

(d) il-ksur tagħhom tal-limiti rigward l-użu ta' evidenza kif previst f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali li jistgħu jiġu imposti mill-qrati nazzjonali jkunu effettivi, proporzjonati u disważivi. Il-penali disponsibbli għall-qrati nazzjonali għandhom jinkludu, fir-rigward tal-imġiba ta' parti għal proċedimenti għal azzjoni għad-danni, il-possibbiltà li jaslu għal inferenzi negattivi, bħal pereżempju l-preżunzjoni li l-kwistjoni rilevanti kienet ippruvata jew ma jilqgħux talbiet u difiżi kollha jew in parti, u l-possibbiltà li jordnaw il-ħlas tal-ispejjeż.

KAPITOLU III

**EFFETT TAD-DEĊIŻJONIJIET NAZZJONALI, IL-PERIJODI TA' PRESKRIZZJONI, IR-RESPONSABBILTÀ *IN SOLIDUM***

*Artikolu 9*

**Effett ta' deċiżjonijiet nazzjonali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni misjub b'deċiżjoni finali ta' awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni jew minn qorti tal-appell, jiġi meqjus li hu stabbilit b'mod inkontestabbli għall-finijiet ta' azzjoni għad-danni mressqa quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom skont l-Artikoli 101 jew 102 TFUE jew taħt il-liġi nazzjonali dwar il-kompetizzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn deċiżjoni finali msemmija fil-paragrafu 1 tittieħed fi Stat Membru ieħor, dik id-deċiżjoni finali tista', skont il-liġi nazzjonali tagħhom, tiġi ppreżentata quddiem il-qrati nazzjonali tagħhom bħala tal-inqas evidenza prima facie tal-fatt li seħħ ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, u, kif xieraq, tista' tiġi valutata flimkien ma' kwalunkwe evidenza oħra ppreżentata mill-partijiet.

3. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qrati nazzjonali taħt l-Artikolu 267 TFUE.

*Artikolu 10*

**Perijodi ta' preskrizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom, f'konformità ma' dan l-Artikolu, jistabbilixxu r-regoli applikabbli għall-perijodi ta' preskrizzjoni għat-tressiq tal-azzjonijiet għad-danni. Dawk ir-regoli għandhom jiddeterminaw meta jibda l-perijodu ta' preskrizzjoni, it-tul ta' żmien tal-perijodu u ċ-ċirkostanzi li taħthom huwa interrott jew sospiż.

2. Il-perijodi ta' preskrizzjoni ma jibdewx jiddekorru qabel ma jkun waqaf il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-attur ikun jaf, jew jista' jkun raġonevolment mistenni li jkun jaf:

(a) bl imġiba u l-fatt li din tikkostitwixxi ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(b) bil-fatt li l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni kkawża ħsara lilu; u

(c) l-identità tal-kontraventur.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perijodi ta' preskrizzjoni għat-tressiq ta' azzjonijiet għad-danni huma mill-inqas ta' ħames snin.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li perijodu ta' preskrizzjoni jiġi sospiż jew, skont il-liġi nazzjonali, interrot jekk awtorità tal-kompetizzjoni tieħu azzjoni għall-fini tal-investigazzjoni jew il-proċedimenti tagħha fir-rigward ta' ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni li miegħu tkun relatata l-azzjoni għad-danni. Is-sospensjoni għandha tintemm l-aktar kmieni sena wara li d-deċiżjoni tal-ksur tkun saret finali jew wara li l-proċedimenti jkunu ntemmu mod ieħor.

*Artikolu 11*

**Responsabbiltà in solidum**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-impriżi li kisru l-liġi tal-kompetizzjoni permezz ta' imġiba konġunta huma responsabbli *in solidum* għad-dannu kkawżat mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni; bl-effett li kull waħda minn dawk l-impriżi hi obbligata li tagħti kumpens sħiħ għall-ħsara, u l-parti li tkun ġarrbet il-ħsara għandha d-dritt titlob kumpens sħiħ minn kwalunkwe waħda minnhom sakemm tkun ġiet ikkumpensata bis-sħiħ.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' kumpens sħiħ kif stipulat fl-Artikolu 3, fejn il-kontraventur ikun impriża żgħira jew ta' daqs medju (SME) kif definita fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE ([1]), il-kontraventur huwa responsabbli biss għax-xerrejja proprji diretti jew indiretti fejn:

(a) is-sehem tagħha tas-suq fis-suq rilevanti kien taħt il-5 % f'xi żmien matul il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni; u

(b) l-applikazzjoni tar-regoli normali għar-responsabbiltà *in solidum* tkun b'mod irrimedjabbli tikkomprometti l-vijabbiltà ekonomika tagħha u twassal biex l-assi tagħha jitilfu l-valur kollu tagħhom.

3. Id-deroga stipulata fil-paragrafu 2 ma għandhiex tapplika fejn:

(a) l-SME tkun mexxiet il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni jew ġiegħlet lil impriżi oħrajn jipparteċipaw fil-ksur; jew

(b) l-SME nstabet preċedentement li kisret il-liġi tal-kompetizzjoni.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li benefiċjarju ta' immunità jkun responsabbli *in solidum* kif ġej:

(a) għax-xerrejja jew fornituri diretti u indiretti tiegħu; u

(b) għal partijiet oħra li ġarrbu ħsara biss meta kumpens sħiħ ma jistax jingħata mill-impriżi l-oħra li kienu involuti fl-istess ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli għal każijiet taħt dan il-paragrafu huwa raġonevoli u suffiċjenti biex il-partijiet li ġarrbu l-ħsara jkunu jistgħu jagħmlu tali azzjonijiet.

---

([1]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2003/361/KE tas-6 ta' Mejju 2003 dwar id-definizzjoni ta' intrapriżi mikro, żgħar u ta' daqs medju (ĠU L 124, 20.5.2003, p. 36).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kontraventur jista' jirkupra l-kontribuzzjoni minn kwalunkwe kontraventur ieħor u l-ammont ta' din il-kontribuzzjoni jkun iddeterminat fid-dawl tar-responsabbiltà relattiva tagħhom għall-ħsara kkawżata mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. L-ammont tal-kontribuzzjoni ta' kontraventur li jkun ingħata immunità mill-multi taħt programm ta' klemenza ma għandux jaqbeż l-ammont tal-ħsara li tkun ikkawżat lix-xerrejja jew lill-fornituri proprji diretti jew indiretti tiegħu.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sal-punt fejn il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni kkawża ħsara lill-partijiet li ġarrbu ħsara għajr ix-xerrejja jew il-fornituri diretti jew indiretti tal-kontraventur, l-ammont ta' kwalunkwe kontribuzzjoni minn benefiċjarju tal-immunità lil kontraventuri oħra għandu jkun iddeterminat fid-dawl tar-responsabbiltà relattiva tiegħu għal dik il-ħsara.

KAPITOLU IV

## TRASFERIMENT TAL-ISPEJJEŻ ŻEJDA

*Artikolu 12*

### Trasferiment tal-ispejjeż żejda u d-dritt għal kumpens sħiħ

1. Biex tkun żgurata l-effettività sħiħa tad-dritt għal kumpens kif stipulat fl-Artikolu 3, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li, f'konformità mar-regoli stabbiliti f'dan il-Kapitolu, il-kumpens għal ħsara jista' jintalab minn kwalunkwe persuna li tkun ġarrbet il-ħsara, irrispettivament ta' jekk humiex xerrejja diretti jew indiretti minn kontraventur, u li l-kumpens għal ħsara li jeċċedi dik ikkawżata mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni lill-attur, kif ukoll in-nuqqas ta' responsabbiltà tal-kontraventur, jiġu evitati.

2. Sabiex jiġi evitat kumpens żejjed, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli proċedurali xierqa sabiex jiġi żgurat li l-kumpens għal telf attwali fi kwalunkwe livell tal-katina tal-provvista ma jeċċedix il-ħsara minħabba spejjeż żejda, mġarrba f'dak il-livell.

3. Dan il-Kapitolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' parti li tkun ġarrbet il-ħsara li titlob u tikseb kumpens għat-telf ta' profitti minħabba trasferiment sħiħ jew parzjali ta' spejjeż żejda.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-regoli stipulati f'dan il-Kapitolu japplikaw fejn il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni għandu x'jaqsam mal-provvista lill-kontraventur.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa li tikkalkolaw, skont il-proċeduri nazzjonali, is-sehem ta' kwalunkwe spejjeż żejda li ġew ittrasferiti.

*Artikolu 13*

### Trasferiment tad-difiża

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-konvenut f'azzjoni għad-danni jista' jinvoka, bħala difiża kontra pretensjoni għad-danni, il-fatt li l-attur ittrasferixxa l-ispejjeż żejda kollha jew parti minnhom li rriżultaw mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni. Il-piż tal-provahiom li l-ispejjeż żejda ġew trasferiti għandu jkun tal-konvenut li b'mod raġonevoli jista' jkun jeħtieġ divulgazzjoni mill-attur jew minn partijiet terzi.

*Artikolu 14*

### Xerrejja indiretti

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta f'azzjoni għad-danni l-eżistenza ta' talba għad-danni jew l-ammont tal-kumpens li għandu jingħata jiddependu fuq jekk — jew sa liema punt — spiża żejda ġiet ittrasferita lill-attur, b'kont meħud tal-prattika kummerċjali li ż-żieda fil-prezzijiet tiġi ttrasferita 'l isfel fil-katina tal-provvista, il-piż tal-prova tal-eżistenza u tal-ambitu ta' tali trasferiment jaqa' fuq il-attur li b'mod raġonevoli jista' jkun jeħtieġ divulgazzjoni mill-konvenut jew minn partijiet terzi.

2. Fis-sitwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, ix-xerrej indirett għandu jitqies li jkun ta prova li sar trasferiment fuqu meta dak ix-xerrej indirett jkun wera li:

(a) il-konvenut wettaq ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(b) il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni rriżulta fi spejjeż żejda għax-xerrej dirett tal-konvenut; u

(c) huwa jkun xtara l-oġġetti jew is-servizzi li kienu l-oġġett tal-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew xtara oġġetti jew servizzi mnisslin minnhom jew inkorporati fihom.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika meta l-konvenut jista' b'mod kredibbli juri għas-sodisfazzjon tal-qorti li l-ispejjeż żejda ma kinux ġew trasferiti, jew mhux kollha, lix-xerrej indirett.

*Artikolu 15*

**Azzjonijiet għad-danni mill-atturi f'livelli differenti tal-katina tal-provvista**

1. Biex jiġi evitat li azzjonijiet għad-danni minn atturi f'livelli differenti tal-katina tal-provvista jwasslu għal responsabbiltà multipla jew nuqqas ta' responsabbiltà tal-kontraventur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fil-valutazzjoni ta' jekk il-piż tal-prova li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-Artikoli 13 u 14 hijiex issodisfata, il-qrati nazzjonali li quddiemhom tkun tressqet azzjoni għad-danni jkunu jistgħu, b'mezzi disponibbli taħt il-liġi tal-Unjoni jew dik nazzjonali, jieħdu kont debitu ta' kwalunkwe wieħed mis-segwenti:

(a) azzjonijiet għad-danni li huma relatati mal-istess ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, iżda li jitressqu mill-atturi minn livell ieħor fil-katina tal-provvista;

(b) sentenzi li jirriżultaw minn azzjonijiet għal danni kif imsemmija fil-punt (a);

(c) informazzjoni rilevanti fid-dominju pubbliku li tirriżulta mill-infurzar pubbliku tal-liġi tal-kompetizzjoni.

2. Dan l-Artikolu huwa mingħajr preġudizzju għad-drittijiet u l-obbligi tal-qrati nazzjonali taħt l-Artikolu 30 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012.

*Artikolu 16*

**Linji gwida għall-qrati nazzjonali**

Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida għall-qrati nazzjonali dwar kif jiġi stmat is-sehem ta' spiża żejda li jkun ġie ttrasferit lix-xerrej indirett.

KAPITOLU V

**KWANTIFIKAZZJONI TAL-ĦSARA**

*Artikolu 17*

**Kwantifikazzjoni tal-ħsara**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li la l-piż u lanqas l-istandard tal-provi meħtieġa għall-kwantifikazzjoni tal-ħsara ma jagħmlu l-eżerċizzju tad-dritt għad-danni prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali jkollhom is-setgħa, skont proċeduri nazzjonali, jistmaw l-ammont ta' ħsara jekk jiġi stabbilit li attur ġarrab ħsara iżda li jkun prattikament impossibbli jew diffiċli ħafna biex jiġi kkwantifikat b'mod preċiż il-ħsara mġarrba abbażi tal-evidenza disponibbli.

2. Għandu jiġi preżunt li ksur minn kartelli jikkaġuna ħsara. Il-kontraventur għandu jkollu d-dritt li jirribatti dik il-preżunzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fi proċedimenti marbuta ma' azzjoni għal danni, awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni, tista', fuq talba ta' qorti nazzjonali, tassisti lil dik il-qorti nazzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni tal-quantum tad-danni fejn dik l-awtorità nazzjonali tal-kompetizzjoni tqis li tali assistenza hija adatta.

KAPITOLU VI

**RIŻOLUZZJONI KONSENSWALI TAT-TILWIM**

*Artikolu 18*

**Effett sospensiv u effetti oħra tar-riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-perijodu ta' preskrizzjoni għat-tressiq ta' azzjoni għad-danni jkun sospiż għat-tul ta' żmien ta' kwalunkwe proċess ta' riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim. Is-sospensjoni tal-perijodu ta' preskrizzjoni japplika biss fir-rigward ta' dawk il-partijiet li huma jew li kienu involuti jew rappreżentati fir-riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim.

2. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali f'materji ta' arbitraġġ, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qrati nazzjonali li quddiemhom tkun tressqet azzjoni għad-danni jistgħu jissospendu l-proċedimenti tagħhom għal massimu ta' sentejn fejn il-partijiet għal dawk il-proċedimenti huma involuti f'riżoluzzjoni konsenswali tat-tilwim rigward il-pretensjoni koperta minn dik l-azzjoni għad-danni.

3. Awtorità tal-kompetizzjoni tista' tikkunsidra li l-kumpens li jitħallas b'riżultat ta' riżolviment kunsenswali u qabel id-deċiżjoni tagħha li timponi piena jkun fattur ta' mitigazzjoni.

*Artikolu 19*

**Effett ta' riżolviment kunsenswali fuq azzjonijiet sussegwenti għad-danni**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, wara riżolviment kunsenswali, mill-pretensjoni tal-parti f'riżolviment li ġarrbet id-dannu, jitnaqqas is-sehem tad-dannu tal-kokontraventur f'riżolviment li jkun ikkaġuna l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fuq il-parti li ġarrbet id-dannu.

2. Kwalunkwe pretensjoni li jibqa' tal-parti f'riżolviment li ġarrbet id-dannu għandha tiġi eżerċitata biss kontra kokontraventuri mhux f'riżolviment,. Il-kokontraventuri mhux f'riżolviment ma għandhomx ikunu permessi li jirkupraw il-kontribuzzjoni għall-bqija tal-pretensjoni mill-kokontraventur f'riżolviment.

3. B'deroga mill-paragrafu 2, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn il-kokontraventuri mhux f'riżolviment ma jistgħux iħallsu d-danni li jikkorrispondu għall-bqija tal-pretensjoni tal-parti f'riżolviment li ġarrbet id-dannu, il-parti f'riżolviment li ġarrbet id-dannu tista' teżerċita l-bqija tal-pretensjoni kontra l-kokontraventur f'riżolviment.

Id-deroga msemmija fl-ewwel subparagrafu tista' tiġi espressament eskluża skont it-termini tar-riżolviment kunsenswali.

4. Meta jkun qed jiġi ddeterminat l-ammont ta' kontribuzzjoni li kokontraventur jista' jirkupra minn kwalunkwe kokontraventur ieħor f'konformità mar-responsabbiltà relattiva tagħhom għall-ħsara kkawżata mill-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, il-qrati nazzjonali għandhom jieħdu kont debitu ta' kwalunkwe dannu mħallas skont riżolviment kunsenswali preċedenti bl-involviment tal-kokontraventur rilevanti ta' ksur.

KAPITOLU VII

**DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

*Artikolu 20*

**Rieżami**

1. Il-Kummissjoni għandha teżamina mill-ġdid din id-Direttiva u għandha tippreżenta rapport dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sas-27 ta' Diċembru 2020.

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu, fost oħrajn, jinkludi informazzjoni fuq is-segwenti kollha:

(a) l-impatt possibbli ta' restrizzjonijiet finanzjarji minħabba l-ħlas ta' penali imposti minn awtorità tal-kompetizzjoni għal ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni fuq il-possibbiltà li partijiet li ġarrbu d-dannu jiksbu kumpens sħiħ għall-ħsara kkawżata minn dak il-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni;

(b) il-punt sa fejn atturi għal danni kkawżati minn ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni stabbiliti f'deċiżjoni ta' ksur adottata minn awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru ma jkunux jistgħu jippruvaw quddiem qorti nazzjonali ta' Stat Membru ieħor li tali ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni seħħ;

(c) il-punt sa fejn il-kumpens għal telf attwali jaqbeż il-ħsara minħabba spejjeż żejda kkawżata minħabba l-ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni, jew imġarrba fi kwalunkwe livell tal-katina tal-provvista.

3. Fejn xieraq, ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun akkumpanjat minn proposta leġislattiva.

*Artikolu 21*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji biex jaderixxu ma' din id-Direttiva sas-27 ta' Diċembru 2016. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment.. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin fil-liġi nazzjonali li jkunu adottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 22*

**Applikazzjoni temporali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-miżuri nazzjonali adottati skont l-Artikolu 21 sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet sostantivi ta' din id-Direttiva ma japplikawx retroattivament.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li kwalunkwe miżuri nazzjonali adottati skont l-Artikolu 21, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafu 1, ma japplikawx għal azzjonijiet għal danni mressqa quddiem qorti qabel is-26 ta' Diċembru 2014.

*Artikolu 23*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 24*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, is-26 ta' Novembru 2014.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
M. SCHULZ

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
S. GOZI

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) Nru 1290/2014

**tal-4 ta' Diċembru 2014**

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u jemenda r-Regolament (UE) Nru 960/2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK tal-4 ta' Diċembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina, u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK [1],

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament(UE) Nru 833/2014 [2] dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina.

(2) Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 960/2014 [3] li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014.

(3) Fl-4 ta' Diċembru 2014 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/872/PESK.

(4) Dawn il-miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, partikolarment bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom fl-Istati Membri kollha, hija meħtieġa azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni, konsegwentement għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/872/PESK.

(5) Ir-Regolamenti (UE) Nru 833/2014 u (UE) Nru 960/2014 għandhom għalhekk ikunu emendati kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (UE) Nru 833/2014 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2(2), it-tieni subparagrafu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, madankollu, jagħtu awtorizzazzjoni fejn l-esportazzjoni tirrigwarda l-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-1 ta' Awwissu 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.".

[1] Ara l-paġna 59 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.

[2] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 833/2014 tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 1).

[3] Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 960/2014 tat-8 ta' Settembru 2014 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 271, 12.9.2014, p. 3).

(2) Fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel it-12 ta' Settembru 2014, jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, u għall-forniment tal-assistenza meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza tal-kapaċitajiet eżistenti fl-UE.".

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafi minn 1 sa 5 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għandha tkun meħtieġa awtorizzazzjoni minn qabel għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, direttament jew indirettament, ta' oġġetti kif elenkati fl-Anness II, kemm jekk joriġinaw fl-Unjoni kif ukoll jekk le, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha jew f'kull Stat ieħor, jekk tali oġġetti jkunu għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha.

2. Għall-bejgħ, fornimenti, trasferimenti jew esportazzjonijiet kollha li jeħtieġu awtorizzazzjoni taħt dan l-Artikolu, tali awtorizzazzjoni għandha tingħata mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit l-esportatur u għandha tkun f'konformità mar-regoli dettaljati stabbiliti fl-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 428/2009. L-awtorizzazzjoni tkun valida fl-Unjoni kollha.

3. L-Anness II jinkludi ċerti oġġetti adattati għall-kategoriji segwenti ta' proġetti ta' esplorazzjoni u produzzjoni fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha:

(a) esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt f'ilmijiet aktar fondi minn 150 metru;

(b) esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt fiż-żona lil hinn mill-kosta fit-Tramuntana taċ-Ċirku Artiku; jew

(c) proġetti li jkollhom il-potenzjal li jipproduċu ż-żejt minn riżorsi li jinsabu f'formazzjonijiet ta' shale permezz ta' fratturazzjoni idrawlika; dan ma japplikax għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni f'formazzjonijiet ta' shale bl-għan li jinstab jew jiġi estratt żejt minn depożiti mhux tax-shale.

4. L-esportaturi jipprovdu lill-awtoritajiet kompetenti bl-informazzjoni relevanti kollha meħtieġa għall-applikazzjoni tagħhom għal awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni.

5. L-awtoritajiet kompetenti ma jagħtu awtorizzazzjoni għall-ebda bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' oġġetti inklużi fl-Anness II, jekk ikollhom raġunijiet validi biex jiddeterminaw li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti huma maħsubin għal xi waħda mill-kategoriji ta' proġetti ta' esplorazzjoni u l-produzzjoni msemmija fil-paragarfu 3.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, madankollu, jagħtu awtorizzazzjoni fejn il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jirrigwardaw l-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt konkluż qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jew kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jagħtu awtorizzazzjoni fejn il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni tal-oġġetti jkunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent. F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza, il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.".

(4) Fl-Artikolu 3a, il-paragrafi 1, 2 u 3 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"1. Għandu jkun ipprojbit il-forniment, dirett jew indirett, tas-servizzi assoċjati li jkunu meħtieġa għall-kategoriji segwenti ta' proġetti ta' esplorazzjoni u produzzjoni fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha:

(a) esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt f'ilmijiet aktar fondi minn 150 metru;

(b) esplorazzjoni u produzzjoni taż-żejt fiż-żona lil hinn mill-kosta fit-tramuntana taċ-Ċirku Artiku; jew

(c) proġetti li jkollhom il-potenzjal li jipproduċu ż-żejt minn riżorsi li jinsabu f'formazzjonijiet ta' shale permezz ta' fratturazzjoni idrawlika; dan ma japplikax għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni f'formazzjonijiet ta' shale bl-għan li jinstab jew jiġi estratt żejt minn depożiti mhux tax-shale.

Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, servizzi assoċjati tfisser:

(i) it-tħaffir,

(ii) ittestjar ta' bjar,

(iii) servizzi ta' *logging* u tlestija,

(iv) forniment ta' bastimenti speċjalizzati li jżommu f'wiċċ l-ilma.

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' obbligu li jirriżulta minn kuntratt jew ftehim qafas konkluż qabel it-12 ta' Settembru 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratt.

3. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 ma għandhiex tapplika fejn is-servizzi inkwistjoni jkunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew l-ambjent.

Il-fornitur tas-servizz għandu jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara kwalunkwe attività li tkun saret taħt dan il-paragrafu, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni.".

(5) Fl-Artikolu 4, il-paragrafi 2 u 3 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, u għall-forniment tal-assistenza meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza tal-kapaċitajiet eżistenti fl-UE.

3. Il-forniment ta' dawn li ġejjin għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni mill-awtorità kompetenti kkonċernata:

(a) assistenza teknika jew servizzi ta' senserija relatati ma' oġġetti elenkati fl-Anness II, u mal-forniment, il-manifattura, il-manutenzjoni u l-użu ta' dawk l-oġġetti, direttament jew indirettament lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, jekk tali assistenza tikkonċerna oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor;

(b) il-finanzjament jew l-assistenza finanzjarja relatati mal-oġġetti msemmija fl-Anness II, inklużi b'mod partikolari l-għotjiet, is-self u l-assigurazzjoni fuq il-kreditu għall-esportazzjoni, għal kull bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni ta' dawk il-prodotti, jew għal kull forniment ta' assistenza teknika relatata, direttament jew indirettament, lil kull persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha jew, jekk tali assistenza tirrigwarda oġġetti għall-użu fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklussiva u l-Blata Kontinentali tagħha, lil kwalunkwe persuna, entità jew korp fi kwalunkwe Stat ieħor.

F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza msemmija fl-Artikolu 3(5), il-provvista tas-servizzi msemmija f'dan il-paragrafu tista' tipproċedi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara l-provvista tas-servizzi.".

(6) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandu jkun ipprojbit li, b'mod dirett jew indirett, wieħed jagħmel jew ikun parti minn arranġament biex jagħmel self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, wara t-12 ta' Settembru 2014.

Il-projbizzjoni ma tapplikax għal:

(a) self jew kreditu li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat biex jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet mhux projbiti ta' prodotti u servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz, inkluż l-infiq għal oġġetti u servizzi minn kwalunkwe Stat terz li jkun meħtieġ għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti ta' esportazzjoni jew importazzjoni; jew

(b) selfiet li jkollhom objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdu finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfaw kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' xi entità msemmija fl-Anness III.".

(7) Fl-Artikolu 5, jiżdied il-paragrafu 4 li ġej:

"4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma tapplikax għal użu ta' kreditu disponibbli jew żborżi magħmula skont kuntratt konkluż qabel it-12 ta' Settembru 2014 kemm-il darba jkunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-patti u l-kondizzjonijiet kollha ta' tali użu ta' kreditu disponibbli jew ta' tali żborżi:

(i) kienu miftehma qabel it-12 ta' Settembru 2014, u

(ii) ma kinux modifikati f'dik id-data jew wara; u

(b) qabel it-12 ta' Settembru 2014 ġiet iffissata data tal-maturità kuntrattwali għall-ħlas lura sħiħ tal-fondi kollha disponibbli u għall-kanċellazzjoni tal-impenji, drittijiet u obbligi kollha taħt il-kuntratt.

Il-patti u l-kondizzjonijiet tal-użu ta' kreditu disponibbli u żborżi msemmija fil-punt (a) jinkludu dispożizzjonijiet dwar it-tul tal-perjodu ta' ħlas lura għal kull użu ta' kreditu disponibbli jew żborż, ir-rata tal-imgħax applikata jew il-metodu ta' kalkolu tar-rata tal-imgħax, u l-ammont massimu.".

(8) L-Anness II huwa emendat kif ġej:

(a) fit-titolu, ir-referenza "Lista ta' teknoloġiji msemmija fl-Artikolu 3" tiġi sostitwita b'"Lista ta' oġġetti msemmija fl-Artikolu 3".

(b) l-entrati għall-kodiċijiet NM 8413 50, 8413 60, ex 8431 39 00, ex 8431 43 00, ex 8431 49 jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

| | |
|---|---|
| "ex 8413 50 | Pompi reċiprokanti bi spustament pożittiv għal likwidi, li jaħdmu b'mutur bi fluss massimu ta' iktar minn 18 $m^3$ fis-siegħa u pressjoni massima ta' iktar minn 40 bar, imfassla b'mod speċjali għall-ippumpjar ta' tajn tat-tħaffir u/jew siment fi bjar taż-żejt |
| ex 8413 60 | Pompi rotatorji bi spustament pożittiv għal likwidi, li jaħdmu b'mutur bi fluss massimu ta' iktar minn 18 $m^3$ fis-siegħa u pressjoni massima ta' iktar minn 40 bar, imfassla b'mod speċjali għall-ippumpjar ta' tajn tat-tħaffir u/jew siment fi bjar taż-żejt |
| ex 8431 39 00 | Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tal-intestatura 8428 |
| ex 8431 43 00 | Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tas-subintestaturi 8430 41 jew 8430 49 |
| ex 8431 49 | Partijiet adattati biss għall-użu jew prinċipalment għall-użu mal-makkinarju tal-intestaturi 8426, 8429 and 8430". |

(9) L-Anness IV jiġi sostitwit bl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-premessa 6 tar-Regolament (UE) Nru 960/2014 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

"(6) Biex issir pressjoni fuq il-Gvern Russu, huwa xieraq ukoll li jiġu applikati restrizzjonijiet ulterjuri fuq l-aċċess għas-suq tal-kapital għal ċerti istituzzjonijiet finanzjarji, li jeskludu istituzzjonijiet ibbażati fir-Russja bi *status* internazzjonali stabbiliti permezz ta' ftehimiet intergovernattivi mar-Russja bħala waħda mill-azzjonisti; restrizzjonijiet fuq persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja fis-settur tad-difiża, bl-eċċezzjoni ta' dawk li huma attivi l-iktar fl-industrija tal-ispazju u tal-enerġija nukleari; u restrizzjonijiet fuq persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi stabbiliti fir-Russja li l-attivitajiet prinċipali tagħhom jirrigwardaw il-bejgħ jew it-trasport taż-żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi. Servizzi finanzjarji oħra mhux imsemmija fl-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 833/2014, bħal servizzi ta' depożitu, servizzi ta' ħlas, servizzi ta' assigurazzjoni, self mill-istituzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 5(1) u (2) ta' dak ir-Regolament u derivati li jintużaw għal skopijiet ta' hedging fis-suq tal-enerġija mhumiex koperti minn dawn ir-restrizzjonijiet.".

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

*ANNESS*

*"ANNESS IV*

**Lista ta ' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi msemmija fl-Artikolu 2a**

JSC Sirius

OJSC Stankoinstrument

OAO JSC Chemcomposite

JSC Kalashnikov

JSC Tula Arms Plant

NPK Technologii Maschinostrojenija

OAO Wysokototschnye Kompleksi

OAO Almaz Antey

OAO NPO Bazalt".

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1291/2014

## tas-16 ta' Lulju 2014

## dwar il-kundizzjonijiet għall-klassifikazzjoni mingħajr ittestjar ta' pannelli b'bażi tal-injam taħt EN13986 u panelli u kisi tal-injam mastizz taħt EN14915 fir-rigward tal-kapaċità ta' protezzjoni min-nar tagħhom, meta jintużaw biex jgħattu ħitan u soqfa

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kundizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5) tagħha,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/367/KE ([2]) ġiet adottata sistema għall-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni ta' prodotti għall-bini, xogħlijiet ta' bini u partijiet minnhom fir-rigward tar-reżistenza tagħhom għan-nar. Pannelli b'bażi tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 13986, kif ukoll pannelli u kisi tal-injam mastizz koperti mill-istandard armonizzat EN 14915, huma fost il-prodotti għall-bini li għalihom tapplika dik id-Deċiżjoni.

(2) Testijiet urew li dawk il-prodotti għandhom prestazzjoni stabbli u prevedibbli dwar il-kapaċità ta' protezzjoni min-nar meta jintużaw biex jgħattu ħitan u soqfa, dment li l-prodotti jkunu jissodisfaw ċerti kundizzjonijiet rigward id-densità tal-injam u l-ħxuna tal-pannelli u l-kisi.

(3) Pannelli b'bażi tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 13986 u pannelli u kisi tal-injam mastizz koperti mill-istandard armonizzat EN 14915 għandhom għalhekk jitqiesu li jissodisfaw l-klassijiet ta' prestazzjoni għall-kapaċità ta' protezzjoni min-nar stabbiliti fid-Deċiżjoni 2000/367/KE dwar dawk il-kundizzjonijiet, mingħajr ma jinħtieġ aktar ittestjar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Pannelli b'bażi tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 13986 u pannelli u kisi tal-injam mastizz koperti mill-istandard armonizzat EN 14915 li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-klassijiet ta' prestazzjoni indikati fl-Anness mingħajr ittestjar, meta jintużaw għal kisi ta' ħitan u soqfa.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/367/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifika ta' reżistenza għan-nar ta' prodotti għall-bini, xogħlijiet ta' bini u xi partijiet minnhom (ĠU L 133, 6.6.2000, p. 26).

*ANNESS*

| Prodott (1) | Standard tal-prodott EN | Dettalji tal-prodott (2) | Densità medja minima ($kg/m^3$) | Ħxuna minima (mm) | Klassi K (3) |
|---|---|---|---|---|---|
| Ħardbord | EN 13986 | Bi u mingħajr mudullun u buvett (5) | 800 | 9 | $K_2$ 10 (4) |
| OSB | EN 13986 | Bi u mingħajr mudullun u buvett (6) | 600 | 10 | $K_2$ 10 (4) |
| Particleboard | EN 13986 | B'mudullun u buvett (7) | 600 | 10 | $K_2$ 10 (4) |
| Particleboard | EN 13986 | Bi u mingħajr mudullun u buvett (6) | 600 | 12 | $K_2$ 10 (4) |
| Triplaj | EN 13986 | Bi u mingħajr mudullun u buvett (6) | 450 | 12 | $K_2$ 10 (4) |
| Pannelli tal-injam mas-tizz | EN 13986 | Bi u mingħajr mudullun u buvett (6) | 450 | 12 | $K_2$ 10 (4) |
| Particleboard | EN 13986 | B'mudullun u buvett (8) | 600 | 25 | $K_2$ 30 |
| OSB | EN 13986 | B'mudullun u buvett (8) | 600 | 30 | $K_2$ 30 |
| Triplaj | EN 13986 | B'mudullun u buvett (8) | 450 | 26 | $K_2$ 30 |
| Pannelli tal-injam mas-tizz | EN 13986 | B'mudullun u buvett (8) | 450 | 26 | $K_2$ 30 |
| Pannelli tal-injam mas-tizz | EN 13986 | B'mudullun u buvett (9) | 450 | 53 | $K_2$ 60 |
| Pannelli u kisi tal-injam mastizz | EN 14915 | B'mudullun u buvett (10) | 450 | 15 | $K_2$ 10 (4) |
| Pannelli u kisi tal-injam mastizz | EN 14915 | B'mudullun u buvett (10) | 450 | 27 | $K_2$ 30 |
| Pannelli u kisi tal-injam mastizz | EN 14915 | B'mudullun u buvett (11) | 450 | 2 × 27 (12) | $K_2$ 60 |

(1) Armat direttament fuq kull sostrat mingħajr vojt taħtu.
(2) Minċotti bi truf kwadri jew bi profil tal-mudullun u l-buvett u bl-istess ħxuna tal-prodott tal-injam u mingħajr vojt.
(3) Klassi kif stipulata fid-Deċiżjoni 2000/367/KE.
(4) $K_1$ 10 għas-sustrati ≥ 300 $kg/m^3$
(5) Taċċ tul minimu ta' 40 mm u spazjar massimu ta' 100 mm
(6) Viti b'tul minimu ta' 30 mm u bi spazjar massimu ta' 200 mm
(7) Viti b'tul minimu ta' 30 mm u bi spazjar massimu ta' 150 mm
(8) Viti b'tul minimu ta' 50 mm u bi spazjar massimu ta' 200 mm
(9) Viti b'tul minimu ta' 75 mm u bi spazjar massimu ta' 200 mm
(10) Musmar b'tul minimu ta' 60 mm u spazjar massimu ta' 600 mm
(11) Imsiemer b'tul minimu ta' 50 mm (f'kull saff) u bi spazjar massimu ta' 600 mm
(12) Iż-żewġ saffi jiġu mmuntati bid-direzzjoni lonġitudinali tas-saffi tkun perpendikolari ma' xulxin.

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1292/2014

## tas-17 ta' Lulju 2014

## dwar il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni, mingħajr ittestjar, ta' ċerti pavimenti tal-injam mhux miksi skont EN14342 fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE ([2]) adottat sistema għall-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini, rigward ir-reazzjoni tagħhom għan-nar. Il-pavimenti tal-injam huma fost il-prodotti għall-bini li għalihom tapplika dik id-Deċiżjoni.

(2) It-testijiet urew li l-pavimenti tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 14342 għandhom prestazzjoni stabbli u prevedibbli rigward ir-reazzjoni għan-nar sakemm jissodisfaw ċerti kondizzjonijiet dwar id-densità tal-injam, il-ħxuna tal-pavimentar u l-użu aħħari tal-prodott.

(3) Il-pavimenti tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 14342 għandhom għalhekk jitqiesu li jissodisfaw il-klassijiet ta' prestazzjoni għal reazzjoni għan-nar stabbiliti fid-Deċiżjoni 2000/147/KE dwar dawk il-kondizzjonijiet mingħajr il-ħtieġa ta' aktar ittestjar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-pavimenti tal-injam koperti mill-istandard armonizzat EN 14342 li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Anness għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-klassijiet ta' prestazzjoni mingħajr ittestjar indikati fl-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

---

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Frar 2000 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE rigward il-klassifikazzjoni tar-reazzjoni għan-nar tal-prodotti għall-bini (ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14).

*ANNESS*

| Prodott (1) (7) | Dettalji tal-prodott (4) | Densità medja minima (5) (kg/m$^3$) | Ħxuna nominali minima (mm) | Kondizzjoni tal-użu aħħari | Klassi għall-pavimenti (3) |
|---|---|---|---|---|---|
| Pavimentar tal-injam | Pavimentar tal-injam solidu tal-arżnu jew tal-abit (spruce) | Arżnu: 480<br>Abit: 400 | 14 | Mingħajr spazju tal-arja taħt | $D_{fl}$-s1 |
| Pavimentar tal-injam | Pavimentar solidu tal-fagu, tal-ballut, tal-arżnu jew tal-abit (spruce) | Fagu: 700<br>Ballut: 700<br>Arżnu: 430<br>Abit: 400 | 20 | Bil-spazju tal-arja taħt jew mingħajru | $D_{fl}$-s1 |
| Parkè tal-injam | Parkè tal-injam solidu (saff wieħed) tal-ġewż | 650 | 8 | Inkullat mas-sottostrat (6) | $D_{fl}$-s1 |
| Parkè tal-injam | Parqè solidu (saff wieħed) tal-ballut, tal-fraxxnu jew tal-aġġru | Fraxxnu: 650<br>Aġġru: 650<br>Ballut: 720 | 8 | Inkullat mas-sottostrat (6) | $D_{fl}$-s1 |
| Parkè tal-injam | Parkè bis-saffi bis-saff ta' fuq tal-ballut, ta' mill-inqas 3,5 mm | 550 | 15 (2) | Mingħajr spazju tal-arja taħt | $D_{fl}$-s1 |
| Pavimentar tal-injam u parkè | Paviment tal-injam solidu u parkè li mhumiex speċifikati hawn fuq | 400 | 6 | Kollha | $E_{fl}$ |

(1) Immuntat skont EN ISO9239-1, fuq sottostrat li jkun mill-inqas tal-Klassi D-s2, d0 u b'densità minima ta' 400 kg/m$^3$ jew bil-spazju tal-arja taħt (tul minimu ta' 30 mm).
(2) Jista' jiddaħħal saff ta' bejniethom li jkun mill-inqas tal-Klassi $E_{fl}$ u bi ħxuna massima ta' 3 mm u b'densità minima ta' 280 kg/m$^3$.
(3) Il-klassi kif prevista fit-Tabella 2 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE.
(4) Mingħajr kisi tal-wiċċ.
(5) Trattat skont EN 13238 (50 % RH, 23 °C).
(6) Sottostrat li jkun mill-inqas tal-Klassi D-s2, d0.
(7) Japplika wkoll għat-turġien tat-taraġ.

# REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1293/2014

## tas-17 ta' Lulju 2014

## dwar il-kondizzjonijiet għall-klassifikazzjoni mingħajr ittestjar, tal-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi ta' ġewwa koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-1, tal-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi minn barra koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-2 u tal-gwarniċi għat-tond tal-metall u l-profili metalliċi koperti bl-istandard armonizzat EN 14353, fir-rigward tar-reazzjoni tagħhom għan-nar

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 27(5) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE ([2]) ġiet adottata sistema għall-klassifikazzjoni tal-prestazzjoni tal-prodotti għall-bini rigward ir-reazzjoni tagħhom għan-nar. L-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi ta' ġewwa koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-1, l-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi minn barra koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-2 u l-gwarniċi għat-tond tal-metall u l-profili metalliċi koperti bl-istandard armonizzat EN 14353, b'wiċċ espost li għandu materjal organiku, huma fost il-prodotti għall-bini li għalihom tapplika din id-Deċiżjoni.

(2) Dawn il-prodotti wrew li għandhom prestazzjoni stabbli u prevedibbli rigward ir-reazzjoni għan-nar meta jintużaw għat-twavel tal-ġipsum sabiex jiffurmaw kantunieri mal-ħitan peress li parti insinifikanti biss tal-wiċċ tirriskja li tkun esposta għan-nar.

(3) Għalhekk, l-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi ta' ġewwa koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-1, l-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi minn barra koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-2 u l-gwarniċi għat-tond tal-metall u l-profili metalliċi koperti bl-istandard armonizzat EN 14353, b'wiċċ espost li għandu materjal organiku, għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-klassi E tar-reazzjoni tal-prestazzjoni għan-nar mingħajr il-bżonn ta' ittestjar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

L-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi ta' ġewwa koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-1, l-istrixxi dojoq u l-gwarniċi għat-tond tal-metall għall-kisi minn barra koperti bl-istandard armonizzat EN 13658-2 u l-gwarniċi għat-tond tal-metall u l-profili metalliċi koperti bl-istandard armonizzat EN 14353 għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-klassi E stabbilita fit-Tabella 1 tal-Anness tad-Deċiżjoni 2000/147/KE, mingħajr ittestjar, b'wiċċ espost li għandu materjal organiku.

### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Lulju 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5.

([2]) Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/147/KE tat-8 ta' Frar 2000 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE fir-rigward tal-klassifikazzjoni ta' l-imġieba tar-reazzjoni għan-nar ta' prodotti għall-bini (ĠU L 50, 23.2.2000, p. 14).

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1294/2014**

**tal-4 ta' Diċembru 2014**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1238/95 rigward il-livell tat-tariffa fuq l-applikazzjoni u tat-tariffa fuq l-eżami li jridu jitħallsu lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkonsultat mal-Kunsill Amministrattiv tal-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti,

Billi:

(1) L-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 ([2]) jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet dwar il-livell tat-tariffa fuq l-applikazzjoni li trid titħallas lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti ("l-Uffiċċju") għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għal għotja ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità.

(2) Fuq l-esperjenza li għandu l-Uffiċċju dwar l-ispiża marbuta mal-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-għotja ta' drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità li ma jkunux validi, jixraq li jitnaqqas l-ammont tat-tariffa fuq l-applikazzjoni li jżomm l-Uffiċċju.

(3) L-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 u l-Anness I tiegħu jistabbilixxu l-livell tat-tariffi li jridu jitħallsu lill-Uffiċċju, "il-piż tal-eżami", għall-arranġament u t-twettiq tal-eżami tekniku ta' varjetà li tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal dritt ta' Varjetà tal-Pjanti fil-Komunità.

(4) Rigward l-eżami tekniku tal-varjetajiet li għalihom irid jintuża ripetutament materjal b'komponenti speċifiċi għall-produzzjoni ta' materjal, l-esperjenza turi li l-ispiża fuq dan l-eżami tista' tvarja ħafna minn każ għal ieħor. It-tariffa fuq l-eżami tekniku għandha tkopri l-ispiża tal-eżami tekniku tal-varjetà u tal-eżami ta' kull komponent speċifiku tal-varjetà. Għaldaqstant ma għandux jiġi stabbilit ammont fiss għat-tariffa fuq l-eżami tekniku f'dawn il-każijiet.

(5) L-esperjenza miksuba dwar l-eżami tekniku turi wkoll li l-ammont totali tat-tariffi fuq l-eżami li jitlob l-Uffiċċju ma jkoprix l-ammont totali tat-tariffi li jridu jitħallsu mill-Uffiċċju lill-Uffiċċji tal-Eżami. Iżda fil-prinċipju, it-tariffi li jitlob l-Uffiċċju għandhom ikopru t-tariffi li dan iħallas. Għaldaqstant, għandhom jiżdiedu t-tariffi stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1238/95. Fl-istess ħin, il-gruppi ta' spejjeż stabbiliti f'dak l-Anness għandhom jiġu ssimplifikati.

(6) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 għandu jiġi emendat skont dan.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament jikkonformaw mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar id-Drittijiet Komunitarji tal-Varjetajiet tal-Pjanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1238/95 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 7 jinbidel b'dan li ġej:

"7. Fejn titħallas it-tariffa fuq l-applikazzjoni iżda l-applikazzjoni ma tkunx valida skont l-Artikolu 50 tar-Regolament bażiku, l-Uffiċċju għandu jżomm EUR 200 mit-tariffa fuq l-applikazzjoni u jagħti rifużjoni tal-bqija meta javża lill-applikant bin-nuqqasijiet li jkunu nstabu fl-applikazzjoni."

([1]) ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1238/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi r-regoli tal-implimentazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-piżijiet pagabbli lill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (ĠU L 121, 1.6.1995, p. 31).

(2) Fl-Artikolu 8, il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. It-tariffi fuq l-arranġament u t-twettiq tal-eżami tekniku ta' varjetà li tkun is-suġġett ta' applikazzjoni għal (tariffa fuq l-eżami) għad-dritt ta' varjetà tal-pjanti fil-Komunità, għandhom jitħallsu skont l-Anness I għal kull perjodu ta' tkabbir li jinbeda. Fil-kaz tal-varjetajiet li għalihom irid jintuża ripetutament materjal b'komponenti speċifiċi għall-produzzjoni tal-materjal, għandha titħallas it-tariffa fuq l-eżami stabbilita fl-Anness I rigward din il-varjetà u għal kull komponent li dwaru ma jkunx hemm deskrizzjoni uffiċjali u li jrid jiġi eżaminat ukoll."

(3) L-Anness I huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1238/95 għandu jiġi sostitwit bl-Anness li ġej:

*"ANNESS I*

**It-tariffi fuq l-eżamijiet tekniċi kif imsemmija fl-Artikolu 8**

It-tariffa li trid titħallas fuq l-eżami tekniku ta' varjetà skont l-Artikolu 8 għandha tiġi determinata skont it-tabella:

*(f'EUR)*

| | Grupp ta' spiża | Tariffa |
|---|---|---|
| **Grupp agrikolu** | | |
| 1 | Patata | 1 960 |
| 2 | Kolza | 1 860 |
| 3 | Ħaxix | 2 210 |
| 4 | Speċijiet agrikoli oħrajn | 1 430 |
| **Grupp tal-frott** | | |
| 5 | Tuffieħ | 3 210 |
| 6 | Frawli | 2 740 |
| 7 | Speċijiet ta' frott oħrajn | 2 550 |
| **Grupp ornamentali** | | |
| 8 | Pjanti ornamentali b'kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fis-serra | 2 140 |
| 9 | Pjanti ornamentali b'kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fil-beraħ | 1 960 |
| 10 | Pjanti ornamentali mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fis-serra | 1 770 |
| 11 | Pjanti ornamentali mingħajr kollezzjoni ta' referenza ħajja, test fil-beraħ | 1 570 |
| 12 | Pjanti ornamentali, kundizzjonijiet fitosanitarji speċjali | 3 040 |
| **Grupp tal-ħxejjex agrikoli** | | |
| 13 | Ħxejjex agrikoli, test fis-serra | 2 150 |
| 14 | Ħxejjex agrikoli, test fil-beraħ | 1 960" |

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1295/2014

## tal-4 ta' Diċembru 2014

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 15(5) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 ([2]) jistipula r-regoli li jikkonċernaw il-livell miżjud tal-kontrolli uffiċjali li jridu jitwettqu fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali elenkati fl-Anness I tiegħu ('il-lista'), fil-punti tad-dħul fit-territorji msemmija fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 882/2004.

(2) L-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jistipula li l-lista għandha tiġi eżaminata fuq bażi regolari, u mill-inqas kull tliet xhur, filwaqt li jitqiesu tal-inqas is-sorsi ta' informazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

(3) L-okkorrenza u r-rilevanza ta' inċidenti riċenti dwar l-ikel innotifikati permezz tas-Sistema ta' Twissija Bikrija għall-Ikel u l-Għalf, is-sejbiet tal-awditi f'pajjiżi terzi mwettqa mill-Uffiċċju Alimentari u Veterinarju, kif ukoll ir-rapporti trimestrali dwar kunsinni ta' għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali ppreżentati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 669/2009, jindikaw li l-lista trid tiġi emendata.

(4) B'mod partikolari, il-lista trid tiġi emendata billi jitħassru l-entrati għall-komoditajiet li l-informazzjoni disponibbli dwarhom tindika livell globalment sodisfaċenti ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sikurezza rilevanti previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni u li għalhekk għalihom ma tibqax ġustifikata żieda fil-kontrolli uffiċjali. L-entrati fil-lista li jikkonċernaw il-larinġ mill-Eġittu u l-weraq tal-kosbor, il-ħabaq u n-nagħniegħ mit-Tajlandja għandhom għalhekk jitħassru.

(5) Barra minn hekk, il-lista trid tiġi emendata billi tiżdied il-frekwenza tal-kontrolli uffiċjali fuq il-komoditajiet li għalihom l-istess sorsi ta' informazzjoni juru livell ogħla ta' nuqqas ta' konformità mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, li b'hekk jiġġustifika ż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali. L-entrati fil-lista li jikkonċernaw il-ħwawar imnixxfin mill-Indja, il-weraq tal-betel mill-Indja u mit-Tajlandja u l-weraq tad-dwieli mit-Turkija, għandhom għalhekk jiġu emendati skont dan.

(6) Sabiex jiġu żgurati l-konsistenza u ċ-ċarezza, huwa xieraq li l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 jiġi sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 669/2009 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 669/2009 huwa sostitwit bit-test stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

---

([1]) ĠU L 165, 30.4.2004, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 669/2009 tal-24 ta' Lulju 2009 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar iż-żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali mwettqa fuq l-importazzjoni ta' ċertu għalf u ikel ta' oriġini mhux mill-annimali u li jemenda d-Deċiżjoni 2006/504/KE (ĠU L 194, 25.7.2009, p. 11).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2015.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

*"ANNESS I*

**Għalf u ikel mhux ta' oriġini mill-annimali soġġett għal żieda fil-livell tal-kontrolli uffiċjali fil-punt tad-dħul deżinjat**

| Għalf u ikel (użu maħsub) | Kodiċi NM (1) | Sottodiviżjoni TARIC | Pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Għeneb imnixxef (frott tad-dielja)<br>*(Ikel)* | 0806 20 | | L-Afganistan (AF) | Okratossina A | 50 |
| — Karawett, bil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra,<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u ikel)* | — 1202 41 00<br>— 1202 42 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91; 2008 11 96; 2008 11 98 | | Il-Brażil (BR) | Aflatossini | 10 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Brunġiel<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95 | 10<br>10<br>72 | Il-Kambodja (KH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (2) | 50 |
| Karfus Ċiniż (*Apium graveolens*)<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | ex 0709 40 00 | 20 | Il-Kambodja (KH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (3) | 50 |
| Brassica oleracea<br>(Brassica oħra li tittiekel, 'Brokkoli Ċiniż') (4)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | ex 0704 90 90 | 40 | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (5) | 50 |
| Te, sew jekk aromatizzat, sew jew le<br>*(Ikel)* | 0902 | | Iċ-Ċina (CN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi (6) | 10 |

| Għalf u ikel (użu maħsub) | Kodiċi NM [1] | Sottodiviżjoni TARIC | Pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| — Brunġiel<br>— Bettieħ morr (*Momordica charantia*)<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — 0709 30 00;<br>ex 0710 80 95<br>— ex 0709 99 90;<br>ex 0710 80 95 | 72<br><br>70<br>70 | Ir-Repubblika Dominikana (DO) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [7] | 10 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00;<br>ex 0710 22 00<br>— 0709 60 10;<br>ex 0709 60 99<br>— 0710 80 51;<br>ex 0710 80 59 | 10<br>10<br>20<br><br>20 | Ir-Repubblika Dominikana (DO) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [7] | 20 |
| Frawli (frisk)<br>*(Ikel)* | 0810 10 00 | | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [8] | 10 |
| Bżar (ħelu u mhux) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | 0709 60 10;<br>ex 0709 60 99;<br>0710 80 51;<br>ex 0710 80 59 | 20<br><br>20 | L-Eġittu (EG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [9] | 10 |
| Weraq tal-betel (*Piper betle* L.)<br>*(Ikel)* | ex 1404 90 00 | 10 | L-Indja (IN) | Salmonella [10] | 50 |
| Żerriegħa tal-ġulġlien<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | 1207 40 90 | | L-Indja (IN) | Salmonella [10] | 20 |
| — *Capsicum annuum*, sħiħ<br>— *Capsicum annuum*, imfarrak jew mitħun<br>— Frott imnixxef tal-ġeneru *Capsicum*, sħiħ, minbarra l-bżar ħelu (*Capsicum annuum*)<br>— Noċemuskata (Myristica fragrans)<br>*(Ikel — ħwawar imnixxfin)* | — 0904 21 10<br>— ex 0904 22 00<br>— 0904 21 90<br>— 0908 11 00;<br>0908 12 00 | <br>10 | L-Indja (IN) | Aflatossini | 20 |

| Għalf u ikel (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Sottodi-viżjoni TARIC | Pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Enzimi; enzimi ppreparati<br>*(Għalf u ikel)* | 3507 | | L-Indja (IN) | Kloramfenikol | 50 |
| — Noċemuskata<br>*(Myristica fragrans)*<br>*(Ikel — ħwawar imnixxfin)* | — 0908 11 00;<br>0908 12 00 | | L-Indoneżja (ID) | Aflatossini | 20 |
| — Piżelli bil-miżwed (bil-qoxra)<br>— Fażola bil-miżwed (bil-qoxra)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | — ex 0708 10 00<br>— ex 0708 20 00 | 40<br>40 | Il-Kenja (KE) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi ([11]) | 10 |
| Nagħniegħ<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | ex 1211 90 86 | 30 | Il-Marokk (MA) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi ([12]) | 10 |
| Fażola mnixxfa<br>*(Ikel)* | 0713 39 00 | | In-Niġerja (NG) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi ([13]) | 50 |
| Għeneb tal-mejda<br>*(Ikel — frisk)* | 0806 10 10 | | Il-Perù (PE) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi ([14]) | 10 |
| Dulliegħ (*Egusi, Citrullus lanatus*) żrieragħ u prodotti derivati<br>*(Ikel)* | ex 1207 70 00;<br>ex 1106 30 90;<br>ex 2008 99 99 | 10<br>30<br>50 | Sjerra Leone (SL) | Aflatossini | 50 |
| — Karawett, bil-qoxra<br>— Karawett, bla qoxra,<br>— Butir tal-karawett<br>— Karawett, ippreparat jew ippreservat b'xi mod ieħor<br>*(Għalf u ikel)* | — 1202 41 00<br>— 1202 42 00<br>— 2008 11 10<br>— 2008 11 91;<br>2008 11 96;<br>2008 11 98 | | Is-Sudan (SD) | Aflatossini | 50 |

| Għalf u ikel (użu magħsub) | Kodiċi NM [1] | Sottodiviżjoni TARIC | Pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| Bżar (mhux ħelu) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | ex 0709 60 99 | 20 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [15] | 10 |
| Weraq tal-betel (*Piper betle* L.)<br>*(Ikel)* | ex 1404 90 00 | 10 | It-Tajlandja (TH) | Salmonella [10] | 50 |
| — Fażola twila jarda (*Vigna unguiculata* spp. *sesquipedalis*)<br>— Brunġiel<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — ex 0708 20 00; ex 0710 22 00<br>— 0709 30 00; ex 0710 80 95 | 10<br>10<br>72 | It-Tajlandja (TH) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [16] | 20 |
| Berquq imnixxef<br>*(Ikel)* | 0813 10 00 | | It-Turkija (TR) | Sulfiti [17] | 10 |
| — Bżar Ħelu (*Capsicum annuum*)<br>*(Ikel — ħaxix frisk, imkessaħ jew iffriżat)* | — 0709 60 10; 0710 80 51 | | It-Turkija (TR) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [18] | 10 |
| Weraq tad-dielja<br>*(Ikel)* | ex 2008 99 99 | 11; 19 | It-Turkija (TR) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [19] | 20 |
| Għeneb imnixxef (frott tad-dielja)<br>*(Ikel)* | 0806 20 | | L-Uzbekistan (UZ) | Okratossina A | 50 |
| — Weraq tal-kosbor<br>— Ħabaq (sagru, ħelu)<br>— Nagħniegħ<br>— Tursin<br>*(Ikel — ħxejjex aromatiċi friski jew imkessħa)* | — ex 0709 99 90<br>— ex 1211 90 86<br>— ex 1211 90 86<br>— ex 0709 99 90 | 72<br>20<br>30<br>40 | Il-Vjetnam (VN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi [20] | 20 |

| Għalf u ikel (użu maħsub) | Kodiċi NM ([1]) | Sottodiviżjoni TARIC | Pajjiż tal-oriġini | Periklu | Frekwenza tal-kontrolli fiżiċi u tal-identità (%) |
|---|---|---|---|---|---|
| — Pitahaya (frott tad-dragun)<br>— Okra<br>— Bżar (mhux ħelu) (*Capsicum* spp.)<br>*(Ikel — frisk jew imkessaħ)* | — ex 0810 90 20<br>— ex 0709 99 90<br>— ex 0709 60 99 | 10<br>20<br>20 | Il-Vjetnam (VN) | Residwi tal-pestiċidi analizzati permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi multipli abbażi ta' GC-MS u LC-MS jew permezz ta' metodi ta' analiżi ta' residwi uniċi ([20]) | 20 |

([1]) Fejn ikun meħtieġ li jiġu eżaminati biss ċerti prodotti skont kull kodiċi NM u ma tkun teżisti l-ebda sottodiviżjoni speċifika skont dak il-kodiċi, il-kodiċi NM jiġi mmarkat 'ex'.

([2]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Klorbufam, Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat).

([3]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Eżakonażol, Fentoat, Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol).

([4]) Speċijiet ta' *Brassica oleracea* L. convar. Botrytis (L) Alef var.Italica Plenck, cultivar alboglabra. Magħrufa wkoll bħala 'Kai Lan', 'Gai Lan', 'Gailan', 'Kailan', 'Chinese bare Jielan'.

([5]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Klorfenapir, Fipronil (is-somma ta' fipronil + metabolit tas-sulfan (MB46136) espressa bħala fipronil), Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Aċetamiprid, Dimetomorf u Propikonażol.

([6]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Buprofeżin; Imidakloprid; Fenvalerat u Esfenvalerat (Is-somma ta' isomeri RS u SR); Profenofos; Trifluralina; Triażofos; Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol), Ċipermetrina (ċipermetrina li tinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (is-somma ta' isomeri)).

([7]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Amitraż (amitraż inklużi l-metaboliti li fihom il-grupp 2,4 —dimetilanilina espressa bħala amitraż), Aċefat, Aldikarb (is-somma ta' aldikarb, is-sulfossidu tiegħu u s-sulfan tiegħu, espressa bħala aldikarb), Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klorfenapir, Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Diafentijuron, Diażinon, Diklorvos, Dikofol (is-somma tal-isomeri p, p′ u o,p′), Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Endosulfan (is-somma ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espressa bħala endosulfan), Fenamidon, Imidakloprid, Malatijon (is-somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Metamidofos, Metijokarb (is-somma ta' metijokarb u sulfossidu tal-metijokarb u sulfan, espressa bħala metijokarb), Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Monokrotofos, Ossamil, Profenofos, Propikonażol, Tijabendażol, Tijakloprid.

([8]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Ċiflutrin (ċiflutrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (is-somma ta' isomeri)) Ċiprodinil, Diażinon, Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Etijon, Fenitrotijon, Fenpropatrina, Fludiossonil, Eżaflumuron, Lambda-ċjalotrina, Metijokarb (is-somma ta' metijokarb u sulfossidu tal-metijokarb u sulfan, espressa bħala metijokarb), Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Ossamil, Fentoat, Tijofanat-metil.

([9]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Klorpirifos, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet ta' isomeri kostitwenti (is-somma ta' isomeri)), Ċiprokonażol, Dikofol (is-somma ta' isomeri p, p′ u o,p′), Difenokonażol, Dinotefuran, Etijon, Flusilażol, Folpet, Prokloraż (is-somma ta' prokloraż u l-metaboliti tiegħu li fihom il-grupp 2,4,6-Triklorofenol espressa bħala prokloraż), Profenofos, Propikonażol, Tijofanat-metil u Triforina.

([10]) Il-metodu ta' referenza EN/ISO 6579 jew metodu validat meta mqabbel miegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-prodotti tal-ikel (ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1).

([11]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Klorpirifos, Aċefat, Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Diafentjuron, Indossakarb bħala somma tal-isomeri S u R.

([12]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Klorpirifos, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (is-somma ta' isomeri)), Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Endosulfan (is-somma ta' isomeri alfa u beta u endosulfan-sulfat espressa bħala endosulfan), Eżakonażol, Paratijon-metil (is-somma ta' Paratijon-metil u paraosson-metil espressa bħala Paratijon-metil), Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Flutrijafol, Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Flubendijammid, Miklobutanil, Malatijon (is-somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon).

([13]) B'mod partikolari, ir-residwi ta' Diklorvos.

([14]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Dinikonażol, Etefon u Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil).

([15]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Triażofos, Malatijon (is-somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Profenofos, Protijofos, Etijon, Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Triforina, Proċimidon, Formetanat: Is-somma ta' formetanat u l-imluħa tiegħu espressa bħala formetanat(kloridrat).

([16]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Aċefat, Karbaril, Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Klorpirifos, Klorpirifos-metil, Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Etijon, Malatijon (is-somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Metalassil u metalassil-M (metalassil inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti inkluż il-metalassil-M (is-somma ta' isomeri)), Metamidofos, Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Monokrotofos, Profenofos, Protijofos, Kwinalfos, Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol) Triażofos, Dikrotofos, EPN, Triforina.

([17]) Metodi ta' referenza: EN 1988-1:1998, EN 1988-2:1998 jew ISO 5522:1981.

([18]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Ossamil, Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klofenteżin, Diafentjuron, Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Formetanat: Is-somma ta' formetanat u l-imluħ tiegħu espressa bħala formetanat(kloridrat), Malatijon (is-somma ta' malatijon u malaosson espressa bħala malatijon), Proċimidon, Tetradifon, Tijofanat-metil.

([19]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Ażossistrobin, Boskalid, Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Endosulfan (is-somma ta' isomeri alfa- u beta- u endosulfan-sulfat espressa bħala endosulfan), Kresoksim-metil, Lambda-ċjalotrina, Metalassil u metalassil-M (metalassil li jinkludi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti li jinkludu l-metalassil-M (is-somma ta' isomeri)), Metossifenożid, Metrafenonu, Miklobutanil, Penkonażol, Piraklostrobin, Pirimetanil, Triadimefon u Triadimenol (is-somma ta' triadimefon u triadimenol), Triflossistrobin.

([20]) B'mod partikolari, ir-residwi ta': Karbofuran (is-somma ta' karbofuran u 3-idrossi-karbofuran espressa bħala karbofuran), Karbendażim u benomil (is-somma ta' benomil u karbendażim espressa bħala karbendażim), Klorpirifos, Ditijokarbamati (ditijokarbamati espressi bħala CS2, inklużi maneb, mankożeb, metiram, propineb, tiram u żiram), Profenofos, Permetrina (is-somma ta' isomeri), Eżakonażol, Difenokonażol, Propikonażol, Fipronil (is-somma ta' fipronil + metabolita tas-sulfan (MB46136) espressa bħala fipronil), Propargit, Flusilażol, Fentoat, Ċipermetrina (ċipermetrina inklużi taħlitiet oħra ta' isomeri kostitwenti (is-somma ta' isomeri)), Metomil u Tijodikarb (is-somma ta' metomil u tijodikarb espressa bħala metomil), Kwinalfos, Penċikuron, Metidatijon, Dimetoat (is-somma ta' dimetoat u ometoat espressa bħala dimetoat), Fenbukonażol".

# REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1296/2014

## tal-4 ta' Diċembru 2014

## li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas- 17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([2]) u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom il-Kummissjoni tiffissal-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

(2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni,*

*F'isem il-President,*

Jerzy PLEWA

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

([1]) ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.

([2]) ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

*ANNESS*

**Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | AL | 64,0 |
| | IL | 114,8 |
| | MA | 91,1 |
| | TR | 81,4 |
| | ZZ | 87,8 |
| 0707 00 05 | AL | 53,8 |
| | JO | 258,6 |
| | MA | 170,1 |
| | TR | 135,4 |
| | ZZ | 154,5 |
| 0709 93 10 | MA | 67,9 |
| | TR | 128,2 |
| | ZZ | 98,1 |
| 0805 10 20 | AR | 35,3 |
| | SZ | 34,3 |
| | TR | 74,4 |
| | UY | 32,9 |
| | ZA | 54,7 |
| | ZW | 33,1 |
| | ZZ | 44,1 |
| 0805 20 10 | MA | 73,2 |
| | ZZ | 73,2 |
| 0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90 | IL | 113,7 |
| | JM | 168,3 |
| | TR | 76,0 |
| | ZZ | 119,3 |
| 0805 50 10 | AL | 64,4 |
| | TR | 76,5 |
| | ZZ | 70,5 |
| 0808 10 80 | BA | 32,4 |
| | BR | 53,8 |
| | CA | 134,8 |
| | CL | 78,6 |
| | MK | 38,0 |
| | NZ | 96,9 |
| | US | 94,8 |
| | ZZ | 75,6 |

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi tan-NM | Kodiċi tal-pajjiż terz (1) | Valur standard tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0808 30 90 | CN | 81,0 |
| | TR | 174,9 |
| | ZZ | 128,0 |

(1) In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1106/2012 tas-27 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 471/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika Komunitarja relatata mal-kummerċ estern ma' pajjiżi li mhumiex membri, fir-rigward tal-aġġornament tan-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji (ĠU L 328, 28.11.2012, p. 7). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/105/UE

**tal-4 ta' Diċembru 2014**

**li temenda d-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE li jistabbilixxu miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rispettivament, fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-varjetajiet komuni ta' katalgi ta' speċi ta' pjanti agrikoli ([1]), u partikolarment l-Artikolu 7(2)(a) u (b) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxej-jex ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2)(a) u (b) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/90/KE ([3]) u 2003/91/KE ([4]) ġew adottati biex jiżguraw li l-varjetajiet li l-Istati Membri jinkludu fil-katalgi nazzjonali tagħhom jikkonformaw mal-linji gwida stabbiliti mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami tal-ispeċi varji u l-kundizzjonijiet minimi għall-eżami tal-varjetajiet, sa fejn kienu ġew stabbiliti tali linji gwida. Għal varjetajiet oħra dawk id-Direttivi jistipulaw li għandhom japplikaw il-linji gwida tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti (UPOV).

(2) Is-CPVO u l-UPOV sadanittant stabbilixxew linji gwida oħrajn u aġġornaw dawk eżistenti.

(3) Għalhekk, id-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE għandhom jiġu emendati kif xieraq.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Direttiva huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għaż-Żrieragħ u għall-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikultura, l-Ortikultura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

L-Annessi I u II tad-Direttiva 2003/90/KE huma sostitwiti bit-test fil-parti A tal-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

L-Annessi tad-Direttiva 2003/91/KE huma sostitwiti bit-test fil-parti B tal-Anness ta' din id-Direttiva.

---

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([3]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/90/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għall-iskopijiet tal-Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE fir-rigward tal-karatteristiċi li għandhom jiġu koperti bħala minimu mill-eżami u l-kondizzjonijiet minimi għall-eżami ta' ċerti varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 7).
([4]) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2003/91/KE tas-6 ta' Ottubru 2003 li twaqqaf il-miżuri ta' implimentazzjoni għall-għanijiet ta' Artikolu 7 tad-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE rigward il-karatteristiċi li għandhom jiġu inklużi bħala minimu ottenut mill-eżami u l-kondizz-jonijiet minimi għall-eżami ta'ċerti varjetajiet ta'speċi ta' ħaxix (ĠU L 254, 8.10.2003, p. 11).

*Artikolu 3*

Għall-eżamijiet mibdija qabel l-1 ta' Jannar 2016, l-Istati Membri jistgħu japplikaw id-Direttivi 2003/90/KE u 2003/91/KE fil-verżjoni li tapplika qabel l-emenda tagħhom permezz ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

Sa mhux iktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-Regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2016.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn referenza bħal din waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir din ir-referenza.

*Artikolu 5*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

*ANNESS*

PARTI A

*"ANNESS I*

**Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokolli tal-ittestjar tas-CPVO**

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Festuca filiformis* Pourr. | Żwien in-nagħaġ tal-werqa fina | TP 67/1 tat-23.6.2011 |
| *Festuca ovina* L. | Żwien in-nagħaġ | TP 67/1 tat-23.6.2011 |
| *Festuca rubra* L. | Żwien aħmar | TP 67/1 tat-23.6.2011 |
| *Festuca trachyphylla* (Hack.) Krajina | Żwien iebes | TP 67/1 tat-23.6.2011 |
| *Lolium multiflorum* Lam. | Sikrana Taljana | TP 4/1 tat-23.6.2011 |
| *Lolium perenne* L. | Sikrana perenni | TP 4/1 tat-23.6.2011 |
| *Lolium × boucheanum* Kunth | Sikrana ibrida | TP 4/1 tat-23.6.2011 |
| *Pisum sativum* L. | Piżelli | TP 7/2 tal-11.3.2010 |
| *Brassica napus* L. | Kolza Svediża | TP 36/2 tas-16.11.2011 |
| *Cannabis sativa* L. | Qanneb | TP 276/1 tat-28.11.2012 |
| *Helianthus annuus* L. | Ġirasol | TP 81/1 tal-31.10.2002 |
| *Linum usitatissimum* L. | Kittien/Żerriegħa tal-kittien | TP 57/2 tad-19.3.2014 |
| *Avena nuda* L. | Ħafur għeri żgħir, Ħafur bla buq | TP 20/1 tas-6.11.2003 |
| *Avena sativa* L. (inkluża *A. byzantina* K. Koch) | Ħafur u Ħafur aħmar | TP 20/1 tas-6.11.2003 |
| *Hordeum vulgare* L. | Xgħir | TP 19/3 tal-21.3.2012 |
| *Oryza sativa* L. | Ross | TP 16/2 tal-21.3.2012 |
| *Secale cereale* L. | Segala | TP 58/1 tal-31.10.2002 |
| *xTriticosecale* Wittm. ex A. Camus | Ibridi li jirriżultaw mit-tlaqqigħ ta' xi speċi tal-ġenus *Triticum* ma' xi speċi tal-ġenus *Secale* | TP 121/2 rev. 1 tas-16.2.2011 |
| *Triticum aestivum* L. | Qamħ | TP 3/4 rev. 2 tas-16.2.2011 |
| *Triticum durum* Desf. | Qamħ durum | TP 120/3 tad-19.3.2014 |
| *Zea mays* L. | Qamħirrum | TP 2/3 tal-11.3.2010 |
| *Solanum tuberosum* L. | Patata | TP 23/2 tal-1.12.2005 |

It-test ta' dawn il-protokolli jista' jinstab fuq il-websajt tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

*ANNESS II*

**Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV**

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Linja gwida tal-UPOV |
|---|---|---|
| *Beta vulgaris* L. | Pitravi tal-għalf | TG/150/3 tal-4.11.1994 |
| *Agrostis canina* L. | Ħaxix iebes bellusi | TG/30/6 tat-12.10.1990 |
| *Agrostis gigantea* Roth. | Red top | TG/30/6 tat-12.10.1990 |
| *Agrostis stolonifera* L. | Ħaxix iebes li jixxeblek | TG/30/6 tat-12.10.1990 |
| *Agrostis capillaris* L. | Brown top | TG/30/6 tat-12.10.1990 |

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Linja gwida tal-UPOV |
|---|---|---|
| *Bromus catharticus* Vahl | Rescue grass | TG/180/3 tal-4.4.2001 |
| *Bromus sitchensis* Trin. | Bunixxief tal-alaska | TG/180/3 tal-4.4.2001 |
| *Dactylis glomerata* L. | Sieq is-serduq | TG/31/8 tas-17.4.2002 |
| *Festuca arundinacea* Schreb. | Żwien twil | TG/39/8 tas-17.4.2002 |
| *Festuca pratensis* Huds. | Żwien il-bur | TG/39/8 tas-17.4.2002 |
| *xFestulolium* Asch. & Graebn. | Ibridi li jirriżultaw mit-tlaqqigħ ta' speċi tal-ġenus *Festuca* ma' speċi tal-ġenus *Lolium* | TG/243/1 tad-9.4.2008 |
| *Phleum nodosum* L. | Ħaxix ta' timothy żgħir | TG/34/6 tas-7.11.1984 |
| *Phleum pratense* L. | Ħaxix ta' timothy | TG/34/6 tas-7.11.1984 |
| *Poa pratensis* L. | Ħaxix il-bur taz-zokk lixx | TG/33/7 tad-9.4.2014 |
| *Lotus corniculatus* L. | Qrempuċ tal-mogħoż | TG 193/1 tad-9.4.2008 |
| *Lupinus albus* L. | Lupina bajda | TG/66/4 tal-31.3.2004 |
| *Lupinus angustifolius* L. | Lupina tal-werqa dejqa | TG/66/4 tal-31.3.2004 |
| *Lupinus luteus* L. | Lupina safra | TG/66/4 tal-31.3.2004 |
| *Medicago sativa* L. | Xnien | TG/6/5 tas-6.4.2005 |
| *Medicago × varia* T. Martyn | Xnien ir-ramel | TG/6/5 tas-6.4.2005 |
| *Trifolium pratense* L. | Silla ħamra | TG/5/7 tal-4.4.2001 |
| *Trifolium repens* L. | Silla bajda | TG/38/7 tad-9.4.2003 |
| *Vicia faba* L. | Favetta | TG/8/6 tas-17.4.2002 |
| *Vicia sativa* L. | Ġulbiena komuni | TG/32/7 tal-20.3.2013 |
| *Brassica napus* L. var. *napobrassica* (L.) Rchb. | Kolza | TG/89/6rev. tal-4.4.2001 + 1.4.2009 |
| *Raphanus sativus* L. var. *oleiformis* Pers. | Ravanell tal-għalf | TG/178/3 tal-4.4.2001 |
| *Arachis hypogaea* L. | Karawett | TG/93/4 tad-9.4.2014 |
| *Brassica rapa* L. var. *silvestris* (Lam.) Briggs | Rapa tan-nevew | TG/185/3 tas-17.4.2002 |
| *Carthamus tinctorius* L. | Għosfor | TG/134/3 tat-12.10.1990 |
| *Gossypium* spp. | Qoton | TG/88/6 tal-4.4.2001 |
| *Papaver somniferum* L. | Peprin | TG/166/4 tad-9.4.2014 |
| *Sinapis alba* L. | Ġarġir abjad | TG/179/3 tal-4.4.2001 |
| *Glycine max* (L.) Merr. | Fażola tas-sojja | TG/80/6 tal-1.4.1998 |
| *Sorghum bicolor* (L.) Moench | Sorgu | TG/122/3 tas-6.10.1989 |

It-test ta' dawn il-linji gwida jista' jinstab fil-websajt tal-UPOV (www.upov.int)."

PARTI B

*"ANNESS I*

## Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(a) li għandhom jikkonformaw mal-protokolli tal-ittestjar tas-CPVO

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Allium cepa* L. (il-grupp Cepa) | Basal u Ekaljun | TP 46/2 tal-1.4.2009 |
| *Allium cepa* L. (il-grupp Aggregatum) | Shallot | TP 46/2 tal-1.4.2009 |
| *Allium fistulosum* L. | Basal tal-għenieqed (Japanese bunching onion jew Welsh onion) | TP 161/1 tal-11.3.2010 |

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Allium porrum* L. | Kurrat | TP 85/2 tal-1.4.2009 |
| *Allium sativum* L. | Tewm | TP 162/1 tal-25.3.2004 |
| *Allium schoenoprasum* L. | Kurrat selvaġġ | TP 198/1 tal-1.4.2009 |
| *Apium graveolens* L. | Karfus | TP 82/1 tat-13.3.2008 |
| *Apium graveolens* L. | Celeriac (Krafes bl-għeruq/krafesĠer-maniżi) | TP 74/1 tat-13.3.2008 |
| *Asparagus officinalis* L. | Asparagu | TP 130/2 tas-16.2.2011 |
| *Beta vulgaris* L. | Pitravi inkluża l-pitrava ta' Chelten-ham | TP 60/1 tal-1.4.2009 |
| *Brassica oleracea* L. | Kaboċċa mberfla | TP 90/1 tal-16.2.2011 |
| *Brassica oleracea* L. | Pastard | TP 45/2 tal-11.3.2010 |
| *Brassica oleracea* L. | Brokkli li qed inibbet jew Kalabriż | TP 151/2 tal-21.3.2007 |
| *Brassica oleracea* L. | Brussels sprouts | TP 54/2 tal-1.12.2005 |
| *Brassica oleracea* L. | Ġidra | TP 65/1 tal-25.3.2004 |
| *Brassica oleracea* L. | Kaboċċa mfelfla (savoy), Kaboċċa bajda u Kaboċċa ħamra | TP 48/3 tas-16.2.2011 |
| *Brassica rapa* L. | Kaboċċa Ċiniża | TP 105/1 tat-13.3.2008 |
| *Capsicum annuum* L. | Bżar aħmar jaħraq jew Bżar | TP 76/2 tal-21.3.2007 |
| *Cichorium endivia* L. | Indivja tal-werqa mibruma u Indivja tal-werqa wiesgħa | TP 118/3 tad-19.3.2014 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra industrijali | TP 172/2 tal-1.12.2005 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra Witloof | TP 173/1 tal-25.3.2004 |
| *Citrullus lanatus* (Thunb.) Matsum. & Nakai | Dulliegħ | TP 142/2 tad-19.3.2014 |
| *Cucumis melo* L. | Bettieħ | TP 104/2 tal-21.3.2007 |
| *Cucumis sativus* L. | Ħjara u Ħjara żgħira għall-immarinat (Gherkin) | TP 61/2 tat-13.3.2008 |
| *Cucurbita pepo* L. | Qara' bagħli jew Zukkini | TP 119/1rev. tad-19.3.2014 |
| *Cynara cardunculus* L. | Qaqoċċ tond u Kardun | TP 184/2 tas-27.2.2013 |
| *Daucus carota* L. | Karrotti u Karrotti għall-għalf | TP 49/3 tat-13.3.2008 |
| *Foeniculum vulgare* Mill. | Bużbież | TP 183/1 tal-25.3.2004 |
| *Lactuca sativa* L. | Ħass | TP 13/5 tas-16.2.2011 |
| *Solanum lycopersicum* L. | Tadama | TP 44/4 rev. tas-27.2.2013 |
| *Petroselinum crispum* (Mill.) Nyman ex A. W. Hill | Tursin | TP 136/1 tal-21.3.2007 |
| *Phaseolus coccineus* L. | Fażola ta' Spanja | TP 9/1 tal-21.3.2007 |
| *Phaseolus vulgaris* L. | Fażola żgħira ta' Franza u Fażola tix-xeblek ta' Franza | TP 12/4 tas-27.2.2013 |
| *Pisum sativum* L. (partim) | Piżelli mkemmxa, Piżelli tonda u Piżelli ħelwa (sugar pea) | TP 7/2 tal-11.3.2010 |
| *Raphanus sativus* L. | Ravanell, Ravanell iswed | TP 64/2 tas-27.2.2013 |
| *Solanum melongena* L. | Brunġiel | TP 117/1 tat-13.3.2008 |
| *Spinacia oleracea* L. | Spinaċi | TP 55/5 tas-27.2.2013 |
| *Valerianella locusta* (L.) Laterr. | Insalata tal-qamħ jew Ħass tal-ħaruf | TP 75/2 tal-21.3.2007 |
| *Vicia faba* L. (partim) | Ful kbir | TP Ful Kbir/1 tal-25.3.2004 |

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Protokoll tas-CPVO |
|---|---|---|
| *Zea mays* L. (partim) | Qamħ ħelu u Popkorn | TP 2/3 tal-11.3.2010 |
| *Solanum lycopersicum* L. × *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner; *Solanum lycopersicum* L. × *Solanum peruvianum* (L.) Mill.; *Solanum lycopersicum* L. × *Solanum cheesmaniae* (L. Ridley) *Fosberg* | Tadam selvaġġ | TP 294/1 tad-19.3.2014 |

It-test ta' dawn il-protokolli jista' jinstab fuq il-websajt tas-CPVO (www.cpvo.europa.eu).

*ANNESS II*

**Lista ta' speċijiet li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 1(2)(b) li għandhom jikkonformaw mal-linji gwida tal-ittestjar tal-UPOV**

| Isem xjentifiku | Isem komuni | Linja gwida tal-UPOV |
|---|---|---|
| *Beta vulgaris* L. | Pitravi tal-ispinaċi jew Chard | TG/106/4 tal-31.3.2004 |
| *Brassica rapa* L. | Nevew | TG/37/10 tal-4.4.2001 |
| *Cichorium intybus* L. | Ċikwejra b'weraq kbir jew Ċikwejra Taljana | TG/154/3 tat-18.10.1996 |
| *Cucurbita maxima* Duchesne | Qargħa tat-tip gourd | TG/155/4rev. tat-28.3.2007 + 1.4.2009 |
| *Rheum rhabarbarum* L. | Rubarbru | TG/62/6 tal-24.3.1999 |
| *Scorzonera hispanica* L. | Scorzonera jew Salsafja sewda | TG/116/4 tal-24.3.2010 |

It-test ta' dawn il-linji gwida jista' jinstab fil-websajt tal-UPOV (www.upov.int)."

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-1 ta' Diċembru 2014**

**dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni Ewropea, fit-Tmien Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali fir-rigward tal-proposta għal emenda fl-Anness I ta' dik il-Konvenzjoni**

(2014/871/UE)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali li saret f'Ħelsinki fis-17 ta' Marzu 1992 ([1]) ("il-Konvenzjoni").

(2) L-Anness I tal-Konvenzjoni fih kategoriji u sustanzi perikolużi msemmija sabiex jiġu definiti attivitajiet perikolużi.

(3) Skont l-Artikolu 26(4) tal-Konvenzjoni, kwalunkwe emenda għall-Anness I tal-Konvenzjoni għandha issir effettiva, għal dawk il-Partijiet tal-Konvenzjoni li ma jkunux innotifikaw l-oġġezzjoni tagħhom, tnax-il xahar wara li tkun ġiet ikkomunikata lill-Partijiet mis-Segretarjat Eżekuttiv wara l-adozzjoni tagħha fil-Konferenza tal-Partijiet b'maġġoranza ta' disgħa minn għaxra tal-Partijiet preżenti u li jivvotaw waqt il-laqgħa, sakemm mill-inqas sittax-il Parti ma jkunux innotifikaw oġġezzjonijiet.

(4) It-test tal-proposta għal emenda għall-Anness I tal-Konvenzjoni ġie miftiehem fi ħdan il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tal-Konvenzjoni, ġie approvat mill-Uffiċċju tal-Konvenzjoni, u se jkun propost għall-adozzjoni fit-Tmien Konferenza tal-Partijiet li se ssir f'Ġinevra mit-3 sal-5 ta' Diċembru 2014.

(5) L-emenda għall-Anness I tal-Konvenzjoni għandha tallinja kompletament dak l-Anness mal-Anness I tad-Direttiva 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]).

(6) L-emenda għall-Anness I tal-Konvenzjoni għandha għalhekk tiġi approvata.

(7) Fiż-żmien tal-konklużjoni tal-Konvenzjoni, l-Unjoni għamlet riżervi dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni skont ir-regoli interni tal-Komunità. Dawk ir-riżervi kienu bbażati fuq diskrepanzi bejn l-Anness I tal-Konvenzjoni u l-leġislazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ. Dawk id-diskrepanzi mhux se jibqgħu jeżistu wara li l-Anness I tal-Konvenzjoni jkun ġie emendat. Dawk ir-riżervi għandhom, għalhekk, jiġu rtirati ladarba l-emenda fl-Anness I tal-Konvenzjoni tkun saret effettiva,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fit-Tmien Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali għandha tkun li tappoġġa, fis-sustanza, l-emenda proposta għall-Anness I tal-Konvenzjoni, kif ukoll il-corrigendum għalih, mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 326, 3.12.1998, p. 5.

([2]) Direttiva Nru 2012/18/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar il-kontroll ta' perikli ta' inċidenti kbar li jinvolvu sustanzi u taħlitiet perikolużi, li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttiva tal-Kunsill Nru 96/82/KE (ĠU L 197, 24.7.2012, p. 1).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa b'dan awtorizzat li jaħtar il-persuna jew persuni mogħtija s-setgħa li jirtiraw f'isem l-Unjoni r-riżervi li fadal li saru skont id-Deċiżjoni 98/685/KE [1] bil-kondizzjoni li l-emenda għall-Anness I tal-Konvenzjoni msemmija fl-Artikolu 1 ta' din id-Deċiżjoni ssir effettiva skont l-Artikolu 26(4) tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

B. LORENZIN

---

[1] Deċiżjoni tal-Kunsill 98/685/KE tat-23 ta' Marzu 1998 dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali (ĠU L 326, 3.12.1998, p. 1).

**ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI LI TEMENDA L-ANNESS I TAL-KONVENZJONI**

Ippreżentat mill-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tal-Konvenzjoni

Il-Konferenza tal-Partijiet,

Filwaqt li tirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġu aġġornati l-kategoriji ta' sustanzi u taħlitiet u tas-sustanzi msemmija u l-kwantitajiet ta' limitu tagħhom, kif jinsabu fl-Anness I tal-Konvenzjoni dwar l-Effetti Transkonfini tal-Inċidenti Industrijali, għall-finijiet li jiġu introdotti l-kriterji tas-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi tan-Nazzjonijiet Uniti (ST/SG/AC.10/30/Rev.4) u li tinżamm il-konsistenza mal-leġiżlazzjoni korrispondenti tal-Unjoni Ewropea,

Filwaqt li żżomm f'moħħha d-deċiżjoni tagħha li twettaq reviżjoni tas-sustanzi perikolużi u l-kwantitajiet tagħhom kif jinsabu fl-Anness I u d-deċiżjoni 2004/4 tagħha dwar l-istabbiliment ta' Grupp ta' Ħidma dwar l-Iżvilupp tal-Konvenzjoni,

Tirrikonoxxi l-proposta li temenda l-Anness I, imħejjija mill-Grupp ta' Ħidma fuq il-bażi ta' reviżjoni fil-fond,

Temenda l-Anness I tal-Konvenzjoni dwar sustanzi perikolużi għall-fini li jkunu definiti l-attivitajiet perikolużi billi tibdlu bit-test stabbilit fl-anness ta' din id-deċiżjoni.

*ANNESS*

**SUSTANZI PERIKOLUŻI GĦALL-FINIJIET LI JKUNU DEFINITI L-ATTIVITAJIET PERIKOLUŻI** ([1])

Fejn sustanza jew taħlita msemmija f'Parti II taqa' wkoll f'kategorija waħda jew aktar fil-Parti I, għandu jintuża l-limitu ta' kwantità mogħti fil-Parti II.

Għall-identifikazzjoni ta' attivitajiet perikolużi, il-Partijiet għandhom jikkonsidraw proprjetajiet perikolużi attwali jew antiċipati u/jew kwantitajiet ta' sustanzi perikolużi kollha preżenti jew ta' sustanzi perikolużi li fir-rigward tagħhom ikun raġonevolment prevedibbli li jistgħu jiġu ġġenerati matul it-telf ta' kontroll ta' xi attività, inklużi l-attivitajiet ta' ħżin, fi ħdan xi attività perikoluża.

*Parti I.*

**Kategoriji ta' sustanzi u taħlitiet mhux speċifikament imsemmija fil-Parti II**

| | Kategorija skont s-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) | Limitu ta' kwantità (tunnellati metriċi) |
|---|---|---|
| 1. | Tossika akuta, Kategorija 1, ir-rotot ta' esponiment kollha ([2]) | 20 |
| 2. | Tossika akuta:<br>Kategorija 2, ir-rotot ta' esponiment kollha ([3])<br>Kategorija 3, ir-rotot ta' esponiment kollha ([4]) | 200 |
| 3. | Tossiċità Speċifika għall-Organi fil-Mira (STOT) Espożizzjoni Waħda (SE) STOT, Kategorija 1 ([5]) | 200 |
| 4. | Splussivi,— splussivi instabbli jew splussivi, meta sustanza, taħlita jew artikolu jaqgħu taħt Diviżjoni 1.1, 1.2, 1.3, 1.5 jew 1.6 ta' Kapitolu 2.1.2 tal-kriterji GHS jew sustanzi jew taħlitiet li jkollhom proprjetajiet esplożivi skont is-Serje ta' Test 2 tal-Parti I *tar-Rakkomandazzjonijiet tan-NU dwar il-Ġarr ta' Oġġetti Perikolużi: il-Manwal tat-Testijiet u l-Kriterji* (il-Manwal tat-Testijiet u l-Kriterji) u ma jappartjenux għall-klassijiet perikolużi Perossidi Organiċi jew Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi ([6]) ([7]) | 50 |
| 5. | Splussivi, meta s-sustanza, it-taħlita jew l-artikolu jaqgħu taħt id-Diviżjoni 1.4 tal-Kapitolu 2.1.2 tal-GHS ([7]) ([8]) | 200 |
| 6. | Gassijiet fjammabbli, Kategorija 1 jew 2 ([9]) | 50 |
| 7. | Aerosols ([10]) tal-Kategorija 1 jew 2, li jkollhom gassijiet fjammabbli tal-Kategorija 1 jew 2 jew likwidi fjammabbli tal-Kategorija 1 | 500 (*nett*) |
| 8. | Aerosols tal-Kategorija 1 jew 2, li ma jkollhomx gassijiet fjammabbli tal-Kategorija 1 jew 2 u lanqas likwidi fjammabbli tal-Kategorija 1 ([11]) | 50 000 (*nett*) |
| 9. | Gassijiet ossidanti, Kategorija 1 ([12]) | 200 |
| 10. | Likwidi fjammabbli:<br>Likwidi fjammabbli, Kategorija 1, jew<br>Likwidi fjammabbli tal-Kategorija 2 jew 3 li jinzammu f'temperatura ogħla mill-punt tat-tgħollija tagħhom ([13]), jew<br>Liwkidi oħra b'punt ta' fjammabbiltà ta' ≤ 60 °C, li jinzammu f'temperatura ogħla mill-punt tat-tgħollija tagħhom ([14]) | 50 |
| 11. | Likwidi fjammabbli:<br>Likwidi fjammabbli tal-Kategorija 2 jew 3 meta kundizzjonijiet ta' proċessar partikolari, bħal pressjoni għolja jew temperatura għolja, jistgħu jikkawżaw perikli ta' aċċidenti industrijali ([15]), jew<br>Likwidi oħra b'punt ta' fjammabbiltà ta' ≤ 60 °C meta kundizzjonijiet ta' proċessar partikolari, bħal pressjoni għolja jew temperatura għolja, jistgħu joħolqu perikli ta' aċċidenti industrijali | 200 |
| 12. | Likwidi fjammabbli, Kategoriji 2 jew 3 li mhumiex koperti b'10 u 11 ([16]) | 50 000 |
| 13. | Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi u perossidi organiċi:<br>Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi, Tip A jew B jew<br>Perossidi organiċi, Tip A jew B ([17]) | 50 |

| | Kategorija skont s-Sistema Globalment Armonizzata ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (GHS) | Limitu ta' kwantità (tunnellati metriċi) |
|---|---|---|
| 14. | Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi u perossidi organiċi:<br>Sustanzi u taħlitiet awtoreattivi, Tip C, D, E jew F jew<br>Perossidi organiċi, Tip C, D, E, jew F ([18]) | 200 |
| 15. | Perossidi organiċi, Tip C, D, E, jew F18 | 200 |
| 16. | Likwidi piroforici u solidi, Kategorija 1 Likwidi u solidi ossidanti, Kategorija 1, 2 jew 3 | 200 |
| 17. | Perikolużi għall-ambjent akkwatiku, Kategorija Akuta 1 jew Kronika 1 ([19]) | 200 |
| 18. | Perikolużi għall-ambjent akkwatiku, Kategorija Kronika 2 ([20]) | 500 |
| 19. | Is-sustanzi u t-taħlitiet li jirreaġġixxu b'mod vjolenti mal-ilma, bħall-kloru tal-aċitil, u t-tetrakloru tat-titanju | 500 |
| 20. | Sustanzi jew taħlitiet li meta jiġu f'kuntatt mal-ilma jarmu gassijiet fjammabbli, Kategorija 1 ([21]) | 500 |
| 21. | Sustanzi jew taħlitiet li meta jiġu f'kuntatt mal-ilma jarmu gassijiet fjammabbli, Kategorija 1 21 Sustanzi u taħlitiet li meta jiġu f'kuntatt mal-ilma jilliberaw gassijiet tossiċi (sustanzi u taħlitiet li meta jiġu f'kuntatt mal-ilma jew arja umda, jevolvu gassijiet tossiċi ħafna fil-Kategorija 1, 2 jew 3, bħal fosfid tal-aluminju u l-pentasulfid tal-fosfru) | 200 |

*Parti II.*

## Sustanzi msemmija

| | Sustanza | Il-limitu tal-kwantità (tunnellati metriċi) |
|---|---|---|
| 1a. | Nitrat tal-ammonja ([22]) | 10 000 |
| 1b. | Nitrat tal-ammonja ([23]) | 5 000 |
| 1c. | Nitrat tal-ammonja ([24]) | 2 500 |
| 1d. | Nitrat tal-ammonja ([25]) | 50 |
| 2a. | Nitrat tal-potassju ([26]) | 10 000 |
| 2b. | Nitrat tal-potassju ([27]) | 5 000 |
| 3. | Pentossidu tal-arseniku, aċidu tal-arseniku (V) u/jew imlieħ | 2 |
| 4. | Triossidu tal-arseniku, aċidu arsenjuż (III) u/jew imlieħ | 0,1 |
| 5. | Bromin | 100 |
| 6. | Klorin | 25 |
| 7. | Komposti tan-nikil f'forma ta' trab inalabbli: monossidu tan-nikil, diossidu tan-nikil, sulfur tan-nikil, disulfur tat-trinikil, triossidu tad-dinikil | 1 |
| 8. | Etilenimmina | 20 |
| 9. | Fluworin | 20 |
| 10. | Formaldeid (konċentrazzjoni ≥ 90 %) | 50 |
| 11. | Idroġenu | 50 |
| 12. | Klorur tal-idroġenu (gass likwifikat) | 250 |
| 13. | Alkili taċ-ċomb | 50 |
| 14. | Gassijiet fjammabbli likwifikati Kategorija 1 jew 2 (inkluż gass likwifikat miż-żejt) u gass naturali ([28]) | 200 |
| 15. | Aċitilena | 50 |
| 16. | Ossidu tal-etilen | 50 |
| 17. | Ossidu tal-propilen | 50 |
| 18. | Metanol | 5 000 |
| 19. | 4, 4′-Metilen bis (2-kloranilina) u/jew imlieħ, f'forma ta' trab | 0,01 |

| | Sustanza | Il-limitu tal-kwantità (tunnellati metriċi) |
|---|---|---|
| 20. | Isoċjanat tal-metil | 0,15 |
| 21. | Ossiġnu | 2 000 |
| 22. | Dijisoċjanat tat-tolwina (2,4 -Dijisoċjanat tat-tolwina u 2,6 -Dijisoċjanat tat-tolwina) | 100 |
| 23. | Diklorat tal-karbonil (fosġenu) | 0,75 |
| 24. | Arsina (triidrur tal-arseniku) | 1 |
| 25. | Fosfina (triidrid tal-fosforu) | 1 |
| 26. | Diklorat sulfuriku | 1 |
| 27. | Triossidu tal-kubrit | 75 |
| 28. | Poliklorodibenżofurani u poliklorodibenżodiossini (inkluż tetraklorodibenżodiossina TCDD)), ikkalkulati f'TCDD ekwivalenti ([29]) | 0,001 |
| 29. | Il-karċinoġeni li ġejjin jew it-taħlitiet li jkollhom il-karċinoġeni f'konċentrazzjonijiet ogħla minn 5 % skont il-piż:<br>4-Amminobifenil u/jew l-imlieħ tiegħu, Benżotriklorur, Benżidina u/jew imlieħ, Etere tal-bis (klorometil), Etere tal-metil tal-klorometil, 1,2-Dibromoetan, Sulfat tad-dietil, Sulfat tad-dimetil, Klorur tad-dimetilkarbamojl, 1,2-Dibromo-3-kloropropan, 1,2-Dimetilidrażina, Dimetilnitrosammina, Triammid tal-Eżametilfosforiku, Idrażina, 2- Naftilammina u/jew imlieħ, 4-Nitrodifenil, u 1,3 Propansulton | 2 |
| 30. | Prodotti taż-żejt u fjuwils alternattivi:<br>(a) Gasolina u nafta;<br>(b) Kerożina (inklużi fjuwils tal-ġettijiet),<br>(ċ) Żjut tal-gass (inkluż fjuwils tad-diżil, żjut għat-tisħin tad-djar u distillati użati biex jipproduċu żejt tal-gass)<br>(d) Żjut tal-fjuwil tqal;<br>(e) Fjuwils alternattivi li jservu l-istess skopijiet u bi proprjetajiet simili fir-rigward tal-fjammabbiltà u l-perikli ambjentali għall-prodotti msemmija fil-punti (a) sa (d) | 25 000 |
| 31. | Ammonja anidra | 200 |
| 32. | Trifluworidu tal-boron | 20 |
| 33. | Sulfid tal-idroġenu | 20 |
| 34. | Piperidina | 200 |
| 35. | Bis(2-dimetilamminoetil)(metil)ammina | 200 |
| 36. | 3-(2-Etileżilossi)propilammina | 200 |
| 37. | Taħlitiet tal-ipoklorur tas-sodju klassifikati bħala perikolużi għall-ambjent akkwatiku tal-Kategorija Akuta I [H400] li fihom < 5 % ta' klorur attiv u mhux ikklassifikati f'xi waħda mill-kategoriji ta' periklu l-oħra fil-Parti I tal-Anness I. ([30]) | 500 |
| 38. | Propilammina ([31]) | 2 000 |
| 39. | Tert-butil akrilat ([31]) | 500 |
| 40. | 2-Metil-3-butenenitril ([31]) | 2 000 |
| 41. | Tetraidro-3,5-dimetil-1,3,5-tijadiażina-2-tijon (dażomet) ([31]) | 200 |
| 42. | Akrilat metiliku ([31]) | 2 000 |
| 43. | Metilpiridina ([31]) | 2 000 |
| 44. | Bromo-3-kloropropan ([31]) | 2 000 |

Noti:

([1]) Kriterji skont is-Sistema Globalment Armonizzata tan-Nazzjonijiet Uniti (GHS) ta' Klassifikazzjoni u Tikkettar ta' Sustanzi Kimiċi (ST/SG/AC.10/30/Rev.4). Il-Partijiet għandhom jużaw dawn il-kriterji meta jiġu klassifikati sustanzi jew taħlitiet għall-għanijiet ta' Parti I ta' dan l-Anness, sakemm ma jkunux ġew adottati fil-leġiżlazzjoni nazzjonali kriterji oħra li jorbtu legalment. It-taħlitiet għandhom jiġu ttrattati bl-istess mod bħal sustanzi puri sakemm dawn jibqgħu fil-limiti ta' konċentrazzjoni stabbiliti skont il-proprjetajiet tagħhom skont il-GHS sakemm perċentwal tal-kompożizzjoni jew deskrizzjoni oħra tingħata b'mod speċifiku.

([2]) Skont il-kriterji fil-Kapitoli 3.1.2 u 3.1.3 tal-GHS.

([3]) Skont il-kriterji fil-Kapitoli 3.1.2 u 3.1.3 tal-GHS.

([4]) Sustanzi li jaqgħu fil-kategorija ta' tossiċità akuta 3 mir-rotta orali għandhom jaqgħu taħt l-entrata tat-tossiċità akuta 2 fil-każijiet meta la l-klassifikazzjoni ta' tossiċità akuta tal-inalazzjoni u lanqas il-klassifikazzjoni ta' tossiċità akuta dermali ma jkunu jistgħu jiġu derivati, pereżempju minħabba nuqqas ta' daeja konklużiva dwar it-tossiċità dermali u tal-inalazzjoni.

([5]) Sustanzi li ħolqu tossiċità sinifikanti fin-nies jew li, minħabba l-evidenza minn studji f'annimali esperimentali jistgħu jiġu preżunti li għandhom saħħa li jipproduċu tossiċità sinifikanti fin-nies wara espożizzjoni waħda. Sustanzi li ħolqu tossiċità sinifikanti fin-nies jew li, minħabba l-evidenza minn studji f'annimali esperimentali jistgħu jiġu preżunti li għandhom saħħa li jipproduċu tossiċità sinifikanti fin-nies wara espożizzjoni waħda Aktar linji gwida huma mogħtija fil-Grafika 3.8.1 u t-Tabella 3.8.1 ta' parti 3 tal-GHS.

([6]) L-ittestjar għall-proprjetajiet esplożivi tas-sustanzi u t-taħlitiet ikun meħtieġ biss jekk il-proċedura ta' skrinjar skont l-appendiċi 6 (il-parti 3) tal-Manwal dwar it-Testijiet u l-Kriterji jidentifika s-sustanza jew it-taħlita bħala waħda li potenzjalment għandha proprjetajiet esplożivi.

([7]) Il-klassi perikoluża tal-Isplussivi tinkludi oġġetti splussivi. Jekk il-kwantità tas-sustanza jew taħlita splussiva li jkun hemm fl-oġġett tkun magħrufa, dik il-kwantità għandha tiġi kkunsidrata għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni. Jekk il-kwantità tas-sustanza jew taħlita splussiva li jkun hemm fl-oġġett ma tkunx magħrufa, mela, għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni, l-oġġett sħiħ għandu jiġi ttrattat bħala splussiv.

([8]) Jekk l-Isplussivi tad-diviżjoni 1.4 ma jkunux ippakkjati jew jiġu ppakkjati mill-ġdid, dawn għandhom jiġu assenjati għall-entrata 4 (Splussiv) sakemm ma jintweriex li l-periklu għadu jikkorrispondi għad-Diviżjoni 1.4, skont (GHS).

([9]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.2.2 tal-GHS.

([10]) L-aerosols huma klassifikati skont il-kriterji fil-Kapitolu 2.3 tal-GHS u fil-Manwal dwar it-Testijiet u l-Kriterji, Parti III, Taqsima 31 imsemmija hemmhekk.

([11]) Sabiex tintuża din l-entrata, irid jiġi ddokumentat li d-dispenser tal-aerosol ma għandux gass fjammabbli tal-Kategorija 1 jew 2 u lanqas likwidu fjammabbli tal-Kategorija 1.

([12]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.4.2 tal-GHS.

([13]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.4.2 tal-GHS.

([14]) Il-likwidi b'punt ta' fjammabbiltà ta' iktar minn 35 °C jistgħu jitqiesu bħala likwidi li ma jiħdux in-nar għal xi skopijiet regolatorji (eż. it-trasport) jekk ikunu nkisbu riżultati negattivi fit-test tal-kombustibilità sostnuta L. 2, fil-Parti III, Taqsima 32 tal-Manwal dwar it-Testijiet u l-Kriterji. Madankollu, dan ma jkunx validu f'kundizzjonijiet elevati bħalma huma temperatura jew pressjoni għolja, u għalhekk likwidi bħal dawn jiġu inklużi f'din l-entrata.

([15]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.4.2 tal-GHS.

([16]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.4.2 tal-GHS.

([17]) Skont il-kriterji fil-Kapitoli 2.8.2 u 2.15.2.2 tal-GHS.

([18]) Skont il-kriterji fil-Kapitoli 2.8.2 u 2.15.2.2 tal-GHS.

([19]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 4.1.2 tal-GHS.

([20]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 4.1.2 tal-GHS.

([21]) Skont il-kriterji tal-Kapitolu 2.12.2 tal-GHS.

([22]) Nitrat tal-ammonju (10 000): fertilizzanti kapaċi jiddekomponu lilhom nfushom.

Dan japplika għal fertilizzanti komposti/imħalltin ibbażati fuq nitrat tal-ammonju –(fertilizzanti komposti/imħalltin li fihom nitrat tal-ammonju bil-fosfat u/jew potassa) u li kapaċi jiddekomponu waħedhom skont it-Test tal-Ħawt (Trough Test) (ara l-Manwal tat-Testijiet u l-Kriterji, parti III, sub-taqsima 38.2) u li fih il-kontenut ta' nitroġenu bħala riżultat ta' nitrat tal-ammonju huwa

(a) bejn 15,75 % u 24,5 % bil-piż (15,75 % u 24,5 % kontenut tan-nitroġenu skont il-piż b'riżultat ta' nitrat tal-ammonju li jikkorrespondi għal 45 % u 70 % ta' nitrat ta' ammonju, rispettivament) u li fihom total ta' mhux iktar minn 0,4 % ta' materjali kombustibbli/organiċi jew jissodisfaw test xieraq ta' reżistenza għad-detonazzjoni (eż. prova f' tubu tal-azzar ta' 4 pulzieri);
(b) 15,75 % skont il-piż jew inqas u materjali kombustibbli mhux ristretti.

([23]) Nitrat tal-ammonja (5 000); il-grad tal-fertilizzant.

Dan japplika għal fertilizzanti puri bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju u għal fertilizzanti komposti/imħalltin ibbażati fuq in-nitrat tal-ammonju meta l-kontenut tan-nitroġenu bħala riżultat ta' nitrat tal-ammonju jkun:

(a) iktar minn 24,5 % skont il-piż, ħlief għal taħlitiet ta' fertilizzanti puri bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju bid-dolomit, ġebel tal-ġir u/jew karbonat tal-kalċju b'purità ta' inqas minn 90 %;
(b) iktar minn 15,75 % skont il-piż għal taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju u sulfat tal-ammonju;
(c) aktar minn 28 % (28 % kontenut ta' nitroġenu skont il-piż bħala riżultat tan-nitrat tal-ammonju li jikkorrispondi għal 80 % ta' nitrat tal-ammonju) skont il-piż għal taħlitiet ta' fertilizzanti puri bbażati fuq in-nitrat tal-ammonju bid-dolomit, ġebel tal-ġir u/jew karbonat tal-kalċju b'purità ta' inqas minn 90 % u li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' test xieraq ta' reżistenza għad-detonazzjoni (eż., prova f'tubu tal-azzar ta' 4 pulzieri).

([24]) Nitrat tal-ammonju (2 500); il-grad tekniku.

Dan japplika għal:

(a) Nitrat tal-ammonju u taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju meta l-kontenut tan-nitroġenu bħala riżultat tan-nitrat tal-ammonja jkun:
    (i) Bejn 24,5 % u 28 % skont il-piż, u li fihom hemm mhux iktar minn 0,4 % ta' sustanzi kombustibbli;
    (ii) Iktar minn 28 % skont il-piż, u li fihom iktar minn 0,2 % sustanzi kombustibbli;
(b) Taħlit bl-ilma tan-nitrat tal-ammonju meta l-konċentrazzjoni tan-nitrat tal-ammonja tkun iktar minn 80 % bl-użin.

(25) Nitrat tal-ammonju (50): materjal u fertilizzanti mingħajr speċifikazzjoni ("off-specs") li ma jkunux issodisfaw ir-rekwiżiti ta' test xieraq ta' reżistenza għad-detonazzjoni (eż., prova f'tubu tal-azzar ta' 4 pulzieri).

Dan japplika għal:

(a) Materjal irrifjutat matul il-proċess tal-manifattura u għal nitrat tal-ammonju u taħlitiet ta' nitrat tal-ammonju, fertilizzanti puri bbażati fuq nitrat tal-ammonju u fertilizzanti komposti/imħalltin ibbażati fuq nitrat tal-ammonju msemmija fin-noti 23 u 24, li qegħdin jiġu jew ġew irritornati minn min użahom l-aħħar lil manifattur, ħażna temporanja jew impjant ta' proċessar mill-ġdid għal tħaddim mill-ġdid, riċiklaġġ jew trattament għal użu sikur, għaliex ma jikkonformawx iktar mal-ispeċifikazzjonijiet tan-noti 23 u 24;

(b) Fertilizzanti msemmija f'nota 22 (a) u nota 23 li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti ta' test xieraq ta' reżistenza għad-detonazzjoni (eż., prova f' tubu tal-azzar ta' 4 pulzieri).

(26) Nitrat tal-potassju (10 000): Dan japplika għal dawk il-fertilizzanti komposti bbażati fuq in-nitrat tal-potassju (f'forma mrammla/granulari) li jkollhom l-istess proprjetajiet bħan-nitrat tal-potassju pur.

(27) Nitrat tal-potassju (5 000): Dan japplika għal dawk il-fertilizzanti komposti bbażati fuq in-nitrat tal-potassju (f'forma kristallina) li jkollhom l-istess proprjetajiet perikolużi bħan-nitrat tal-potassju pur.

(28) Bijogass mtejjeb: Għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din il-Konvenzjoni, il-bijogass raffinat jista' jkun ikklassifikat taħt l-Entrata 14 tal-Parti 2 tal-Anness I meta jkun ġie pproċessat skont l-istandards applikabbli għall-bijogass purifikat u raffinat biex tkun żgurata kwalità ekwivalenti għal dik tal-gass naturali, inkluż il-kontenut tal-metan, u li jkollu massimu ta' 1 % ta' ossiġenu.

(29) Poliklorodibenżofurani u poliklorodibenżodiossini.

Il-kwantitajiet ta' poliklorodibenżofurani u poliklorodibenżodiossini jiġu kkalkulati bl-użu ta' dawn il-fatturi ta' ekwivalenza tat-tossiċità mammifera u tal-bniedem għal diossini u komposti simili għad-diossini (TEF) tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) kif evalwat mill-ġdid fl-2005:

*WHO 2005 TEF*

| Diossini | TEF | Furans | TEF |
|---|---|---|---|
| 2,3,7,8-TCDD | 1 | 2,3,7,8-TCDF | 0,1 |
| 1,2,3,7,8-PeCDD | 1 | 2,3,4,7,8-PeCDF | 0,3 |
| 1,2,3,4,7,8-HxCDD | 0,1 | 1,2,3,7,8-PeCDF | 0,03 |
| 1,2,3,6,7,8-HxCDD | 0,1 | 1,2,3,4,7,8-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,7,8,9-HxCDD | 0,1 | 1,2,3,7,8,9-HxCDF | 0,1 |
| 1,2,3,4,6,7,8-HpCDD | 0,01 | 2,3,4,6,7,8-HxCDF | 0,1 |
| OCDD | 0,0003 | 1,2,3,7,8,9-HxCDF | 0,1 |
| | | 1,2,3,4,6,7,8-HpCDF | 0,01 |
| | | 1,2,3,4,7,8,9-HpCDF | 0,01 |
| | | OCDF | 0,0003 |

Taqsiriet: Hx = hexa, Hp = hepta, O = octa, P = penta, T = tetra.

Referenza: Martin Van den Berg u oħrajn, The 2005 World Health Organization Re-evaluation of Human and Mammalian Toxic Equivalency Factors for Dioxins and Dioxin-like Compounds, Toxicological Sciences, vol. 93, No. 2 (Ottubru 2006), pp. 223–241 (2006).

(30) Sakemm it-taħlita fl-assenza tal-ipoklorur tas-sodju ma tkunx ikklassifikata bħala akkwatika akuta, Kategorija 1.

(31) F'każijiet fejn din is-sustanza perikoluża taqa' fil-Kategorija 10 likwidi fjammabbli jew 11 likwidi fjammabbli, għall-finijiet ta' din il-Konvenzjoni għandhom japplikaw il-kwantitajiet li jikkwalifikaw il-limiti ta' kwantità l-iktar baxxi.

## Corrigendum

1. Anness, Parti I, entrata 8

   Flok Aerosols aqra Aerosols (10)

2. Anness, Parti I, entrata 11, l-aħħar linja

   Flok perikli ta' aċċidenti industrijali aqra perikli ta' aċċidenti industrijali (14)

3. Annex, Part II, entrata 43

   Flok Metilpiridina (31) aqra 3-Metilpiridina (31)

4. Anness, Noti 13, 15 u 16

   Flok Kapitolu 2.4.2 aqra Kapitolu 2.6.2

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/872/PESK

## tal-4 ta' Diċembru 2014

## li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina u d-Deċiżjoni 2014/659/PESK li temenda d-Deċiżjoni 2014/512/PESK

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2014, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2014/512/PESK ([1]).

(2) Fit-8 ta' Settembru 2014, il-Kunsill adotta d- Deċiżjoni 2014/659/PESK ([2]) sabiex jiġu imposti aktar miżuri restrittivi.

(3) Il-Kunsill iqis li huwa meħtieġ li jiġu ċċarati ċerti dispożizzjonijiet.

(4) Hija meħtieġa azzjoni ulterjuri mill-Unjoni sabiex jiġu implimentati ċerti miżuri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2014/512/PESK hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 1 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Għandu jkun ipprojbit li, b'mod dirett jew indirett, wieħed jagħmel jew ikun parti minn arranġament biex jagħmel self jew kreditu ġdid b'maturità li taqbeż it-30 jum lil kwalunkwe persuna ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-paragrafu 1 jew fil-paragrafu 2, wara t-12 ta' Settembru 2014 ħlief għal self jew kreditu li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament għal importazzjonijiet jew esportazzjonijiet, diretti jew indiretti, mhux projbiti ta' prodotti u ta' servizzi mhux finanzjarji bejn l-Unjoni u kwalunkwe Stat terz ieħor jew għal self li jkollu objettiv speċifiku u dokumentat li jipprovdi finanzjament ta' emerġenza biex jissodisfa kriterji ta' solvenza u likwidità għal persuni ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni, li aktar minn 50 % tad-drittijiet proprjetarji tagħhom ikunu ta' entità msemmija fl-Anness I.";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"4. Il-projbizzjoni fil-paragrafu 3 ma għandhiex tapplika għal użu ta' kreditu disponibbli jew ħlasijiet magħmula taħt kuntratt konkluż qabel it-12 ta' Settembru 2014 jekk:

(a) it-termini u kondizzjonijiet kollha ta' dan l-użu ta' kreditu jew ta' dawn il-ħlasijiet:

(i) kienu miftehmin qabel it-12 ta' Settembru 2014; u

(ii) ma ġewx emendati f'dik id-data jew warajha; u

(b) qabel it-12 ta' Settembru 2014 kienet ġiet iffissata data ta' skadenza kuntrattwali għar-rimborż sħiħ tal-fondi kollha li kienu saru disponibbli u għall-kanċellament tal-impenji, drittijiet u obbligi kollha taħt il-kuntratt.

It-termini u l-kondizzjonijiet tal-użu ta' kreditu disponibbli u ħlasijiet imsemmijin f'dan il-paragrafu jinkludu dispożizzjonijiet li jikkonċernaw it-tul tal-perijodu tar-rimborż għal kull użu ta' kreditu disponibbli jew ħlas, ir-rata ta' imgħax applikata jew il-metodu tal-kalkolu tar-rata ta' imgħax, u l-ammont massimu.".

(2) Fl-Artikolu 2, il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, u għall-forniment ta' partijiet ta' rikambju u servizzi meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet eżistenti fl-Unjoni.".

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/512/PESK tal-31 ta' Lulju 2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 229, 31.7.2014, p. 13).

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/659/PESK tat-8 ta' Settembru 2014 li temenda d-Deċiżjoni 2014/152/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabbilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukraina (ĠU L 271, 12.9.2014, p. 54).

(3) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.".

(4) Fl-Artikolu 3a, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafi 1 u 2 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel it-12 ta' Settembru 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti, u għall-forniment ta' assistenza meħtieġa għall-manutenzjoni u s-sikurezza ta' kapaċitajiet eżistenti fl-UE.".

(5) L-Artikolu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 4*

1. Il-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni, diretti jew indiretti, ta' ċertu tagħmir adatt għall-kategoriji segwenti ta' proġetti ta' esplorazzjoni u produzzjoni fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklużiva u l-Blata Kontinentali tagħha, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajruplani taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandhom ikunu soġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li qed jesporta:

(a) l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-ilmijiet aktar fondi minn 150 metru;

(b) l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fiż-żona lil hinn mill-kosta fit-tramuntana taċ-Ċirku tal-Artiku;

(c) proġetti li jkollhom il-potenzjal li jipproduċu ż-żejt minn riżorsi li jinsabu f'formazzjonijiet ta' shale permezz ta' fratturazzjoni idrawlika; dan ma japplikax għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni f'formazzjonijiet ta' shale bl-għan li jinstab jew jiġi estratt żejt minn depożiti mhux tax-shale.

L-Unjoni għandha tieħu l-miżuri meħtieġa sabiex tiddetermina l-oġġetti rilevanti li għandhom ikunu koperti minn dan il-paragrafu.

2. L-għoti ta':

(a) għajnuna teknika jew servizzi oħra relatati mat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1;

(b) finanzjament jew għajnuna finanzjarja għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni tat-tagħmir imsemmi fil-paragrafu 1 jew għall-għoti ta' assistenza teknika jew taħriġ tekniku relatati;

għandu wkoll ikun soġġett għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru li qed jesporta.

3. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma għandhom jagħtu l-ebda awtorizzazzjoni għal kwalunkwe bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni tat-tagħmir jew għall-provvista tas-servizzi, kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jekk huma jiddeterminaw li l-bejgħ, il-forniment, it-trasferiment jew l-esportazzjoni kkonċernati jew il-provvista tas-servizz ikkonċernat ikunu destinati għal waħda mill-kategoriji ta' esplorazzjoni u produzzjoni msemmija fil-paragrafu 1.

4. Il-paragrafu 3 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel l-1 ta' Awwissu 2014 jew kuntratti anċillari meħtieġa għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.

5. Tista' tingħata awtorizzazzjoni fejn il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni tal-oġġetti jew il-provvista tas-servizzi, kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, ikunu meħtieġa għall-prevenzjoni jew il-mitigazzjoni urġenti ta' avveniment li probabbilment ikollu impatt serju u sinifikanti fuq is-saħħa u s-sikurezza tal-bniedem jew fuq l-ambjent. F'każijiet debitament ġustifikati ta' emerġenza, il-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew il-provvista tas-servizzi, kif imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, jistgħu jipproċedu mingħajr awtorizzazzjoni, sakemm l-esportatur jinnotifika lill-awtorità kompetenti fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol wara li jkunu saru l-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew il-provvista tas-servizzi, filwaqt li jagħti dettalji dwar il-ġustifikazzjoni rilevanti għall-bejgħ, forniment, trasferiment jew esportazzjoni jew il-provvista ta' servizzi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel".

(6) Fl-Artikolu 4a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-forniment dirett jew indirett ta' servizzi assoċjati meħtieġa għall-kategoriji segwenti ta' proġetti ta' esplorazzjoni u produzzjoni fir-Russja, inkluża ż-Żona Ekonomika Esklużiva u l-Blata Kontinentali tagħha, minn ċittadini tal-Istati Membri, jew mit-territorji tal-Istati Membri, jew bl-użu ta' bastimenti jew ajruplani taħt il-ġurisdizzjoni tal-Istati Membri, għandu jkun ipprojbit:

(a) l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fl-ilmijiet aktar fondi minn 150 metru;

(b) l-esplorazzjoni u l-produzzjoni taż-żejt fiż-żona lil hinn mill-kosta fit-tramuntana taċ-Ċirku tal-Artiku;

(c) proġetti li jkollhom il-potenzjal li jipproduċu ż-żejt minn riżorsi li jinsabu f'formazzjonijiet ta' shale permezz ta' fratturazzjoni idrawlika; dan ma japplikax għall-esplorazzjoni u l-produzzjoni f'formazzjonijiet ta' shale bl-għan li jinstab jew jiġi estratt żejt minn depożiti mhux tax-shale.".

*Artikolu 2*

Il-premessa 5 tad-Deċiżjoni 2014/659/PESK hija sostitwita b'dan li ġej:

"(5) F'dan il-kuntest, huwa xieraq li tiġi estiża l-projbizzjoni fir-rigward ta' ċerti strumenti finanzjarji. Għandhom jiġu imposti restrizzjonijiet addizzjonali dwar aċċess għas-suq tal-kapital fir-rigward ta' istituzzjonijiet finanzjarji Russi li huma l-proprjetà tal-Istat, ċerti entitajiet Russi fis-settur tad-difiża, u ċerti entitajiet Russi li l-kummerċ ewlieni tagħhom huwa l-bejgħ jew it-trasport taż-żejt. Dawn il-projbizzjonijiet ma jaffettwawx is-servizzi finanzjarji mhux imsemmija fl-Artikolu 1.".

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

S. GOZI

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-3 ta' Diċembru 2014**

**li tħassar id-Deċiżjoni 2002/249/KE li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti konnessi mal-industrija tas-sajd u dawk tal-akkwakultura, intiżi għall-konsum uman u importati mill-Mjanmar**

*(notifikata bid-dokument C(2014) 9057)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/873/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 22(1) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/249/KE ([3]) tintroduċi ċertu miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċertu prodotti tal-industrija tas-sajd u tal-akkwakultura li huma intiżi għall-konsum mill-bniedem u importati mill-Mjanmar u tispeċifika t-testijiet li għandhom isiru mill-Istati Membri fuq il-gambli.

(2) Decision 2002/249/KE provides that that Decision is to be reviewed in the light of the guarantees offered by the competent authorities of Myanmar and on the basis of the results of the tests carried out by the Member States.

(3) L-importazzjoni ta' prodotti tal-akkwakultura mill-Mjanmar fl-UE mhijiex awtorizzata.

(4) L-użi kollha tal-kloramfenikol u tan-nitrofurani fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma pprojbiti fil-Mjanmar mis-16 ta' Novembru 2011 permezz tad-Direttiva ta' Burma 6/2011.

(5) L-awtoritajiet kompetenti fil-Mjanmar wettqu testijiet ta' monitoraġġ fuq prodotti tas-sajd sa mid-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni li rriżultaw negattivi għall-preżenza tal-kloramfenikol u tan-nitrofurani.

(6) Minn Ġunju 2009, l-ebda test mill-Istati Membri kif imsemmi fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2002/249/KE dwar il-gambli importati mill-Mjanmar ma kellu riżultat mhux sodisfaċenti. Għaldaqstant, ma għadx hemm il-ħtieġa li wieħed jittestja kull kunsinna, b'mod partikolari, bil-ħsieb li tinstab il-preżenza ta' kloramfenikol.

(7) Id-Deċiżjoni 2002/249/KE għandha għalhekk titħassar skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2002/249/KE hija b'dan imħassra.

---

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.
([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2002/249/KE tas-27 ta' Marzu 2002 li tikkonċerna ċerti miżuri ta' protezzjoni fir-rigward ta' ċerti prodotti konnessi ma' l-industrija tas-sajd u dawk ta' l-akkwakultura, intiżi għall-konsum uman u importati mill-Myanmar (ĠU L 84, 28.3.2002, p. 73).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

Vytenis ANDRIUKAITIS

*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-3 ta' Diċembru 2014

## li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE, dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha

*(notifikata bid-dokument C(2014) 9113)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/874/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 53(1)(b)(i) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw b'mod ġenerali l-ikel u l-għalf, u b'mod partikolari s-sikurezza tal-ikel u tal-għalf, fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali. Dan jistipula miżuri ta' emerġenza fejn huwa evidenti li ikel jew għalf importat minn pajjiż terz x'aktarx huwa ta' riskju serju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għall-ambjent, u li riskju bħal dan ma jistax jitrażżan b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri meħuda mill-Istat Membru/Istati Membri kkonċernat/i.

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/866/KE ([2]) ġiet adottata wara tifqigħa tal-Epatite A fil-bnedmin relatata mal-konsum ta' molluski bivalvi importati mill-Perù li kienu kkontaminati mill-vajrus tal-Epatite A (HAV). Dik id-Deċiżjoni inizjalment kienet tapplika sal-31 ta' Marzu 2009, imma dan il-perjodu ta' applikazzjoni kien ġie estiż sat-30 ta' Novembru 2014 bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/636/UE ([3]).

(3) L-Awtorità Kompetenti Peruvjana ntalbet tipprovdi garanziji sodisfaċenti biex tassigura li n-nuqqasijiet identifikati fir-rigward tas-sistema ta' monitoraġġ għad-detezzjoni tal-vajrus f'molluski bivalvi ħajjin ġew ikkoreġuti. B'mod partikolari, għandhom jiġu ppreżentati r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ tal-gandoffli Donax (*Donax* spp.). Minkejja l-fatt li l-gandoffli Donax (*Donax* spp.) ikkawżaw it-tifqigħa tal-Epatite A fil-bnedmin, sa issa r-riżultati tal-programm ta' monitoraġġ għal din l-ispeċi għadhom ma ġewx ippreżentati lill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Kummissjoni ma tistax tikkonkludi li s-sistema ta' kontroll u l-pjan ta' monitoraġġ li hemm fis-seħħ bħalissa fil-Perù għal ċerti molluski bivalvi huwa kapaċi jagħti l-garanziji meħtieġa mil-liġi tal-Unjoni. B'riżultat ta' dan, il-miżuri ta' emerġenza għandhom jinżammu.

(4) Għalhekk, il-limitu tal-applikazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/866/KE għandu jiġi emendat kif xieraq.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Fl-Artikolu 5 tad-Deċiżjoni 2008/866/KE, id-data "30 ta' Novembru 2014" għandha tinbidel bid-data "30 ta' Novembru 2015".

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1.

([2]) Id-Deċiżjoni 2008/866/KE tat-12 ta' Novembru 2008 dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 307, 18.11.2008, p. 9).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/636/UE tal-31 ta' Ottubru 2013 li temenda d-Deċiżjoni 2008/866/KE dwar miżuri ta' emerġenza li jissospendu importazzjonijiet mill-Perù ta' ċerti molluski bivalvi maħsuba għall-konsum mill-bniedem, fir-rigward tal-perjodu tal-applikazzjoni tagħha (ĠU L 293, 5.11.2013, p. 42).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
Vytenis ANDRIUKAITIS
*Membru tal-Kummissjoni*

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

## tal-4 ta' Diċembru 2014

## dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN 15649-2:2009+A2:2013 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu u tar-referenzi tal-istandard EN 957-6:2010+A1:2014 għat-tagħmir fiss għat-taħriġ f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/875/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]), u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/95/KE, il-produtturi għandhom iqiegħdu biss prodotti siguri fis-suq.

(2) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, prodott għandu jitqies li huwa sigur, safejn għandhom x'jaqsmu r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti mill-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun jissodisfa l-istandards nazzjonali li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont l-Artikolu 4(2) ta' dik id-Direttiva.

(3) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/95/KE, l-istandards Ewropej jiġu stabbiliti minn organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni skont mandati mfasslin mill-Kummissjoni.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' dawn l-istandards.

(5) Fil-21 ta' April 2005, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2005/323/KE ([2]) dwar ir-rekwiżiti ta' sigurtà li jridu jissodisfaw l-istandards Ewropej għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu.

(6) Fis-6 ta' Settembru 2005, il-Kummissjoni ħarġet il-mandat M/372 lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex ifasslu standards Ewropej biex jiġu indirizzati r-riskji ewlenin marbutin mal-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu, jiġifieri l-inċidenti li fihom jegħreq, jew kważi jegħreq, xi ħadd, riskji oħrajn marbutin mad-disinn tal-prodotti, fosthom il-ġarr mill-kurrent, it-telf ta' qbid, il-waqgħat mill-għoli, il-qbid jew it-taħbil fuq l-ilma jew taħt wiċċ l-ilma, it-telf għall-għarrieda tal-kapaċità tal-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma, il-qlib tagħhom u l-bidliet f'daqqa fit-temperatura, ir-riskji inerenti fl-użu ta' dawn l-oġġetti, bħall-ħabtiet u l-impatti, kif ukoll ir-riskji marbutin mar-riħ, mal-kurrenti u mal-marea.

(7) Bi tweġiba għall-mandat mogħti lilu mill-Kummissjoni, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni adotta sensiela ta' standards Ewropej għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu (l-istandard EN 15649, il-partijiet 1 sa 7). Fit-18 ta' Lulju 2013, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/390/UE ([3]), li tistabbilixxi li l-ewwel sas-seba' parti tal-istandard Ewropew EN 15649 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu jissodisfaw ir-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali mogħti fid-Direttiva 2001/95/KE għar-riskji li jkopru, u ppubblikat ir-referenzi tagħhom fil-parti C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Minn dakinhar 'l hawn, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni rreveda l-istandard Ewropew EN 15649-2:2009+A2:2013 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu.

([1]) ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/323/KE tal-21 ta' April 2005 dwar il-ħtiġijiet għas-sigurtà li għandhom jitwettqu mill-istandards Ewropej għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fuq jew fl-ilma in segwitu għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 104, 23.4.2005, p. 39).

([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/390/UE tat-18 ta' Lulju 2013 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej serje EN 15649 (partijiet 1-7) għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fuq l-ilma jew fl-ilma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 196, 19.7.2013, p. 22).

(9) L-istandard Ewropew EN 15649-2:2009+A2:2013 jissodisfa l-mandat M/372 u huwa konformi mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Fis-27 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/476/UE ([1]) dwar ir-rekwiżiti tas-sigurtà li jridu jissodisfaw l-istandards Ewropej għat-tagħmir fiss għat-taħriġ.

(11) Fil-5 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni ħarġet il-mandat ta' standardizzazzjoni M/506 lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex dawn jiżviluppaw standards Ewropej għat-tagħmir fiss għat-taħriġ. Dawn l-istandards kellhom isegwu l-prinċipju li, f'kundizzjonijiet normali tal-użu ta' dan it-tagħmir li huma raġonevoli u prevedibbli, id-disinn jew is-salvagwardji tiegħu għandhom inaqqsu kemm jista' jkun ir-riskji ta' korriment jew ta' ħsara għas-saħħa u s-sigurtà.

(12) Il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni adotta sensiela ta' standards Ewropej (l-istandard EN 957, il-parti 2 u l-partijiet 4 sa 10), u l-istandard Ewropew EN ISO 20957, il-parti 1. Dawn jaqgħu fl-ambitu tal-mandat tal-Kummissjoni.

(13) Fit-13 ta' Ġunju 2014, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/357/UE ([2]), li tistabbilixxi li t-tieni parti u r-raba' sal-għaxar parti tas-sensiela ta' standards Ewropej EN 957 u l-ewwel parti tal-istandard Ewropew EN ISO 20957 għat-tagħmir fiss għat-taħriġ jissodisfaw ir-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali mogħti fid-Direttiva 2001/95/KE għar-riskji li jkopru, u ppubblikat ir-referenzi tagħhom fil-parti C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(14) Minn dakinhar 'l hawn, il-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni rreveda l-istandard Ewropew EN 957-6:2010+A1:2014 għat-tagħmir fiss għat-taħriġ.

(15) L-istandard Ewropew EN 957-6:2010+A1:2014 jissodisfa l-mandat M/506 u huwa konformi mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali mogħti fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(16) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Ir-referenzi tal-istandards li ġejjin għandhom jiġu ppubblikati fil-parti C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*:

(a) EN 15649-2:2009+A2:2013 "Oġġetti ta' divertiment li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu — It-tieni parti: Tagħrif għall-konsumaturi"; u

(b) EN 957-6:2010+A1:2014 "Tagħmir fiss għat-taħriġ — Is-sitt parti: Treadmills, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-sikurezza u metodi ta' ttestjar".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-4 ta' Diċembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/476/UE tas-27 ta' Lulju 2011 dwar rekwiżiti ta' sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal tagħmir fiss għat-taħriġ skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 196, 28.7.2011, p. 16).

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/357/UE tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej serje EN 957 (partijiet 2 u 4-10) u EN ISO 20957 (parti 1) għal tagħmir fiss għat-taħriġ u ta' għaxar standards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 40).

ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT